

**Brussell, 23 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)**

**10607/22**

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0195(COD)**

---

---

**ENV 656  
CODEC 1007  
CLIMA 317**

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Ġunju 2022
lil:	Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 304 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar ir-restawr tan-natura

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 304 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 304 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.6.2022  
COM(2022) 304 final

2022/0195 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-restawr tan-natura**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2022) 256 final} - {SWD(2022) 167 final} - {SWD(2022) 168 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### **KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Minkejja l-isforzi tal-UE u dawk internazzjonali, it-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistemi jkomplu b'rata allarmanti, u dan jagħmel ħsara lill-persuni, lill-ekonomija u lill-klima. Dan huwa ddokumentat b'mod wiesa', b'mod partikolari f'rapporti mill-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)<sup>1</sup> u l-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi<sup>2</sup>, ir-rapport ta' progress dwar il-Miri ta' Aichi<sup>3</sup>, u l-Ekonomija tal-Bijodiversità: Ir-Rieżami ta' Dasgupta<sup>4</sup>. Ekosistemi f'saħħithom jipprovdu l-ikel u s-sigurtà tal-ikel, ilma nadif, bjar ta' karbonju u protezzjoni kontra diżastri naturali kkawżati mit-tibdil fil-klima. Dawn huma essenzjali għas-sopravivenza, il-benesseri, il-prosperità u s-sigurtà fit-tul tagħna, peress li huma l-bażi għar-reżiljenza tal-Ewropa.

Ir-restawr tal-ekosistemi, flimkien mal-isforzi biex jitnaqqsu l-kummerċ u l-konsum tal-ħajja selvaġġa, se jgħinu wkoll fil-prevenzjoni u l-bini ta' reżiljenza għal marda komunikabbli futur possibbli b'potenzjal zoonotiku, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' tifqigħat u pandemiji, u jikkontribwixxu biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE u dawk globali biex jiġi applikat l-approċċ "Saħħa Waħda", li jirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-animali u natura reżiljenti f'saħħitha.

Ir-rapport tal-IPCC tal-2022 enfażizza b'mod partikolari li d-dinja u l-Ewropa għandhom tieqa żgħira u li qed tingħalaq malajr biex jiżguraw futur abitabbli, peress li ż-żieda fl-estremittajiet tat-temp u tal-klima wasslet għal xi impatti irriversibbli hekk kif is-sistemi naturali u tal-bniedem qed jitwasslu sal-limitu tal-kapaċità tagħhom li jadattaw. Isejjaħ għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet urġenti għar-restawr tal-ekosistemi degradati, biex jiġu mitigati l-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jiġu restawrati l-artijiet mistagħdra u x-xmajjar, il-foresti u l-ekosistemi agrikoli degradati.

L-iżviluppi ġeopolitiċi reċenti enfażizzaw aktar il-ħtieġa li jiġu salvagwardjati s-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel. Iż-żidiet fil-prezz tal-prodotti bażiċi u t-ħassib dwar is-sigurtà globali tal-ikel jirrikjedu li jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet, bħad-dipendenzi fuq l-importazzjonijiet, u li tiġi aċċellerata t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel li huma sostenibbli u reżiljenti<sup>5</sup>. L-evidenza turi li r-restawr tal-agroekosistemi għandu impatti pożittivi fuq il-produttività tal-ikel fit-tul, u r-restawr tan-natura jaġixxi bħala polza tal-assigurazzjoni biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-UE fit-tul.

---

<sup>1</sup> Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC): Rapport Speċjali dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1,5 °C, disponibbli fuq <https://www.ipcc.ch/sr15/>, u s-Sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC, [Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability | Climate Change 2022: Impacts, Adaptation and Vulnerability \(ipcc.ch\)](https://www.ipcc.ch/report/ar6/wg2/)

<sup>2</sup> Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services: 2019 global assessment report on biodiversity and ecosystem services, disponibbli fuq <https://doi.org/10.5281/zenodo.5657041>.

<sup>3</sup> Convention on Biological Diversity, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/convention/text/>.

<sup>4</sup> Professor Sir Partha Dasgupta, Final report of the independent review on The Economics of Biodiversity, 2 ta' Frar 2021, disponibbli fuq <https://www.gov.uk/government/publications/final-report-the-economics-of-biodiversity-the-dasgupta-review>.

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM (2022) 133 final.

Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, ippublikat fid-9 ta' Mejju 2022<sup>6</sup>, fil-proposti tagħhom dwar l-agrikoltura, il-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità, l-ekosistemi u t-niġġis, iċ-ċittadini talbu b'mod partikolari biex "jinħolqu, jiġu restawrati, jiġu mmaniġġjati aħjar u jiġu estiżi ż-żoni protetti – għall-konservazzjoni tal-bijodiversità"; biex "jiġu protetti l-insetti, b'mod partikolari l-insetti indiġeni u dakkara, inkluż permezz tal-protezzjoni kontra l-ispeċijiet invażivi u infurzar aħjar tar-regolament eżistenti"; kif ukoll biex "jiġu stabbiliti miri nazzjonali vinkolanti fl-Istati Membri kollha tal-UE għar-riforestazzjoni tas-siġar indiġeni u tal-flora lokali, filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjonijiet u l-ispeċifità nazzjonali differenti". Fir-rigward tal-proposti tagħhom dwar l-informazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, id-djalogu u l-istil ta' ħajja, iċ-ċittadini talbu b'mod partikolari biex "jiġu inklużi l-produzzjoni tal-ikel u l-protezzjoni tal-bijodiversità bħala parti tal-edukazzjoni, inkluż il-vantaġġ ta' ikel mhux ipproċessat fuq ikel ipproċessat, u biex jiġu promossi l-ġonna fl-iskejjel, jiġu ssussidjati l-proġetti ta' ġardinaġġ urban u l-biedja vertikali" u biex "jikkunsidraw li jagħmlu l-bijodiversità suġġett obligatorju fl-iskejjel u li jqajmu kuxjenza għall-bijodiversità permezz tal-użu ta' kampanji tal-media u 'kompetizzjonijiet' inċentivati fl-UE kollha"<sup>7</sup>. Għalhekk hija meħtieġa aktar azzjoni deċiżiva biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità għall-2030 u għall-2050, u biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel.

**Għalhekk, hija meħtieġa azzjoni aktar deċiżiva biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE dwar il-klima u l-bijodiversità għall-2030 u għall-2050, u biex tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel.** Il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>8</sup> jimpenja ruħu biex jiproteġi u jirrestawra n-natura. Jiddikjara li l-Kummissjoni se tidentifika miżuri, inklużi dawk legali, biex tgħin lill-Istati Membri jtejbju u jirrestawraw l-ekosistemi danneġġati u rikki fil-karbonju għal status ekoloġiku tajjeb. Il-Patt Ekoloġiku enfasizza wkoll li l-azzjonijiet u l-politiki kollha tal-UE għandhom jiġbdu ħabel wieħed biex jgħinu lill-UE tikseb tranżizzjoni ġusta u li tkun suċċess lejn futur sostenibbli.

L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>9</sup> stabbiliet miri biex tiproteġi aktar lin-natura fl-UE. Madankollu, enfasizzat li l-protezzjoni waħedha ma tkunx biżżejjed: sabiex it-telfien tal-bijodiversità jitreġġa' lura, huma meħtieġa sforzi akbar biex in-natura terġa' lura għal saħħa tajba madwar l-UE, f'żoni protetti u lil hinn minnhom. Għalhekk, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tipproponi miri legalment vinkolanti għar-restawr ta' ekosistemi tal-UE degradati, b'mod partikolari dawk bl-aktar potenzjal li jneħħu u li jaħżnu l-karbonju u li jipprevjenu u jnaqqsu l-impatt tad-diżastri naturali.

Sa issa, l-UE naqset milli twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità. Studju reċenti<sup>10</sup> finalizzat fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2020<sup>11</sup> juri li l-UE ma

<sup>6</sup> Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa saret bejn April 2021 u Mejju 2022. Kienet eżerċizzju uniku, immexxi miċ-ċittadini ta' demokrazija deliberattiva fil-livell pan-Ewropew, li involva eluf ta' ċittadini Ewropej kif ukoll atturi politiċi, sħab soċjali, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati ewlenin.

<sup>7</sup> *Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – Rapport dwar l-Eżitu Finali*, Mejju 2022, Proposta 2 p. 44, u Proposta 6 p. 48.

<sup>8</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

<sup>9</sup> [https://ec.europa.eu/environment/strategy/biodiversity-strategy-2030\\_mt#the-business-case-for-biodiversity](https://ec.europa.eu/environment/strategy/biodiversity-strategy-2030_mt#the-business-case-for-biodiversity).

<sup>10</sup> Trinomics B.V. (2021) Support to the evaluation of the EU Biodiversity Strategy to 2020, and follow-up: Final study report (Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE, 2022). Għal sommarju tas-sejbiet rilevanti ewlenin: ara l-Anness IX tal-valutazzjoni tal-impatt. Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2020 mistenni f'April 2022.

setgħetx twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità bejn l-2011 u l-2020. Hija ma ssodisfatx il-mira volontarja li jiġu restawrati mill-inqas 15 % tal-ekosistemi degradati sal-2020 (f'konformità mal-Mira 15 ta' Aichi tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika<sup>12</sup>). Il-perspettiva għall-bijodiversità u l-ekosistemi hija dgħajfa u turi li l-approċċ attwali mhuwiex qed jaħdem.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ukoll saħqu fuq it-tiŝiħ tal-isforzi għar-restawr tal-ekosistemi, kif espress fil-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2019<sup>13</sup> u f'riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew f'Jannar 2020<sup>14</sup>. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament talbet lill-Kummissjoni biex “timxi lil hinn mill-impenji volontarji u biex tipproponi Strateġija ambizzjuża u inklużiva li tistabbilixxi miri legalment (u, konsegwentement, infurzabbli) vinkolanti għall-UE u għall-Istati Membri tagħha”. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-9 ta' Ġunju 2021<sup>15</sup>, il-Parlament Ewropew laqa' b'mod qawwi l-impenn tal-Kummissjoni li tfassal proposta leġiżlattiva dwar ir-restawr tan-natura, inkluż dwar miri vinkolanti ta' restawr.

Ir-restawr tal-ekosistemi huwa wkoll prijorità fuq l-aġenda internazzjonali. Il-viżjoni tal-2050 skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika<sup>16</sup>, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda Kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD)<sup>17</sup>, l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli)<sup>18</sup> u d-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr<sup>19</sup> kollha jitolbu li jiġu protetti u restawrati l-ekosistemi. Se jkun meħtieġ ukoll restawr biex l-UE tissodisfa l-impenji tagħha skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, u l-Ftehim ta' Pariġi<sup>20</sup>. Ekosistemi bħat-torbieri, l-artijiet mistagħdra, l-oċeani u l-foresti jistgħu – jekk ikunu f'kundizzjoni tajba – ineħħu u jaħżnu ammonti kbar ta' diossidu tal-karbonju u jikkontribwixxu wkoll b'mod sinifikanti għat-tnaqqis tal-impatt tat-tibdil fil-klima.

---

<sup>11</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-assigurazzjoni ta' haġjitna, il-kapital naturali tagħna: strateġija tal-UE għall-bijodiversità sal-2020, COM/2011/244 final.

<sup>12</sup> *Il-Pjan Strateġiku għall-2011-2020 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika* kien jinkludi 20 “Mira tal-Bijodiversità ta' Aichi”. Il-Mira 15 ta' Aichi tiddikjara li “Sal-2020, ir-reżiljenza tal-ekosistema u l-kontribut tal-bijodiversità għall-istokkijiet tal-karbonju ġew imsaħħa, permezz tal-konservazzjoni u r-restawr, inkluż ir-restawr ta' mill-inqas 15 fil-mija tal-ekosistemi degradati, u b'hekk jikkontribwixxu għall-mitigazzjoni u għall-adattament għat-tibdil fil-klima u għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni.”, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/sp/targets/rationale/target-15/>

<sup>13</sup> It-Thejġija tal-qafas globali tal-bijodiversità għal wara l-2020, il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (CBD) – Il-konklużjonijiet tal-Kunsill (15272/19) tad-19 ta' Diċembru 2019.

<sup>14</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2020 dwar il-15-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet (COP15) għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (2019/2824(RSP)).

<sup>15</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'haġjitna (2020/2273(INI)).

<sup>16</sup> First draft of the Post-2020 Global Biodiversity Framework, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/doc/c/914a/eca3/24ad42235033f031badf61b1/wg2020-03-03-en.pdf>.

<sup>17</sup> Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni f'Pajjiżi Milquta Serjament min-Nixfa u/jew id-Deżertifikazzjoni, b'mod partikolari fl-Afrika (UNCCD), disponibbli fuq [https://www.unccd.int/sites/default/files/relevant-links/2017-01/UNCCD\\_Convention\\_ENG\\_0.pdf](https://www.unccd.int/sites/default/files/relevant-links/2017-01/UNCCD_Convention_ENG_0.pdf).

<sup>18</sup> In-Nazzjonijiet Uniti: Ir-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015 - Transforming our World: the 2030 Aġenda for Sustainable Development, disponibbli fuq [https://www.un.org/ga/search/view\\_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E](https://www.un.org/ga/search/view_doc.asp?symbol=A/RES/70/1&Lang=E).

<sup>19</sup> Ir-Riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali fl-1 ta' Marzu 2019 - United Nations Decade on Ecosystem Restoration (2021–2030), disponibbli fuq <https://www.decadeonrestoration.org/about-un-decade>.

<sup>20</sup> Il-Ftehim ta' Pariġi, disponibbli fuq [https://unfccc.int/sites/default/files/english\\_paris\\_agreement.pdf](https://unfccc.int/sites/default/files/english_paris_agreement.pdf).

Il-proposta għal regolament dwar ir-restawr tan-natura tistabbilixxi objettiv ġenerali: li jsir kontribut għall-irkupru kontinwu, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE billi jiġu restawrati l-ekosistemi u li jsir kontribut għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jintlaħqu l-impenji internazzjonali tagħha.

Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, il-proposta tistabbilixxi diversi miri u obbligi vinkolanti ta' restawr f'firxa wiesgħa ta' ekosistemi. Dawn il-miżuri għandhom ikopru mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE sal-2030 u l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr sal-2050. Il-proposta hija appoġġata ulterjorment minn qafas ta' implimentazzjoni biex l-objettivi jissarrfu f'azzjoni, billi jitħejjew u jitwettqu pjanijiet nazzjonali ta' restawr.

Il-proposta għandha l-għan li tippermetti lill-UE taġixxi b'urġenza u li tibda tirrestawra l-ekosistemi abbażi ta' miri u obbligi vinkolanti li diġà jistgħu jitkejlu u jiġu mmonitorjati. Dan se jiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jibdedw ix-xogħol ta' restawr mingħajr dewmien. Aktar ekosistemi jistgħu jiġu inklużi fi stadji aktar tard billi jiġu żviluppatti metodi konġunti biex jiġu stabbiliti aktar miri billi jiġi emendat ir-regolament.

Għalhekk, il-proposta twitti t-triq għal firxa wiesgħa ta' ekosistemi fl-UE li jridu jiġu restawrati u miżmuma sal-2050, b'riżultati li jistgħu jitkejlu sal-2030 u l-2040. Dan jippermetti lill-UE tikkontribwixxi biex twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità u biex in-natura terġa' tkun f'saħħitha. Dan jippermetti wkoll lill-UE turi tmexxija globali dwar il-protezzjoni tan-natura, b'mod partikolari fil-Konferenza tal-Partijiet dwar il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika li se ssir aktar tard fl-2022.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta għandha l-għan li tikkomplementa l-politika ambjentali eżistenti. Hija mfassla biex taħdem b'mod effettiv f'sinerġija mal-liġi ambjentali tal-UE. Il-proposta se tagħti wkoll spinta lill-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni mtejbja ta' dawn il-liġijiet.

B'mod speċifiku, il-proposta se tikkomplementa:

id-Direttivi dwar l-Għasafar<sup>21</sup> u l-Ħabitats<sup>22</sup> billi tistabbilixxi skadenzi biex jintlaħqu l-miri u tirrikjedi lill-Istati Membri jirrestawraw l-ekosistemi barra min-network Natura 2000 ukoll;

id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma<sup>23</sup> billi jiġu speċifikati rekwiżiti addizzjonali ta' restawr għall-kontinwità tax-xmajjar u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tajbin tal-imqagħad;

id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina<sup>24</sup> b'miżuri speċifiċi u b'miri dettaljati għal ħabitats tal-baħar speċifiċi li jeħtieġu restawr;

ir-Regolament dwar Speċijiet Aljeni Invażivi<sup>25</sup>.

Se taħdem ukoll mill-qrib f'livell dettaljat mal-politika komuni tas-sajd, u se tiżgura l-koerenza u l-komplementarjetà fejn rilevanti.

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, pp. 7-25).

<sup>22</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>23</sup> Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, pp. 1-73).

<sup>24</sup> Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (ĠU L 164, 25.6.2008, pp. 19-40).

<sup>25</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, pp. 35-55).

Il-proposta għandha rabtiet diretti mal-istrateġija l-ġdida tal-UE għall-foresti għall-2030<sup>26</sup> u tikkontribwixxi għaliha b'miżuri ta' restawr li se jtejbu l-bijodiversità u r-reżiljenza tal-foresti, minħabba miri u obbligi speċifiċi għall-ħabitats tal-foresti.

Fir-rigward tal-politika agrikola komuni, il-proposta tibni fuq miri speċifiċi għall-ħabitats tal-artijiet bil-ħaxix li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, u b'mod aktar wiesa' fl-agroekosistemi tal-UE bbażati fuq evidenza ta' titjib ta' sett ta' indikaturi li jtejbu l-bijodiversità. Il-proposta għandha rabtiet ċari mal-istrateġija tal-UE dwar il-ħamrija minħabba li ħafna ekosistemi terrestri jiddependu fuq il-ħamrija sottostanti u jinteraġixxu magħha. Kwalunkwe mira oħra relatata mal-ħamrija se tiġi integrata f'leġiżlazzjoni futura li tirregola l-ħamrija.

Barra minn hekk, l-oġettiv propost biex jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi se jgħin biex jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva tal-UE dwar il-pollinaturi<sup>27</sup>. Il-miri fil-proposta biex jiżdedu l-ispacej hodur fiż-żoni urbani se jkollhom effett dirett fuq l-istrateġija tal-infrastruttura ekoloġika<sup>28</sup>.

Miżuri ta' politika taħt strateġiji ambjentali oħra, bħall-pjan ta' azzjoni tal-ekonomija ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva<sup>29</sup> u l-pjan ta' azzjoni għal tniġġis zero għall-arja, l-ilma u l-ħamrija<sup>30</sup>, se jgħinu biex itaffu l-pessjoni fuq l-ekosistemi billi jnaqqsu diversi forom ta' sustanzi niġġiesa. Miżuri bħar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment favur it-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (li trid tiġi adottata mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2022)<sup>31</sup>, jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-attitudnijiet neċessarji fir-rigward tas-sostenibbiltà ambjentali, inkluż b'appoġġ tar-restawr tan-natura.

## **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Ir-restawr tal-ekosistemi u t-tiġid tal-bijodiversità huma l-pedament tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-iżgurar ta' ekosistemi f'saħħithom u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima huma marbutin intrinsikament. It-tiġid globali għandu impatt dirett fuq l-ekosistemi b'effetti dejjiema jew irriversibbli, bħat-telfien tal-ekosistemi. Il-politiki tal-UE dwar il-klima bħall-Liġi Ewropea dwar il-Klima<sup>32</sup>, il-proposti inklużi fil-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" (b'mod partikolari l-proposta għal Regolament dwar l-Użu tal-art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-

<sup>26</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030, COM(2021) 572 final.

<sup>27</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi, COM/2018/395 final.

<sup>28</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, L-Infrastruttura Ekoloġika (IE) — Insaħħu l-Kapital Naturali tal-Ewropa, COM/2013/0249 final.

<sup>29</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva, COM/2020/98 final.

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Lejn Tniġġis Zero għall-Arja, għall-Ilma u għall-ħamrija, COM/2021/400 final.

<sup>31</sup> Abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-apprendiment favur is-sostenibbiltà ambjentali COM/2022/11 final.

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999.

Forestrija<sup>33</sup>) jenfasizzaw l-importanza kruċjali tal-bjar naturali għall-ġbir u l-ħżin tal-karbonju. Sabiex dan isir b'mod effettiv, l-ekosistemi bħall-artijiet mistagħdra u l-foresti jeħtieġ li jkunu f'kundizzjoni tajba. Għalhekk, dan ir-regolament jista' jkun mistenni li jikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-politiki dwar il-klima.

Ir-restawr tal-ekosistemi għal kundizzjoni tajba jfisser li jiġu pprovduti soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li jgħinu kemm biex jittaffa t-tibdil fil-klima kif ukoll biex jintlaħqu l-objettivi tal-istrateġija tal-UE dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima<sup>34</sup>. Ekosistemi aktar bijodiversi u f'saħħithom huma aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u huma effettivi wkoll fil-prevenzjoni tad-diżastri u fit-tnaqqis tar-riskji tagħhom. Skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, l-Istati Membri se jadottaw u se jimplementaw strateġiji nazzjonali ta' adattament li jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u adattament ibbażat fuq l-ekosistema. Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr skont din il-proposta se jaħdmu mill-qrib flimkien mal-istrateġiji nazzjonali ta' adattament skont il-Liġi Ewropea dwar il-Klima, u l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni ċivili<sup>35</sup>. Dawn se jsaħħu lil xulxin.

L-agrikoltura, il-forestrija u s-sajd huma kollha setturi li jiddependu fuq ekosistemi f'kundizzjoni tajba. L-agroekosistemi f'kundizzjoni tajba jipprovdu ikel sikur, sostenibbli, nutrittiv u affordabbli. Dawn jagħmlu l-agrikoltura aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima u għar-riskji ambjentali, filwaqt li joħolqu wkoll l-impjiegi (pereżempju fil-biedja organika, fit-turiżmu rurali u fir-rikreazzjoni). L-ekosistemi tal-foresti f'kundizzjoni tajba jipprovdu ħafna benefiċċji. Pereżempju, dawn jipprovdu injam u ikel, jaqbd u jaħżnu l-karbonju, jistabbilizzaw il-ħamrija, jippurifikaw l-arja u l-ilma, u jnaqqsu l-impatt tad-diżastri naturali bħan-nirien fil-foresti u l-mard tal-pesti. Iż-żamma tal-ekosistemi tal-baħar f'kundizzjoni tajba tgħin lill-bijodiversità b'mod sinifikanti billi tipprovdi żoni importanti ta' riproduzzjoni u ta' tkabbir tal-ħut, u ikel tajjeb għas-saħħa mill-ibħra u mill-oċeani. Ekosistemi tal-baħar f'saħħithom jimmitigaw ukoll it-tibdil fil-klima billi jnaqqsu l-impatt tad-diżastri naturali tul il-kosta.

Xi wħud mill-miri u l-indikaturi stabbiliti f'din il-proposta għandhom l-għan li jagħmlu l-azzjoni dwar il-bijodiversità u l-azzjoni dwar politiki oħra tal-UE jaħdmu aħjar flimkien. Dawn il-politiki jinkludu l-Politika Agrikola Komuni ("PAK")<sup>36</sup> il-ġdida (bir-regoli tagħha biex jittejjeb l-ambjent fl-agrikoltura kif ukoll biex jiġu ffinanzjati opportunitajiet li huma disponibbli skont il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-2027), l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent<sup>37</sup> u l-Politika Komuni tas-Sajd. Il-proposta torbot ukoll mal-politika reġjonali tal-UE, li tista' tiffinanzja r-restawr tal-

<sup>33</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-tiġib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (COM/2021/554 final).

<sup>34</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM/2021/82 final.

<sup>35</sup> Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, emendata bid-Deċiżjoni Nru 2019/420

<sup>36</sup> Ara l-pjanijiet strateġiċi tal-PAK, disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cap-strategic-plans\\_en](https://ec.europa.eu/info/food-farming-fisheries/key-policies/common-agricultural-policy/cap-strategic-plans_en).

<sup>37</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 final.



ekosistema permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali<sup>38</sup>, kif ukoll Orizzont Ewropa<sup>39</sup>, li jappoġġa l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-bijodiversità u l-ekosistemi.

Il-proposta tista' tgħin ukoll lill-UE turi tmexxija globali, timmobilizza l-komunità internazzjonali u tiegħu azzjoni biex twaqqaf it-telfien tal-bijodiversità madwar id-dinja. Il-Konferenza tal-Partijiet (COP15) tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika hija mistennija tikkonkludi qafas globali ġdid għall-bijodiversità li jinkludi miri ambizzjużi ta' restawr. L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 hija pjan biex dan isir realtà fl-UE u biex jintwera l-impenn tal-UE fil-livell globali. Il-proposta se tibgħat sinjal b'saħħtu lill-komunità globali li l-UE qed tiegħu l-impenn tagħha bis-serjetà u għandha l-għan li tinkludi l-miri tar-restawr tal-ekosistema fil-liġi, u tista' sservi ta' ispirazzjoni għal pajjiżi oħra biex jadottaw politiki ambizzjużi simili dwar ir-restawr tan-natura u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jstipula kif għandu jiġi implimentat l-Artikolu 191 tat-Trattat. L-Artikolu 191 tat-Trattat jipprovdi l-oġġettivi tal-politika ambjentali tal-UE:

- il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent;
- il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem;
- l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali;
- il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, b'mod partikolari biex jiġġieldu t-tibdil fil-klima.

### **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-azzjoni fil-livell tal-UE hija ġġustifikata minħabba l-iskala u n-natura transkonfinali tat-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema, l-impatt tagħha fuq il-pubbliku, u r-riskji ekonomiċi. Huma meħtieġa regoli u obbligi madwar l-UE kollha biex jiġu restawrati b'mod sinifikanti l-bijodiversità u l-ekosistemi. In-nuqqas ta' progress fl-istrateġija dwar il-bijodiversità sal-2020 juri li l-impjenji volontarji mill-Istati Membri mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-UE għar-restawr tal-ekosistemi.

Hija meħtieġa azzjoni koordinata fuq skala kbira biex jiġu indirizzati t-telfien u d-degradazzjoni tal-bijodiversità u biex jinħolqu ekonomiji ta' skala. Pereżempju, ir-riżultazzjoni fil-livell tal-UE hija essenzjali għall-irkupru tal-pollinaturi: Din hija problema fl-UE kollha u ma tistax tissolva jekk ftit Stati Membri biss jindirizzawha. Azzjoni tal-UE hija meħtieġa wkoll minħabba li ħafna speċijiet terrestri u tal-baħar huma mobbli.

Ir-restawr ta' ekosistema waħda jgħin lil ekosistemi ġirien jew konnessi oħrajn u lill-bijodiversità tagħhom, peress li ħafna speċijiet jiżviluppaw tajjeb f'networks konnessi ta'

<sup>38</sup> Ara l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/regional\\_policy/en/funding/erdf/](https://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/erdf/), u r-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar il-Fond ta' Koeżjoni, disponibbli fuq <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32021R1058>.

<sup>39</sup> Ara l-Politika dwar ir-riċerka dwar il-bijodiversità, disponibbli fuq [https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/biodiversity/biodiversity-research-policy\\_en](https://ec.europa.eu/info/research-and-innovation/research-area/environment/biodiversity/biodiversity-research-policy_en).

ekosistemi fuq skala ġeografika kbira. Azzjoni tal-UE hija meħtieġa wkoll biex tikkomplementa r-rekwiżiti legali eżistenti u tgħin lill-UE tilħaq l-oġġettivi tagħha skont biċċiet oħra tal-leġiżlazzjoni ambjentali u klimatika tal-UE.

### **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettivi li l-bijodiversità fl-UE titqiegħed fit-triq lejn l-irkupru sal-2030.

L-istabbiliment ta' miri u obbligi legalment vinkolanti għar-restawr tal-ekosistema fil-livell tal-UE jgħib konsistenza mal-azzjoni meħtieġa madwar l-UE biex jintlaħaq l-oġġettivi ġenerali. Il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-progress mill-Kummissjoni se jgħibu aktar benefiċċji u azzjoni konġunta aktar effettiva mill-UE u mill-Istati Membri.

Fil-qosor, il-proposta tistabbilixxi mira ġenerali u miri u obbligi speċifiċi għall-ekosistemi li huma konformi mal-kamp ta' applikazzjoni tal-oġġettivi. Sabiex jiġi żgurat li l-UE tilħaq dawn l-oġġettivi, il-proposta tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni, valutazzjonijiet u rieżamijiet.

### **Għażla tal-istrument**

Huwa meħtieġ approċċ leġiżlattiv aktar milli mhux leġiżlattiv biex jiġi żgurat l-oġġettivi fuq żmien twil. L-oġġettivi ta' din il-proposta huma segwiti l-aħjar permezz ta' regolament biex jiġi żgurat li l-liġijiet japplikaw direttament. L-Istati Membri huma meħtieġa jikkontribwixxu għall-oġġettivi fit-tul billi jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali ta' restawr li jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi speċifiċi għall-ekosistemi. Peress li regolament ma għandux għalfejn jinbidel f'liġi nazzjonali, dan ifisser li l-miżuri ta' restawr jistgħu jibdeu aktar kmieni fil-prattika meta mqabbla ma' Direttiva.

Regolament jiddeskrivi l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri b'mod aktar preċiż u f'aktar dettall u għalhekk ifassal l-azzjoni li għandha tittieħed mill-Istati Membri b'mod ħafna aktar preċiż, u għalhekk igħib aktar konsistenza u koerenza madwar l-UE. Għall-kuntrarju tad-direttivi, ir-regolamenti ma jindikawx biss l-għan li għandu jintlaħaq mill-Istati Membri iżda jidentifikaw ukoll b'mod aktar preċiż ir-rekwiżiti legali u l-modi kif jista' jintlaħaq dak l-għan.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

### **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

L-evalwazzjoni tal-istrateġija dwar il-bijodiversità sal-2020 identifikat miri volontarji aktar milli legalment vinkolanti bħala raġuni għaliex ir-restawr tal-ekosistema ma rnexxiex. In-nuqqas sussegwenti ta' impenn u prijorità politika huma ostakli kbar għall-allokazzjoni ta' finanzjament u riżorsi għax-xogħol ta' restawr.

Barra minn hekk, id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Ħabitats ma jistabbilixxux skadenzi għaż-żamma jew għar-restawr tal-ħabitats u tal-ispeċijiet naturali għal status ta' konservazzjoni favorevoli. Id-Direttivi huma wkoll nieqsa minn rekwiżiti speċifiċi biex jiġu restawrati l-ekosistemi li jinsabu barra min-network ta' Natura 2000. Sabiex jiġu indirizzati dawn in-nuqqasijiet, din il-proposta tagħmel ir-restawr ta' ċerti speċijiet u ħabitats obligatorju, ġewwa u barra n-network ta' Natura 2000, u bi skadenzi ċari.

Fir-rigward tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, ir-rapport tal-2020 mill-Kummissjoni dwar l-ewwel ċiklu ta' implimentazzjoni tad-Direttiva<sup>40</sup> kkonkluda li l-għan wiesa' tagħha wera li huwa diffiċli ħafna li jinkiseb. Ir-raġunijiet huma n-nuqqas ta' miżuri speċifiċi u n-nuqqas ta' monitoraġġ dettaljat biżżejjed ta' habitats jew speċijiet speċifiċi, flimkien ma' nuqqas ta' miri speċifiċi. Id-definizzjoni ta' miri għar-restawr f'dan ir-regolament se tappoġġa l-oġettivi tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u l-implimentazzjoni tagħha.

Il-kontroll tal-idoneità tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma kkonkluda li d-diffikultajiet li nstabu fl-implimentazzjoni tagħha huma parzjalment dovuti għall-fatt li l-kundizzjoni tal-korp tal-ilma hija affettwata minn tniġġis diffuż li ġej mill-habitats tal-madwar. Id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma mhux neċessarjament tirrikjedi li l-Istati Membri jneħħu l-ostakli li jistgħu jfixxlu l-konnettività naturali ta' sistema tax-xmajjar/tal-lagi. Madankollu, ħafna ekosistemi terrestri u diversi habitats u speċijiet protetti mid-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats jiddependu direttament fuq ekosistemi akkwatiċi li jkunu kważi f'kundizzjoni naturali. Din il-proposta tikkomplementa d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma billi tfassal miri għar-restawr u rekwiżiti speċifiċi oħra għax-xmajjar u għall-imqagħad. Barra minn hekk, ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' deterjorament ta' din il-proposta jaqbel mar-rekwiżit eżistenti tad-Direttiva li jittieħdu miżuri biex jiġi evitat id-deterjorament tal-stat tal-korpi kollha tal-ilma.

### **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, dan ir-regolament u l-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanjah ġew sostnuti minn proċess ta' konsultazzjoni estensiv. Il-Kummissjoni gābret il-fehmiet ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari rappreżentanti tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet ambjentali, istituti tar-riċerka, assoċjazzjonijiet tal-agrikoltura u tal-foresti, u rappreżentanti tan-negozju. Saru konsultazzjonijiet bħala parti minn konsultazzjoni pubblika miftuħa, f'ħames sessjonijiet ta' ħidma mal-partijiet ikkonċernati u f'laqgħat mal-partijiet ikkonċernati u mal-Istati Membri. Il-fehmiet differenti pprovdew informazzjoni u għarfien siewja li għenu fit-tnejjija tal-valutazzjoni tal-impatt u tal-proposta.

### **Valutazzjoni tal-impatt tal-bidu**

Il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu għar-regolament propost ġiet ippubblikata fl-4 ta' Novembru 2020. Il-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku setgħu jagħtu feedback dwar l-inizjattiva sat-2 ta' Diċembru 2020. Kien hemm 132 tweġiba, l-aktar mill-NGOs, l-assoċjazzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tan-negozju, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-pubbliku.

### **Konsultazzjoni pubblika**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika online bejn it-11 ta' Jannar u l-5 ta' April 2021 u rċeviet 111 842 tweġiba. Il-konsultazzjoni gābret fehmiet dwar l-aspetti ewlenin u l-approċċ ewlieni għat-tnejjija tal-proposta tal-Kummissjoni għal miri vinkolanti għar-restawr. Ir-riżultati juru appoġġ kbir għal miri għar-restawr legalment vinkolanti: 97 % favur il-miri ġenerali tal-UE għar-restawr fl-ekosistemi kollha, 96 % għall-miri għal kull ekosistema jew

---

<sup>40</sup> Rieżami tal-istatus tal-ambjent tal-baħar fl-Unjoni Ewropea lejn oċeani u ibħra nodfa, b'saħħithom u produktivi, li takkumpanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (id-Direttiva 2008/56/KE), SWD (2020) 61 final.

habitat. Dan juri appoġġ kważi sħiħ kemm għal għan ta' restawr ġenerali kif ukoll għal miri speċifiċi tal-UE għall-ekosistemi.

### **Sessjonijiet ta' ħidma għall-partijiet ikkonċernati**

Saru ħames sessjonijiet ta' ħidma separati ma' rappreżentanti tal-Istat Membru u mal-partijiet ikkonċernati minn tmiem l-2020 sa Settembru 2021. Ġew diskussi għażliet ta' politika u nġabru fehmiet dwar l-għażliet fil-mira għar-restawr u kif dawn il-miri għandhom jiġu implimentati. Is-sessjonijiet ta' ħidma qiesu l-impatti soċjali, ekonomiċi u ambjentali usa' potenzjali kif ukoll is-sejbiet preliminari tal-istudju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt.

### **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-proposta hija bbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta hija sostnuta minn studju mħejji minn tim ta' esperti esterni. It-tim ta' esperti ħadem f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni matul il-fażijiet differenti tal-istudju. Il-Kummissjoni użat ukoll ħafna sorsi oħra ta' informazzjoni biex tħejji din il-proposta, b'mod partikolari r-riżultati tal-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni tal-UE u rapporti internazzjonali rikonnoxxuti (bħal dawk imsemmija fit-Taqsima 1).

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka pprovdew għarfien espert speċifiku u kienu involuti mill-qrib fl-iżvilupp ta' din il-proposta legali u fil-valutazzjoni tal-impatt tagħha. Pereżempju, l-Aġenzija żviluppat informazzjoni dwar il-ħtiġijiet ta' restawr abbażi ta' *data* uffiċjali rrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats.

### **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt. Wara li solviet il-kwistjonijiet imqajma fl-opinjoni negattiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju maħruġa fis-16 ta' Lulju 2021, il-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni pożittiva (b'riżervi li tqiesu) fit-28 ta' Ottubru 2021.

Il-valutazzjoni tal-impatt qieset l-għażliet ta' politika li ġejjin:

- (1) Xenarju ta' referenza: din l-għażla ta' politika tassumi l-implimentazzjoni realistika tal-politiki fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 u politiki eżistenti rilevanti oħra – bl-eċċezzjoni tal-miri legalment vinkolanti ta' restawr.
- (2) L-istabbiliment ta' mira legalment vinkolanti ġenerali għar-restawr tal-ekosistemi: din l-għażla tistabbilixxi mira legalment vinkolanti ġenerali definita b'mod ċar għar-restawr tal-ekosistemi. Din il-mira hija ddefinita bħala: sal-2050, perċentwal ta' ekosistemi fl-UE jiġu rrestawrati u miżmuma f'kundizzjoni tajba. Tistabbilixxi wkoll stadji importanti legalment vinkolanti għall-2030 u l-2040.
- (3) L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti speċifiċi għall-ekosistemi: din l-għażla tistabbilixxi miri u obbligi għal ekosistemi, habitats u gruppi ta' speċijiet multipli li għandhom jiġu rrestawrati sal-2030, sal-2040 u sal-2050. Il-miri u l-obbligi huma stabbiliti għal kull wieħed mit-tipi ewlenin ta' ekosistema tal-UE u japplikaw direttament fil-livell tal-Istati Membri.
- (4) Miri legalment vinkolanti speċifiċi għall-ekosistemi b'objettiv ġenerali: din l-għażla hija ibrida tal-miri speċifiċi għall-ekosistemi tal-għażla 3 u varjazzjoni tal-għażla 2, jiġifieri objettiv ġenerali "li tikkontribwixxi għall-irkupru kontinwu, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni

permezz tar-restawr tal-ekosistemi, u li l-miżuri ta' restawr flimkien għandhom ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % tal-art u tal-baħar tal-Unjoni u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu r-restawr. Dan jipprovdi objettiv ġenerali li l-UE għandha tistinka għalih, flimkien ma' sett ta' miri u obbligi speċifiċi għall-ekosistemi għall-Istati Membri.

L-għażla 4 tqieset bħala l-aħjar għażla ta' politika peress li hija l-aktar għażla effettiva, effiċjenti u koerenti mal-politika. L-ilħuq ta' objettiv ġenerali jagħmel il-miri speċifiċi aktar possibbli, u r-riskju li ma titteħidx azzjoni huwa l-aktar baxx mill-għażliet kollha. Barra minn hekk, l-għażla tnaqqas ir-riskji ta' dewmien tal-azzjoni fit-tipi kollha ta' ekosistemi, billi tiegħu kemm jista' jkun azzjoni issa, fejn dan ikun possibbli. Dan inaqqas ir-riskju li l-azzjoni tiġi posposta, li jagħmel ħsara lill-ambjent, lill-ekonomija u lis-soċjetà.

Għalhekk, l-għażla ppreferuta tippermetti lill-UE taġixxi b'urġenza u tibda tirrestawra l-ekosistemi abbażi ta' miri li diġà jistgħu jitkejlu u jiġu mmonitorjati. Fil-futur, ladarba jiġu żviluppati metodi komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tajba tal-ekosistemi tal-UE, jistgħu jiġu stabbiliti miri addizzjonali bbażati fuq dawn il-metodi komuni billi jiġi emendat ir-regolament.

Din l-għażla ppreferuta għall-proposta legali se tiżgura li l-UE tkun tista' tilħaq l-objettivi tagħha ta' restawr tal-ekosistemi fiż-żmien propost u b'mod kosteffiċjenti. Il-benefiċċji jisbqu l-kostijiet għal kull wieħed mit-tipi ewlenin ta' ekosistemi. Pereżempju, għall-artijiet mistagħdra interni u kostali huwa stmat li l-benefiċċji monetizzati mill-ħżin tal-karbonju waħdu diġà jaqbżu l-kostijiet stmati tar-restawr tal-ekosistemi. Jekk jiġu inklużi stimi ta' servizzi oħra tal-ekosistemi, il-proporzjon bejn il-benefiċċji u l-kostijiet ikun saħansitra ogħla. B'mod ġenerali, il-benefiċċji tar-restawr tat-torbieri, l-imraġ, il-foresti, l-artijiet moxa u x-xaġhrijiet, l-artijiet bil-ħaxix, ix-xmajjar, il-lagi u l-ħabitats alluvjali, u l-artijiet mistagħdra kostali tal-Anness I jistgħu jiġu stmati għal madwar EUR 1 860 biljun (bil-kostijiet stmati għal madwar EUR 154 biljun).

Huma stmati benefiċċji sinifikanti wkoll għall-ekosistemi tal-baħar u urbani, għall-foresti, għall-agroekosistemi u għar-restawr tal-pollinaturi. Pereżempju, il-valur tad-dakkir tal-għelejjel mill-insetti kien stmat għal madwar EUR 5 biljun kull sena fl-UE. Lil hinn minn dan, hemm ħafna benefiċċji oħra, inkluż il-kontroll bijoloġiku tal-pesti u t-titjib ġenerali tal-biodiversità.

Abbażi tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi, jista' jiġi dedott li ċerti gruppi ta' partijiet ikkonċernati jistgħu inizjalment jiġu affettwati aktar minn oħrajn. Għalhekk ir-regolament jirrikjedi li l-Istati Membri, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, jiżguraw il-parteċipazzjoni pubblika u jiddefinixxu kif se jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati.

Ir-riżorsi mfittxija mill-Istati Membri biex jilhqgħu l-objettivi ta' restawr tagħhom jistgħu jiġu minn sorsi tal-UE, minn finanzjament nazzjonali u minn sorsi privati. L-impatt fuq il-baġit tal-Istati Membri se jiddependi fuq il-ħtiġijiet ta' restawr u fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr assoċjati. Dawn il-kostijiet jistgħu jitnaqqsu billi jinkiseb finanzjament minn sorsi tal-UE jew privati. Pereżempju, firxa wiesgħa ta' fondi tal-UE huma disponibbli għar-restawr

u r-Regolament dwar it-Tassonomija<sup>41</sup> huwa mistenni li jiffaċilita użu akbar ta' fondi privati. Se jkunu meħtieġa wkoll riżorsi biex jiġu żviluppati pjanijiet nazzjonali ta' restawr, inklużi fażijiet ta' konsultazzjoni u monitoraġġ.

Dwar ir-rapportar, il-proposta timminimizza l-piż amministrattiv billi tagħmel użu sħiħ mir-rekwiżiti ta' rapportar eżistenti u l-potenzjal li dawn il-proċessi jiġu diġitalizzati. Barra minn hekk, l-effiċjenza u t-tnaqqis tal-kostijiet jistgħu jittejjbu b'mod sinifikanti billi jiġi massimizzat l-użu ta' teknoloġiji ġodda bħat-telerilevament, is-servizzi u l-prodotti satellitari ta' Copernicus, is-sistemi ta' informazzjoni ġeografika, is-sensuri u l-apparati *in situ*, l-analiżi u l-ipproċessar tad-*data*, u l-intelliġenza artifiċjali. Dawn it-teknoloġiji jżidu l-veloċità, l-effettività u l-koerenza tal-proċessi multipli ta' monitoraġġ u rapportar.

Il-proposta tiddevja ftit mill-għażla 4 peress li xi miri potenzjali għall-ħamrija se jiġu koperti fi stadju aktar tard f'leġiżlazzjoni separata, kif imħabbar fl-istrateġija tal-UE dwar il-ħamrija.

### **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Skont l-impenn tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, il-proposta tħejjiet b'mod inklużiv, abbażi tat-trasparenza u l-involviment kontinwu mal-partijiet ikkonċernati. F'konformità mal-approċċ ta' "One In, One Out", ġew analizzati l-impatti amministrattivi. Il-kostijiet amministrattivi se jkunu prinċipalment għall-UE u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-Istati Membri. Dan jinkludi l-kostijiet għall-istħarriġ tal-ekosistemi, l-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali ta' restawr, l-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-ekosistemi magħżula għar-restawr, u r-rapportar. Fil-valutazzjoni tal-impatt, dawn il-kostijiet amministrattivi ġew stmati li kienu madwar EUR 14-il biljun sal-2050.

### **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Hija tikkontribwixxi għad-dritt għal livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u għal titjib fil-kwalità tal-ambjent skont il-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli stabbilit fl-Artikolu 37 tal-Karta.

## **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-implimentazzjoni tal-proposta se teħtieġ riżorsi umani fil-Kummissjoni, kif speċifikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva meħmuża. L-implikazzjonijiet tar-riżorsi umani għall-Kummissjoni huma mistennija li jiġu implimentati taħt l-allokazzjonijiet eżistenti tagħha.

L-implimentazzjoni se teħtieġ ukoll appoġġ mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent li għalih se jkunu meħtieġa riżorsi addizzjonali, kif deskritt fid-dikjarazzjoni finanzjarja.

Din il-proposta tinkludi artikoli li jagħtu dettalji ta' ħidma ulterjuri li se tkun meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regolament, inkluża s-setgħa li jiġu adottati atti delegati jew ta' implimentazzjoni (pereżempju, biex jiġi żviluppata format uniformi għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr jew biex jiġu riveduti l-annessi).

---

<sup>41</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

Id-dikjarazzjoni finanzjarja inkluża f' din il-proposta turi l-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa.

## 5. ELEMENTI OĦRA

### **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-konformità u l-infurzar se jiġu mmonitorjati permezz ta':

- informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar il-progress tagħhom fl-ilħuq tal-miri u l-obbligi stabbiliti fil-proposta;
- implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr stabbiliti fil-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tal-Istati Membri;
- xejriet fiż-żoni restawrati.

Il-Kummissjoni se tfassal rapporti ta' progress ibbażati fuq l-informazzjoni mill-Istati Membri kif ukoll fuq *data* oħra miġbura mill-Kummissjoni (eż. mis-servizzi satellitari ta' Copernicus).

L-applikazzjoni tar-regolament se tiġi rieżaminata sal-2035 biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tiegħu qed jintlaħqu u qed ikollu l-impatt maħsub.

Ir-regolament se jiġi emendat meta jkun meħtieġ, pereżempju biex jiġu introdotti miri ta' restawr legalment vinkolanti addizzjonali għall-ekosistemi bbażati fuq metodi ġodda biex tiġi vvalutata l-kundizzjoni ta' ekosistemi bħal dawn.

### **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-oġġettiv ġenerali huwa deskritt fl-**Artikolu 1**: li tikkontribwixxi għall-irkupru kontinwu, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE permezz tar-restawr tal-ekosistemi. Dan jistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri se jstabbilixxu miżuri ta' restawr li flimkien għandhom ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-UE u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr. Dan jibni fuq l-ambizzjoni ewlenija stabbilita fl-istrateġija għall-bijodiversità li sal-2050 l-ekosistemi kollha jkunu restawrati, reżiljenti u protetti b'mod adegwat, u li, bħala stadju importanti, il-bijodiversità tal-Ewropa tkun fit-triq tal-irkupru sal-2030. Huwa rikonoxxut li r-restawr tan-natura se jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-oġġettivi tal-UE għall-mitigazzjoni u għall-adattament għat-tibdil fil-klima, għall-prevenzjoni u għall-mitigazzjoni tal-impatt tad-diżastri naturali, u għall-impjenji internazzjonali tal-UE.

L-approċċ użat għall-qafas deskritt fl-**Artikolu 1** huwa li l-ewwel jibni fuq it-tipi ta' ħabitats protetti skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats li għalihom diġà hemm metodi biex tiġi aċċertata kundizzjoni tajba. Għalhekk, jistgħu jiġu stabbiliti miri għar-restawr għal dawk il-ħabitats abbażi ta' dawk il-metodi.

**L-Artikolu 4** jistabbilixxi miri għar-restawr għall-ekosistemi terrestri, kostali u tal-ilma ħelu, u **l-Artikolu 5** jistabbilixxi miri għar-restawr għall-ekosistemi tal-baħar (li jinkludu żoni tal-baħar oħra minbarra dawk koperti mid-Direttiva dwar il-Ħabitats). Dawk il-miri jindirizzaw ir-restawr u l-istabbiliment mill-ġdid taż-żoni, kif ukoll ir-restawr tal-ħabitats tal-ispeċijiet. Ir-restawr imur id f'id mal-protezzjoni u ż-żamma, u għalhekk huwa stabbilit obbligu kemm fl-**Artikolu 4** kif ukoll fl-**Artikolu 5** biex jiġi żgurat li l-kundizzjoni tal-ekosistemi ma tmurx għall-aġġar qabel jew wara r-restawr.

Għal tipi ta' habitats jew ekosistemi li mhumiex koperti mid-Direttiva dwar il-Habitats, kundizzjoni tajba għadha mhijiex definita. Madankollu, aktar miri u obbligi speċifiċi li se jkollhom ukoll id-Direttiva dwar il-Habitats.

**L-Artikolu 6** jistabbilixxi miri biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda telfien nett, u ż-żieda ta' spazji urbani ħodor fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi. Li jiġi previst livell minimu ta' kopertura tas-siġar u li jiġi previst li l-ispazji ħodor ikunu integrati f' bini ġdid u eżistenti u fl-iżviluppi tal-infrastruttura jikkontribwixxu għal dawn il-miri. L-ispazji ħodor u l-kopertura tas-siġar huma elementi essenzjali tal-infrastruttura ħadra urbana, u huma ta' benefiċċju għan-nies li jgħixu fil-bliet, fl-irħula u fis-subborgi b' modi ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi.

**L-Artikolu 7** jistabbilixxi obbligi biex jitneħħew l-ostakli tax-xmajjar. Dan se jikkontribwixxi għall-konnettività naturali lonġitudinali u laterali tax-xmajjar u l-oġettiv tal-UE li jkun hemm 25 000 km ta' xmajjar ġierja. Se jgħin ukoll biex jiġu restawrati żoni tax-xmajjar u l-imqagħad.

**L-Artikolu 8** jistabbilixxi l-obbligu li jitreggħa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi u li tinkiseb xejra dejjem tiżdied ta' popolazzjonijiet ta' pollinaturi sakemm jintlaħqu livelli sodisfaċenti. Dan se jkun ibbażat fuq metodu għall-monitoraġġ tal-pollinaturi li se jiġi stabbilit.

Sabiex tittejjeb il-bijodiversità tal-agroekosistemi u tal-ekosistemi tal-foresti, **L-Artikoli 9 u 10** jistabbilixxu obbligi għall-Istati Membri individwali biex jiksbu xejra dejjem tiżdied għal sett ta' indikaturi li huma partikolarment importanti għall-bijodiversità ta' daww il-ekosistemi.

Il-miri u l-obbligi ta' restawr stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 10 jikkomplementaw il-miri stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5, u għalhekk se jkollhom ukoll effett fuq iż-żoni koperti mit-tipi ta' habitats protetti skont id-Direttiva dwar il-Habitats.

**L-Artikoli 11 u 12** jiddeskrivu r-rekwiżiti għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tal-Istati Membri. Il-miżuri ta' restawr għandhom jiġu pplanati b' mod strateġiku sabiex ikunu effettivi kemm jista' jkun biex jikkontribwixxu għall-irkupru tan-natura madwar l-UE u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Huwa importanti li l-Istati Membri jħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom ibbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli u l-aktar reċenti.

**L-Artikoli 13, 14 u 15** jispeċifikaw li l-Istati Membri jridu jissottomettu l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom lill-Kummissjoni għall-valutazzjoni u li se jkollhom iwieġbu għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma jadottaw il-pjanijiet. Huwa deskritt ukoll proċess għar-rieżami u r-reviżjoni regolari tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr.

**L-Artikoli 17 u 18** fihom rekwiżiti ta' monitoraġġ u rapportar.

**L-Artikolu 19** fih dispożizzjonijiet biex jiġu emendati l-annessi tar-regolament.

**L-Artikoli 20 u 21** jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni.

**L-Artikolu 22** jipprevedi rieżami tar-regolament sal-31 ta' Diċembru 2035.

**L-Artikolu 23** jipprevedi d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tar-regolament.



Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar ir-restawr tan-natura**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>42</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli fil-livell tal-Unjoni dwar ir-restawr tal-ekosistemi biex jiġi żgurat l-irkupru għal natura bijodiversa u reżiljenti madwar it-territorju tal-Unjoni. Ir-restawr tal-ekosistemi jikkontribwixxi wkoll għall-oġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima.
- (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew<sup>43</sup> stabbilixxa pjan direzzjonali ambizzjuż biex jittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, bl-għan li tippoteġi, tikkonserva u ssaħħa il-kapital naturali tal-Unjoni, u li tippoteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini mir-riskji u mill-impatti relatati mal-ambjent. Bħala parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni adottat Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030<sup>44</sup>.
- (3) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE<sup>45</sup>, huma impenjati għall-viżjoni strateġika fit-tul adottata mill-Konferenza tal-Partijiet fl-2010 bid-Deċiżjoni X/2 Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020<sup>46</sup> li, sal-2050, il-bijodiversità trid

---

<sup>42</sup> ĠU C , , p. .

<sup>43</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, 11.12.2019 (COM (2019) 640 final).

<sup>44</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna, 20.5.2020, COM(2020) 380 final.

<sup>45</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/626/KEE tal-25 ta' Ottubru 1993 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bioloġika (ĠU L 309, 13.12.1993, p. 1).

<sup>46</sup> <https://www.cbd.int/decision/cop/?id=12268>.

tiġi vvalutata, ikkonservata, restawrata u użata b'mod għaqli, filwaqt li jinżammu s-servizzi tal-ekosistemi, tiġi sostnuta pjaneta f'saħħitha u jitwasslu benefiċċji essenzjali għan-nies kollha.

- (4) [spazju riżervat għall-mira għar-restawr tal-Qafas Globali l-ġdid tal-Bijodiversità li jrid jintlaħaq qbil dwaru fis-CBD COP 15]
- (5) L-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU<sup>47</sup>, b'mod partikolari l-għanijiet 14.2, 15.1, 15.2 u 15.3, jirreferu għall-ħtieġa li jiġu żgurati l-konservazzjoni, ir-restawr u l-użu sostenibbli tal-ekosistemi tal-ilma ħelu terrestri u interni u s-servizzi tagħhom, b'mod partikolari l-foresti, l-artijiet mistagħdra, il-muntanji u l-artijiet nixfin.
- (6) L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, f'riżoluzzjoni tal-1 ta' Marzu 2019<sup>48</sup>, ipproklammat il-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 id-Deċennju tan-NU dwar ir-Restawr tal-Ekosistema, bl-għan tappoġġa u żżid l-isforzi biex tipprevjeni, twaqqaf u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi fid-dinja u tqajjem kuxjenza dwar l-importanza tar-restawr tal-ekosistemi.
- (7) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 għandha l-għan li tiżgura li l-bijodiversità tal-Ewropa titqiegħed fit-triq lejn l-irkupru sal-2030 għall-benefiċċji tan-nies, tal-pjaneta, tal-klima u tal-ekonomija tagħna. Tistabbilixxi pjan ambizzjuż tal-UE għar-restawr tan-natura b'għadd ta' impenji ewlenin, inkluż impenn li titressaq proposta għal miri legalment vinkolanti tal-UE għar-restawr tan-natura biex jiġu restawrati l-ekosistemi degradati, b'mod partikolari dawk bl-aktar potenzjal li jaqdbu u jaħżnu l-karbonju, u biex jiġi evitat u jitnaqqas l-impatt tad-diżastri naturali.
- (8) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021<sup>49</sup>, il-Parlament Ewropew kien issodisfat ħafna bl-impenn li titfassal proposta leġiżlattiva b'miri legalment vinkolanti għar-restawr tan-natura, u barra minn hekk ikkunsidra li minbarra mira ġenerali għar-restawr, jenħtieġ li jiġu inklużi miri għar-restawr speċifiċi għall-ekosistemi għall-ħabitat u għall-ispeċijiet, li jkopru l-foresti, l-artijiet bil-ħaxix, l-artijiet mistagħdra, it-torbieri, il-pollinaturi, ix-xmajjar ġierja, iż-żoni kostali u l-ekosistemi tal-baħar.
- (9) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020<sup>50</sup>, il-Kunsill irrikonoxxa li l-prevenzjoni ta' aktar tnaqqis tal-istat attwali tal-bijodiversità u tan-natura se tkun essenzjali, iżda mhux suffiċjenti biex in-natura terġa' lura f'ħajjtna. Il-Kunsill afferma mill-ġdid li hija meħtieġa aktar ambizzjoni dwar ir-restawr tan-natura kif propost mill-Pjan il-ġdid tal-UE għar-Restawr tan-Natura, li jinkludi miżuri għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità lil hinn miż-żoni protetti. Il-Kunsill iddikjara wkoll li kien qed jistenna proposta għal miri legalment vinkolanti għar-restawr tan-natura, soġġett għal valutazzjoni tal-impatt.
- (10) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tistabbilixxi impenn biex jiġi protett legalment minimu ta' 30 % tal-art, inklużi l-ilmijiet interni, u 30 % tal-baħar fl-Unjoni, li minnhom mill-inqas terz jenħtieġ li jkun taħt protezzjoni stretta, inklużi l-foresti primarji u antiki kollha li fadal. Il-kriterji u l-gwida għad-deżinjazzjoni ta' żoni

---

<sup>47</sup> [Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti – 17-il Għan biex Nittrasformaw id-Dinja Tagħna.](#)

<sup>48</sup> Ir-Riżoluzzjoni 73/284 tal-1 ta' Marzu 2019 dwar id-Deċennju tan-Nazzjonijiet Uniti dwar ir-Restawr tal-Ekosistema (2021–2030).

<sup>49</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna (2020/2273(INI)).

<sup>50</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-bijodiversità - il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, 12210/20.

protetti addizzjonali mill-Istati Membri<sup>51</sup> (il-“Kriterji u l-Gwida”), żviluppata mill-Kummissjoni f’kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, jenfasizzaw li jekk iż-żoni restawrati jikkonformaw jew huma mistennija li jikkonformaw, ladarba r-restawr jipproduċi l-effett sħiħ tiegħu, bil-kriterji għaż-żoni protetti, dawk iż-żoni restawrati għandhom jikkontribwixxu wkoll lejn il-miri tal-Unjoni dwar iż-żoni protetti. Il-Kriterji u l-Gwida jenfasizzaw ukoll li ż-żoni protetti jistgħu jipprovdu kontribut importanti għall-miri għar-restawr fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, billi jgħallqu l-kundizzjonijiet biex l-isforzi ta’ restawr jirnexxu. Dan huwa partikolarment il-każ għal żoni li jistgħu jirkupraw b’mod naturali billi jwaqqfu jew jillimitaw xi wħud mill-pressjonijiet mill-attivitajiet tal-bniedem. It-tqegħid ta’ tali żoni, inkluż fl-ambjent tal-baħar, taħt protezzjoni stretta, f’xi każijiet, se jkun biżżejjed biex iwassal għall-irkupru tal-valuri naturali li huma jospitaw. Barra minn hekk, fil-Kriterji u l-Gwida huwa enfasizzat li l-Istati Membri kollha huma mistennija li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni dwar iż-żoni protetti stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, sal-punt li jkun proporzjonat għall-valuri naturali li jospitaw u għall-potenzjal li għandhom għar-restawr tan-natura.

- (11) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tistabbilixxi mira biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda deterjorament fix-xejriet ta’ konservazzjoni jew fl-istatus tal-ħabitats u tal-ispeċijiet protetti u li mill-inqas 30 % tal-ispeċijiet u tal-ħabitats li bħalissa mhumiex fi status favorevoli se jaqgħu f’dik il-kategorija jew juru xejra pożittiva qawwija li se jkunu qed jaqgħu f’dik il-kategorija sal-2030. Il-gwida<sup>52</sup> li żviluppata mill-Kummissjoni f’kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex tappoġġa l-kisba ta’ dawn il-miri tenfasizza li aktarx li jkunu meħtieġa sforzi ta’ żamma u restawr għall-biċċa l-kbira ta’ dawk il-ħabitats u l-ispeċijiet, billi jitwaqqfu x-xejriet negattivi attwali tagħhom sal-2030 jew billi jinżammu x-xejriet attwali stabbli jew li qed jitjiebu, jew billi jiġi evitat it-tnaqqis tal-ħabitats u tal-ispeċijiet bi status ta’ konservazzjoni favorevoli. Il-gwida tenfasizza wkoll li dawk l-isforzi ta’ restawr jeħtieġ li primarjament jiġu ppjanati, implimentati u kkoordinati fil-livelli nazzjonali jew reġjonali u li, fl-għażla u fil-prijoritizzazzjoni tal-ispeċijiet u l-ħabitats li jridu jittejjbu sal-2030, iridu jiġu mfittxija sinerġiji ma’ miri oħra tal-Unjoni u internazzjonali, b’mod partikolari miri tal-politika ambjentali jew klimatika.
- (12) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tan-Natura tal-2020<sup>53</sup> innota li l-Unjoni għadha ma rnexxilha x twaqqaf it-tnaqqis ta’ tipi ta’ ħabitats u speċijiet protetti li l-konservazzjoni tagħhom hija ta’ tħassib għall-Unjoni. Dak it-tnaqqis huwa kkawżat l-aktar mill-abbandun ta’ agrikoltura estensiva, l-intensifikazzjoni tal-prattiki ta’ ġestjoni, il-modifika tar-reġimi idroloġiċi, l-urbanizzazzjoni u t-tniġġis kif ukoll attivitajiet ta’ forestrija mhux sostenibbli u l-isfruttament tal-ispeċijiet. Barra minn hekk, l-ispeċijiet aljeni invażivi u t-tibdil fil-klima jirrappreżentaw theddidiet serji u dejjem akbar għall-flora u l-fawna indiġeni tal-Unjoni.

<sup>51</sup> Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Kriterji u Gwida għad-deżinjazzjonijiet taż-żoni protetti (SWD(2022) 23 final).

<sup>52</sup> Disponibbli fuq [Circabc \(europa.eu\)](https://circabc.europa.eu) [Ir-referenza għad trid timtela]

<sup>53</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew “L-istat tal-konservazzjoni tan-natura fl-Unjoni Ewropea Rapport dwar l-istatus tal-konservazzjoni tal-ispeċijiet u tal-ħabitats protetti mid-Direttivi dwar l-Għasfar u l-ħabitats u x-xejriet osservati tul il-perjodu 2013-2018”, COM/2020/635 final.

- (13) Huwa xieraq li jiġi stabbilit objettiv ġenerali għar-restawr tal-ekosistema biex titrawwem it-trasformazzjoni ekonomika u soċjetali u biex jitrawwem il-ħolqien ta' impjegi ta' kwalità għolja u t-tkabbir sostenibbli. L-ekosistemi bijodiversi bħall-artijiet mistagħdra, l-ilma ħelu, il-foresti kif ukoll l-ekosistemi agrikoli, b'veġetazzjoni skarsa, tal-baħar, kostali u urbani jagħtu, jekk ikunu f'kundizzjoni tajba, firxa ta' servizzi essenzjali tal-ekosistemi, u l-benefiċċji li jiġu restawrati l-ekosistemi degradati għal kundizzjoni tajba fiż-żoni kollha tal-art u tal-baħar huma ferm akbar mill-kostijiet tar-restawr. Dawk is-servizzi jikkontribwixxu għal firxa wiesgħa ta' benefiċċji soċjoekonomiċi, skont il-karatteristiċi ekonomiċi, soċjali, kulturali, reġjonali u lokali.
- (14) Fit-52 sessjoni tagħha f'Marzu 2021, il-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti adottat is-Sistema ta' Kontijiet Ekonomiċi Ambjentali - Kontabbiltà tal-Ekosistemi (SEEA EA)<sup>54</sup>. Is-SEEA EA tikkostitwixxi qafas statistiku integrat u komprensiv għall-organizzazzjoni ta' data dwar il-ħabitats u l-pajsaġġi, il-kejl tal-firxa, il-kundizzjoni u s-servizzi tal-ekosistemi, it-traċċar tal-bidliet fl-assi tal-ekosistemi, u r-rabta ta' din l-informazzjoni ma' attivitá ekonomika u attivitá oħra tal-bniedem.
- (15) L-iżgurar ta' ekosistemi bijodiversi u l-indirizzar tat-tibdil fil-klima huma marbuta intrinsikament. In-natura u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, inklużi l-ħażniet u l-bjar tal-karbonju naturali, huma fundamentali għall-ġlieda kontra l-kriżi klimatika. Fl-istess ħin, il-kriżi klimatika diġà hija xprunatur tat-tibdil fl-ekosistema terrestri u tal-baħar, u l-Unjoni trid tħejji għaż-żieda fl-intensità, fil-frekwenza u fit-tifrix tal-effetti tagħha. Ir-Rapport Speċjali tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC)<sup>55</sup> dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1,5 °C indika li xi impatti jistgħu jkunu dejjiema jew irriversibbli. Is-sitt Rapport ta' Valutazzjoni tal-IPCC<sup>56</sup> jiddikjara li r-restawr tal-ekosistemi se jkun fundamentali biex jgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil tal-klima kif ukoll fit-tnaqqis tar-riskji għas-sigurtá tal-ikel. Fir-Rapport ta' Valutazzjoni Globali tagħha tal-2019 dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi<sup>57</sup>, il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES) qieset it-tibdil fil-klima bħala xprunatur ewlieni tat-tibdil fin-natura, u stenniet li l-impatti tagħha jiżdiedu matul id-deċennji li ġejjin, u f'xi każijiet jaqbzū l-impatt ta' xprunaturi oħra tat-tibdil tal-ekosistemi bħal pereżempju t-tibdil fl-użu tal-art u tal-baħar.
- (16) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>58</sup> jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralitá klimatika fl-Unjoni sal-2050 u emissjonijiet negattivi

<sup>54</sup> [https://seea.un.org/sites/seea.un.org/files/documents/EA/seea\\_ea\\_white\\_cover\\_final.pdf](https://seea.un.org/sites/seea.un.org/files/documents/EA/seea_ea_white_cover_final.pdf).

<sup>55</sup> Il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC): Rapport Speċjali dwar l-impatti tat-tiżhin globali ta' 1,5 °C u l-mogħdijiet globali relatati tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, fil-kuntest tat-tiżhin tar-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jiġi eradikat il-faqar [Masson-Delmotte, V., P. Zhai, H.-O. Pörtner, D. Roberts, J. Skea, P.R. Shukla, A. Pirani, W. Moufouma-Okia, C. Péan, R. Pidcock, S. Connors, J.B.R. Matthews, Y. Chen, X. Zhou, M.I. Gomis, E. Lonnoy, T. Maycock, M. Tignor, u T. Waterfield (eds.)] [https://www.ipcc.ch/sr15/Climate\\_Change\\_2022:\\_Impacts,\\_Adaptation\\_and\\_Vulnerability\\_|\\_Climate\\_Change\\_2022:\\_Impacts,\\_Adaptation\\_and\\_Vulnerability\\_\(ipcc.ch\)](https://www.ipcc.ch/sr15/Climate_Change_2022:_Impacts,_Adaptation_and_Vulnerability_|_Climate_Change_2022:_Impacts,_Adaptation_and_Vulnerability_(ipcc.ch)).

<sup>57</sup> IPBES (2019): Global assessment report on biodiversity and ecosystem services of the Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services. E. S. Brondizio, J. Settele, S. Díaz, u H. T. Ngo (edituri). Segretarjat tal-IPBES, Bonn, il-Ġermanja. 1 148 paġna. <https://doi.org/10.5281/zenodo.3831673>.

<sup>58</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralitá klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

minn hemm 'il quddiem, u li tingħata prijorità għat-tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet u, fl-istess ħin, jissaħħaħ l-assorbiment permezz tal-bjar naturali. Ir-restawr tal-ekosistemi jista' jagħti kontribut importanti għaż-żamma, għall-ġestjoni u għat-titjib tal-bjar naturali u għaż-żieda tal-bijodiversità filwaqt li jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima. Ir-Regolament (UE) 2021/1119 jirrikjedi wkoll li l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u l-Istati Membri jiżguraw progress kontinwu fit-tisħiħ tal-kapaċità adattiva, fit-tisħiħ tar-reżiljenza u fit-tnaqqis tal-vulnerabbiltà għat-tibdil fil-klima. Jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jintegraw l-adattament fl-oqsma kollha ta' politika u jippromwovu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura<sup>59</sup> u adattament ibbażat fuq l-ekosistemi.

- (17) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima mill-2021<sup>60</sup> tenfasizza l-ħtieġa li jiġu promossi soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura u tirrikonoxxi li l-adattament kosteffettiv għall-bidla fil-klima jista' jinkiseb billi jiġu protetti u rrestawrati l-artijiet mistagħdra u t-torbieri kif ukoll l-ekosistemi kostali u tal-baħar, billi jiġu żviluppati spazji hodur urbani u jiġu installati bjut u ħitan hodur u billi jiġu promossi u ġestiti b'mod sostenibbli l-foresti u r-raba' tal-biedja. Li jkun hemm għadd akbar ta' ekosistemi bijodiversi jwassal għal reżiljenza oġhla għat-tibdil fil-klima u jipprovdi forom aktar effettivi ta' tnaqqis u prevenzjoni tad-diżastri.
- (18) Il-politika tal-Unjoni dwar il-klima qed tiġi riveduta sabiex issegwi l-perkors propost fir-Regolament (UE) 2021/1119 biex l-emissjonijiet netti jitnaqqsu b'mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990. B'mod partikolari, il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/1999<sup>61</sup> għandha l-għan li ssaħħaħ il-kontribut tas-settur tal-art għall-ambizzjoni klimatika ġenerali għall-2030 u tallinja l-oġettivi fir-rigward tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbiment mis-settur tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") b'inizjattivi ta' politika relatati dwar il-bijodiversità. Dik il-proposta tenfasizza l-ħtieġa għall-protezzjoni u għat-titjib tal-assorbimenti tal-karbonju bbażati fuq in-natura, għat-titjib tar-reżiljenza tal-ekosistemi għat-tibdil fil-klima, għar-restawr tal-art u tal-ekosistemi degradati, u għat-tixrib mill-ġdid tat-torbieri. Hija għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra tal-art soġġetta għall-protezzjoni u r-restawr. F'dan il-kuntest, huwa importanti li l-ekosistemi fil-kategoriji kollha tal-art, inklużi l-foresti, l-artijiet bil-ħaxix, l-artijiet tal-għelejjel u l-artijiet mistagħdra, ikunu f'kundizzjoni tajba sabiex ikunu jistgħu jaqbd u jaħżnu b'mod effettiv il-karbonju.

<sup>59</sup> Is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura huma soluzzjonijiet li huma ispirati u appoġġati min-natura, li huma kosteffettivi, u fl-istess ħin jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi u jgħinu fil-bini tar-reżiljenza. Tali soluzzjonijiet iġibu aktar karatteristiċi u proċessi tan-natura u naturali, u aktar varjati, fil-bliet, fil-pajsaġġi tal-art u l-pajsaġġi tal-baħar, permezz ta' interventi adattati lokalment, sistemiċi u effiċjenti fir-riżorsi. Għalhekk, is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jridu jkunu ta' benefiċċju għall-bijodiversità u jappoġġaw it-twassil ta' firxa ta' servizzi tal-ekosistemi.

<sup>60</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima (COM/2021/82 final).

<sup>61</sup> Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2018/841 fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, is-simplifikazzjoni tar-regoli tal-konformità, l-istabbiliment tal-miri tal-Istati Membri għall-2030 u l-impenn għall-kisba kollettiva tan-newtralità klimatika sal-2035 fis-settur tal-użu tal-art, tal-forestrija u tal-agrikoltura, u (UE) 2018/1999 fir-rigward tat-titjib fil-monitoraġġ, fir-rapportar, fit-traċċar tal-progress u fir-rieżami (COM/2021/554 final).

- (19) L-iżviluppi ġeopolitiċi enfasizzaw aktar il-ħtieġa li tiġi salvagwardjata r-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel<sup>62</sup>. L-evidenza turi li r-restawr tal-agroekosistemi għandu impatti pożittivi fuq il-produttività tal-ikel fit-tul, u li r-restawr tan-natura jaġixxi bħala polza tal-assigurazzjoni biex jiġu żgurati s-sostenibbiltà u r-reżiljenza tal-UE fit-tul.
- (20) Fir-rapport finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini jitolbu lill-Unjoni biex tiproteġi u tirrestawra l-bijodiversità, il-pajsaġġ u l-oċeani, telimina t-tniġġis u trawwem l-għarfien, is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u d-djalogi dwar l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-użu tal-enerġija u s-sostenibbiltà<sup>63</sup>.
- (21) Ir-restawr tal-ekosistemi, flimkien mal-isforzi biex jitnaqqsu l-kummerċ u l-konsum tal-ħajja selvaġġa, se jgħinu wkoll fil-prevenzjoni u l-bini ta' reżiljenza għal marda komunikabli futur possibbli b'potenzjal żoonotiku, u b'hekk jitnaqqsu r-riskji ta' tifqigħat u pandemiji, u jikkontribwixxu biex jappoġġaw l-isforzi tal-UE u dawk globali biex jiġi applikat l-approċċ "Saħħa Waħda", li jirrikonoxxi r-rabta intrinsika bejn is-saħħa tal-bniedem, is-saħħa tal-annimali u natura reżiljenti f'saħħitha.
- (22) Il-ħamrija hija parti integrali mill-ekosistemi terrestri. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2021 "Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030"<sup>64</sup> tiddekrivi l-ħtieġa li tiġi restawrata l-ħamrija degradata u tissaħħaħ il-bijodiversità tal-ħamrija.
- (23) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>65</sup> u d-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>66</sup> għandhom l-għan li jiżguraw il-protezzjoni, il-konservazzjoni u s-sopravivenza fit-tul tal-aktar speċijiet u ħabitats siewja u mhedda tal-Ewropa kif ukoll tal-ekosistemi li jaqgħu parti minnhom. Natura 2000, li ġiet stabbilita fl-1992 u hija l-akbar network koordinat ta' żoni protetti fid-dinja, hija l-istrument ewlieni li jimplementa l-oġettivi ta' dawk iż-żewġ Direttivi.
- (24) Diġà jeżistu qafas u gwida<sup>67</sup> biex tiġi ddeterminata l-kundizzjoni tajba tat-tipi ta' ħabitats protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE u biex jiġu ddeterminati l-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva. Il-miri għar-restawr għal dawk it-tipi ta' ħabitats u l-ħabitats tal-ispeċijiet jistgħu jiġu stabbiliti abbażi ta' dak il-qafas u gwida. Madankollu, tali restawr mhux se jkun biżżejjed biex ireġġa' lura t-telfien tal-bijodiversità u biex jirkupra l-ekosistemi kollha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi addizzjonali bbażati fuq indikaturi speċifiċi sabiex tittejjeb il-bijodiversità fuq l-iskala ta' ekosistemi usa'.

<sup>62</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM (2022) 133 final.

<sup>63</sup> *Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa – Rapport dwar l-Eżitu Finali*, Mejju 2022, Proposta 2 (1, 4, 5) p. 44, u Proposta 6 (6) p. 48.

<sup>64</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Strateġija tal-UE dwar il-ħamrija għall-2030 Ingawdu l-benefiċċji ta' ħamrija b'saħħitha għan-nies, l-ikel, in-natura u l-klima (COM/2021/699 final).

<sup>65</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>66</sup> Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7).

<sup>67</sup> DG Ambjent 2017, "Reporting under Article 17 of the Habitats Directive: Explanatory notes and guidelines for the period 2013-2018" u DG Ambjent 2013 "Interpretation manual of European Union habitats Eur 28".

- (25) Filwaqt li jibnu fuq id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE u sabiex jappoġġaw l-ilħuq tal-obnettivi stabbiliti f'dawk id-Direttivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jstabbilixxu miżuri ta' restawr biex jiżguraw l-irkupru tal-ħabitats u tal-ispeċijiet protetti, inklużi għasafar selvaġġi, fiż-żoni tal-Unjoni, ukoll f'żoni li jaqgħu barra min-Natura 2000.
- (26) Id-Direttiva 92/43/KEE għandha l-għan li żżomm u li tirrestawra, fi status ta' konservazzjoni favorevoli, il-ħabitats naturali u l-ispeċijiet ta' fawna u flora selvaġġi ta' interess għall-Unjoni. Madankollu, ma tistabbilixxix skadenza għall-ilħuq ta' dak il-għan. Bl-istess mod, id-Direttiva 2009/147/KE ma tistabbilixxix skadenza għall-irkupru tal-popolazzjonijiet tal-għasafar fl-Unjoni.
- (27) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti skadenzi għall-istabbiliment ta' miżuri ta' restawr fi hdn u lil hinn mis-siti ta' Natura 2000, sabiex gradwalment tittejjeb il-kundizzjoni tat-tipi ta' ħabitats protetti madwar l-Unjoni kif ukoll biex dawn jiġu stabbiliti mill-ġdid sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli meħtieġa biex jinkiseb status ta' konservazzjoni favorevoli ta' dawk it-tipi ta' ħabitats fl-Unjoni. Sabiex tingħata l-flessibbiltà meħtieġa lill-Istati Membri biex jstabbilixxu sforzi ta' restawr fuq skala kbira, huwa xieraq li t-tipi ta' ħabitats jiġu raggruppati skont l-ekosistema li jappartjenu għaliha u li jiġu stabbiliti l-miri bbażati fuq iż-żona marbuta biż-żmien u kkwantifikati għal grupp ta' tipi ta' ħabitats. Dan se jippermetti lill-Istati Membri jaqgħu liema ħabitats iridu jirrestawraw l-ewwel fi hdn il-grupp.
- (28) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti simili għall-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u għall-ħabitats tal-għasafar selvaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE, filwaqt li titqies b'mod speċjali l-konnettività meħtieġa bejn iż-żewġ ħabitats sabiex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet jiżviluppaw tajjeb.
- (29) Huwa meħtieġ li l-miżuri ta' restawr għat-tipi ta' ħabitats ikunu adegwati u xierqa biex tintlaħaq kundizzjoni tajba u l-erjas ta' referenza favorevoli kemm jista' jkun malajr, bil-għan li jinkiseb l-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tagħhom. Huwa importanti li l-miżuri ta' restawr ikunu dawk meħtieġa biex jintlaħqu l-miri bbażati fuq iż-żona marbuta biż-żmien u kkwantifikati. Huwa meħtieġ ukoll li l-miżuri ta' restawr għall-ħabitats tal-ispeċijiet ikunu adegwati u xierqa biex jilħqu l-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tagħhom malajr kemm jista' jkun bil-għan li jinkiseb l-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tal-ispeċijiet.
- (30) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-miżuri ta' restawr stabbiliti skont dan ir-Regolament iwasslu għal titjib konkret u li jista' jitkejjel fil-kundizzjoni tal-ekosistemi, kemm fil-livell taż-żoni individwali soġġetti għar-restawr kif ukoll fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni.
- (31) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' restawr ikunu effiċjenti u li r-riżultati tagħhom ikunu jistgħu jitkejju maż-żmien, huwa essenzjali li ż-żoni li huma soġġetti għal tali miżuri ta' restawr, bil-għan li tittejjeb il-kundizzjoni tal-ħabitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE, biex jiġu stabbiliti mill-ġdid dawk il-ħabitats u biex tittejjeb il-konnettività tagħhom, juru titjib kontinwu sakemm tintlaħaq kundizzjoni tajba.
- (32) Huwa essenzjali wkoll li ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr bil-ħsieb li jittejjbu l-kwalità u l-kwantità tal-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, kif ukoll il-ħabitats tal-għasafar selvaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE, juru titjib kontinwu biex

jikkontribwixxu għall-kisba ta' kwantità u kwalità suffiċjenti tal-ħabitats ta' tali speċijiet.

- (33) Huwa importanti li tiġi żgurata żieda gradwali taż-żoni koperti mit-tipi ta' ħabitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE li huma f'kundizzjoni tajba fit-territorju tal-Istati Membri u tal-Unjoni kollha kemm hi, sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' ħabitat u mill-inqas 90 % fil-livell tal-Istati Membri ta' dik iż-żona tkun f'kundizzjoni tajba, sabiex dawk it-tipi ta' ħabitats fl-Unjoni jkunu jistgħu jiksbu status ta' konservazzjoni favorevoli.
- (34) Huwa importanti li tiġi żgurata żieda gradwali fil-kwalità u fil-kwantità tal-ħabitats tal-ispeċijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, kif ukoll tal-ħabitats tal-għasafar selvaġġi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/147/KE, fit-territorju kollu tal-Istati Membri u fl-aħħar mill-aħħar tal-Unjoni, sakemm ikun biżżejjed li tiġi żgurata s-sopravivenza fit-tul ta' dawk l-ispeċijiet.
- (35) Huwa importanti li ż-żoni koperti mit-tipi ta' ħabitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ma jiddeterjorawx meta mqabbla mas-sitwazzjoni attwali, meta jitqiesu l-ħtiġijiet attwali ta' restawr u n-neċessità li l-ħtiġijiet ta' restawr ma jżdidux aktar fil-futur. Madankollu, huwa xieraq li titqies il-possibbiltà ta' force majeure, li tista' tirriżulta fid-deterjorament ta' żoni koperti minn dawk it-tipi ta' ħabitats, kif ukoll it-trasformazzjonijiet inevitabbli tal-ħabitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima, jew bħala riżultat ta' pjan jew proġett ta' interess pubbliku prevalenti, li għalihom ma hemm l-ebda soluzzjoni alternattiva anqas dannuża disponibbli, li trid tiġi ddeterminata fuq bażi ta' każ b'każ, jew ta' pjan jew proġett awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE.
- (36) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tenfasizza l-ħtieġa għal azzjoni aktar b'saħħitha biex jiġu restawrati ekosistemi tal-baħar degradati, inklużi ekosistemi rikki fil-karbonju u żoni importanti għat-trobbija u t-tkabbir tal-ħut. L-Istrateġija tħabbar ukoll li l-Kummissjoni biħsiebha tipproponi pjan ta' azzjoni ġdid għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar.
- (37) It-tipi ta' ħabitats tal-baħar elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE huma definiti b'mod wiesa' u jinkludu ħafna subtipi ekoloġikament differenti b'potenzjal ta' restawr differenti, li jagħmilha diffiċli għall-Istati Membri biex jistabbilixxu miżuri ta' restawr xierqa fil-livell ta' dawk it-tipi ta' ħabitats. Għalhekk, it-tipi ta' ħabitats tal-baħar jenħtieġ li jiġu speċifikati aktar billi jintużaw il-livelli rilevanti tal-klassifikazzjoni tas-sistema Ewropea ta' informazzjoni dwar in-natura (EUNIS) tal-ħabitats tal-baħar. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu erjas ta' referenza favorevoli biex jintlaħaq l-istatus ta' konservazzjoni favorevoli ta' kull wieħed minn dawk it-tipi ta' ħabitats, sa fejn dawk iż-żoni ta' referenza ma jkunux diġà indirizzati f'leġislazzjoni oħra tal-Unjoni.
- (38) Fejn il-ħabitats kostali u tal-baħar ta' protezzjoni jeħtieġu li l-attivitajiet tas-sajd jew tal-akkwakultura jkunu regolati, tapplika l-politika komuni tas-sajd. Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>68</sup> jipprevedi, b'mod partikolari, li l-politika komuni tas-sajd trid timplimenta l-approċċ għall-ġestjoni tas-

<sup>68</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).



sajd ibbażat fuq l-ekosistema sabiex jiġi żgurat li l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar jiġu minimizzati. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll li dik il-politika għandha tagħmel ħilitha biex tiżgura li l-attivitajiet tal-akkwakultura u tas-sajd jevitaw id-degradazzjoni tal-ambjent tal-baħar.

- (39) Sabiex jintlaħaq l-oġġettiv ta' rkupru kontinwu, fit-tul u sostnut ta' natura bijodiversa u reżiljenti, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-possibbiltajiet previsti taħt il-politika komuni tas-sajd. Fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza esklużiva tal-Unjoni fir-rigward tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jieħdu miżuri mhux diskriminatorji għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut u ż-żamma jew it-titjib tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar fil-limitu ta' 12-il mil nawtiku. Barra minn hekk, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett għandhom il-possibbiltà li jaqblu li jissottomettu rakkomandazzjonijiet konġunti għal miżuri ta' konservazzjoni meħtieġa għall-konformità mal-obbligi skont il-liġi tal-Unjoni dwar l-ambjent. Tali miżuri se jiġu vvalutati u adottati skont ir-regoli u l-proċeduri previsti taħt il-politika komuni tas-sajd.
- (40) Id-Direttiva 2008/56/KE tirrikjedi li l-Istati Membri jikkooperaw bilaterament u fi ħdan mekkaniżmi ta' kooperazzjoni reġjonali u subreġjonali, inkluż permezz ta' konvenzjonijiet dwar ibħra reġjonali<sup>69</sup>, kif ukoll, f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri tas-sajd, fil-kuntest tal-gruppi reġjonali stabbiliti skont il-politika komuni tas-sajd.
- (41) Huwa importanti li jiġu stabbiliti wkoll miżuri ta' restawr għall-habitats ta' ċerti speċijiet tal-baħar, bħall-klieb il-baħar u r-raj, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċijiet Migratorji tal-Animali Selvaggi, iżda barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE, peress li għandhom funzjoni importanti fl-ekosistema.
- (42) Sabiex jappoġġaw ir-restawr u n-nuqqas ta' deterjorament tal-habitats terrestri, tal-ilma heġu, kostali u tal-baħar, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jiddeżinjaw żoni addizzjonali bħala "żoni protetti" jew "żoni protetti b'mod strett", jimplimentaw miżuri effettivi oħra ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona, u jippromwovu miżuri privati ta' konservazzjoni tal-art.
- (43) L-ekosistemi urbani jirrappreżentaw madwar 22 % tas-superficcje tal-art tal-Unjoni, u jikkostitwixxu ż-żona li fiha jgħixu l-maġġoranza taċ-ċittadini tal-Unjoni. L-ispazji ħodor urbani jinkludu l-foresti urbani, il-parks u l-ġonna, l-azjendi agrikoli urbani, it-toroq bis-siġar, il-bwar urbani u l-hedges urbani, u jipprovdu habitats importanti għall-bijodiversità, b'mod partikolari l-pjanti, l-għasafar u l-insetti, inklużi l-pollinaturi. Dawn jipprovdu wkoll servizzi vitali tal-ekosistema, inkluż it-tnaqqis u l-kontroll tar-riskju ta' diżastri naturali (eż. għargħar, effetti gżira ta' sħana), it-tkessiħ, ir-rikreazzjoni, il-filtrazzjoni tal-ilma u tal-arja, kif ukoll il-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima.
- (44) L-azzjonijiet biex jiġi żgurat li l-ispazji ħodor urbani ma jibqgħux f'riskju li jiġu degradati jeħtieġ li jissaħħu bil-qawwa. Sabiex jiġi żgurat li l-ispazji ħodor urbani

<sup>69</sup> Il-Konvenzjoni tal-1992 għall-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar tal-Grigal tal-Atlantiku – il-Konvenzjoni OSPAR (OSPAR), il-Konvenzjoni tal-1992 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar fiż-Żona tal-Baħar Baltiku – il-Konvenzjoni ta' Helsinki (HELCOM), il-Konvenzjoni tal-1995 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent tal-Baħar u tar-Reġjun Kostali tal-Mediterran – il-Konvenzjoni ta' Barċellona (UNEP-MAP) u l-Konvenzjoni tal-1992 għall-Protezzjoni tal-Baħar l-Iswed – il-Konvenzjoni ta' Bucharest.

jkomplu jipprovdu s-servizzi tal-ekosistemi meħtieġa, it-telfien tagħhom jenħtieġ li jitwaqqaf u jenħtieġ li jiġu restawrati u miżjuda, *inter alia*, billi jiġu integrati aħjar l-infrastruttura ħadra u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-ippjanar urban u billi tiġi integrata l-infrastruttura ħadra, bħal pereżempju l-bjut ħodor u l-ħitan ħodor, fid-disinn tal-bini.

- (45) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 titlob sforzi akbar sabiex jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-ilma ħelu u l-funzjonijiet naturali tax-xmajjar. Ir-restawr tal-ekosistemi tal-ilma ħelu jenħtieġ li jinkludi sforzi biex tiġi restawrata l-konnettività naturali lonġitudinali u laterali tax-xmajjar kif ukoll iż-żoni riparji u l-imqagħad tagħhom, inkluż permezz tat-tneħħija ta' ostakli bil-ħsieb li tiġi appoġġata l-kisba ta' status ta' konservazzjoni favorevoli għax-xmajjar, għal-lagi u għall-habitats alluvjali u għall-ispeċijiet li jgħixu f'dawk il-habitats protetti bid-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, u l-kisba ta' wieħed mill-oġettivi ewlenin tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, jiġifieri, ir-restawr ta' mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar ġierja. Meta jneħħu l-ostakli, l-Istati Membri jenħtieġ li jindirizzaw primarjament l-ostakli obsoleti, li huma dawk li ma għadhomx meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għan-navigazzjoni interna, għall-provvista tal-ilma jew għal użi oħra.
- (46) Fl-Unjoni, il-pollinaturi naqsu b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin, b'waħda minn kull tliet speċijiet ta' naħal u bi speċijiet tal-friefet li qed jonqsu, u waħda minn kull għaxar speċijiet bħal dawn fix-xifer tal-estinzjoni. Il-pollinaturi huma essenzjali għall-funzjonament tal-ekosistemi terrestri, għall-benesseri tal-bniedem u għas-sigurtà tal-ikel, billi jdakkru l-pjanti selvaġġi u kkultivati. Kważi EUR 5 000 000 000 tal-produzzjoni agrikola annwali tal-UE hija attribwita b'mod dirett għall-insetti pollinaturi<sup>70</sup>.
- (47) Fl-1 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi<sup>71</sup> b'rispons għal talbiet mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-pollinaturi. Ir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-inizjattiva<sup>72</sup> wera li għad fadal sfidi sinifikanti fl-indirizzar tal-ixprunaturi tat-tnaqqis tal-pollinaturi, inkluż l-użu tal-pestiċidi. Il-Parlament Ewropew<sup>73</sup> u l-Kunsill<sup>74</sup> talbu għal azzjonijiet aktar b'saħħithom biex jiġi indirizzat it-tnaqqis tal-pollinaturi u għall-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ fl-Unjoni kollha għall-pollinaturi, u oġettivi u indikaturi ċari fir-rigward tal-impenn biex jitreġġa' lura t-tnaqqis tal-pollinaturi. Il-

<sup>70</sup> Vysna, V., Maes, J., Petersen, J.E., La Notte, A., Vallecillo, S., Aizpurua, N., Ivits, E., Teller, A., Accounting for ecosystems and their services in the European Union (INCA). Rapport finali mill-fażi II tal-proġett tal-INCA li għandu l-għan li jiżviluppa proġett pilota għal sistema integrata ta' kontijiet tal-ekosistemi għall-UE. Rapport statistiku. Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

<sup>71</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi (COM/2018/395 final).

<sup>72</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Progress fl-implimentazzjoni tal-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi (COM/2021/261 final).

<sup>73</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjtna (2020/2273(INI), disponibbli fuq [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0277\\_MT.pdf](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0277_MT.pdf).

<sup>74</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-17 ta' Diċembru 2020 dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 15/2020 bit-titlu "Protezzjoni tal-pollinaturi selvaġġi fl-UE: l-inizjattivi tal-Kummissjoni ma tawx ir-riżultati mixtieqa (14168/20).

Qorti Ewropea tal-Awdituri rrakkomandat li l-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmi xierqa ta' governanza u monitoraġġ għal azzjonijiet biex jiġi indirizzat it-theddid għal-pollinaturi<sup>75</sup>.

- (48) Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [għall-adozzjoni fit-22 ta' Ġunju 2022, inkludi t-titlu u n-numru tal-att adottat meta jkun disponibbli] għandha l-għan li tirregola wieħed mill-ixprunaturi tat-tnaqqis tal-pollinaturi billi tipprojbixxi l-użu tal-pestiċidi f'żoni ekoloġikament sensittivi, li ħafna minnhom huma koperti minn dan ir-Regolament, pereżempju ż-żoni li jsostnu l-ispeċijiet ta' pollinaturi li l-Listi Ħomor Ewropej<sup>76</sup> jikklassifikaw bħala mhedda bl-estinzjoni.
- (49) Ekosistemi agrikoli sostenibbli, reżiljenti u bijodiversi huma meħtieġa biex jipprovdu ikel sikur, sostenibbli, nutrittiv u affordabbli. Ekosistemi agrikoli għonja fil-bijodiversità jżidu wkoll ir-reżiljenza tal-agrikoltura għat-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali, filwaqt li jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-ikel u joħolqu impjiegi ġodda fiż-żoni rurali, b'mod partikolari impjiegi marbuta mal-biedja organika kif ukoll mat-turiżmu rurali u r-rikreazzjoni. Għalhekk, l-Unjoni jeħtieġ li ttejjeb il-bijodiversità fl-artijiet agrikoli tagħha, permezz ta' varjetà ta' Prattiki eżistenti li huma ta' benefiċċju għal jew kompatibbli mat-titjib tal-bijodiversità, inkluża l-agrikoltura estensiva. L-agrikoltura estensiva hija vitali għaż-żamma ta' ħafna speċijiet u habitats f'żoni għonja fil-bijodiversità. Hemm ħafna Prattiki agrikoli estensivi li għandhom benefiċċji multipli u sinifikanti fuq il-protezzjoni tal-bijodiversità, tas-servizzi tal-ekosistema u tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ bħall-agrikoltura ta' preċiżjoni, il-biedja organika, l-agroekoloġija, l-agroforestrija u l-artijiet bil-ħaxix permanenti ta' intensità baxxa.
- (50) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr biex tittejjeb il-bijodiversità tal-ekosistemi agrikoli madwar l-Unjoni, inkluż fiż-żoni mhux koperti minn tipi ta' habitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE. Fin-nuqqas ta' metodu komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi agrikoli li jippermetti l-istabbiliment ta' miri speċifiċi ta' restawr għall-ekosistemi agrikoli, jixraq li jiġi stabbilit obbligu ġenerali biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli u jitkejjel l-issodisfar ta' dak l-obbligu abbażi ta' indikaturi eżistenti.
- (51) Peress li l-għasafar tar-raba' tal-biedja huma magħrufa sew u huma indikaturi ewlenin rikonoxxuti sew tas-saħħa tal-ekosistemi agrikoli, jixraq li jiġu stabbiliti miri għall-irkupru tagħhom. L-obbligu li jintlaħqu dawn il-miri japplika għall-Istati Membri, mhux għall-bdiewa individwali. L-Istati Membri jenħtieġ li jilħqu dawk il-miri billi jistabbilixxu miżuri effettivi ta' restawr fuq ir-raba' tal-biedja, filwaqt li jaħdmu mal-bdiewa u parijiet ikkonċernati oħra u jappoġġawhom għat-tfassil u l-implimentazzjoni tagħhom fuq il-post.
- (52) Il-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira fuq l-art agrikola, inklużi l-biċċiet art ta' lqugħ, art mistrieħa rotazzjonali jew mhux rotazzjonali, ringieli ta' sġajriet, siġar individwali jew gruppi ta' siġar, ringieli ta' siġar, ġmiem madwar l-għelieqi, irqajja', fosos, xmajriet, artijiet mistagħdra żgħar, għelieqi mtarrġa, cairns, ħitan tal-ġebel, għadajjar żgħar u karatteristiċi kulturali, jipprovdu spazju għal pjanti u annimali selvaġġi, inklużi l-pollinaturi, jipprevjenu l-erożjoni u t-tnaqqis tal-ħamrija, jiffiltraw

<sup>75</sup> Rapport Speċjali 15/2020, [https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20\\_15/SR\\_Pollinators\\_MT.pdf](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_15/SR_Pollinators_MT.pdf)

<sup>76</sup> [Lista Ħamra Ewropea - Ambjent - il-Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://www.eca.europa.eu/Lists/ECADocuments/SR20_15/SR_Pollinators_MT.pdf)

l-arja u l-ilma, jappoġġaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u l-produttività agrikola tal-għelejjel li jiddependu mill-pollinaturi. Is-siġar produttivi li huma parti minn sistemi agroforestali tar-raba' li jinħadem u elementi produttivi f'hedges mhux produttivi jistgħu jitqiesu wkoll bħala karatteristiċi tal-pajsaġġ b'bijodiversità għolja sakemm ma jirċevux fertilizzanti jew trattament bil-pestiċidi u jekk il-ħsad iseħħ biss f'mument fejn dan ma jikkompromettix il-livelli għoljin ta' bijodiversità. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi stabbilit rekwiżit biex tiġi żgurata xejra dejjem tiżdied għas-sehem tal-art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira. Tali rekwiżit jippermetti lill-Unjoni tikseb wieħed mill-impenji ewlenin l-oħra tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, jiġifieri, li tkopri mill-inqas 10 % taż-żona agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira. Jenħtieġ li jinkisbu wkoll xejriet dejjem jiżdiedu għal indikaturi eżistenti oħra, bħall-indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix u l-istokk tal-karbonju organiku fil-ħamrija minerali użata għall-art tal-għelejjel.

- (53) Il-Politika Agrikola Komuni (PAK) għandha l-għan li tappoġġa u ssaħħaħ il-protezzjoni ambjentali, inkluża l-bijodiversità. Fost l-oġġettivi speċifiċi tagħha, il-politika għandha l-kontribuzzjoni għall-waqfien u t-treġġiġħ lura tat-telfien tal-bijodiversità, it-tiħiħ tas-servizzi tal-ekosistema u l-preservazzjoni tal-ħabitats u l-pajsaġġi. L-istandard Nru 8 il-ġdid tal-kondizzjonalità tal-PAK dwar il-Kundizzjonijiet Agrikoli u Ambjentali Tajba (KAAT 8)<sup>77</sup>, jirrikjedi li l-benefiċjarji tal-pagamenti relatati maż-żona jkollhom mill-inqas 4 % tar-raba' li jinħadem fil-livell tal-azjenda agrikola ddedikata għal żoni u karatteristiċi mhux produttivi, inkluż art mistrieħa u li jżommu l-karatteristiċi tal-pajsaġġ eżistenti. Is-sehem ta' 4 % li jrid jiġi attribwit għall-konformità ma' dak l-istandard tal-KAAT jista' jitnaqqas għal 3 % jekk jiġu ssodisfati ċerti pre-rekwiżiti<sup>78</sup>. Dak l-obbligu se jikkontribwixxi biex l-Istati Membri jilħqu xejra pożittiva fil-karatteristiċi tal-pajsaġġ b'diversità kbira fuq l-art agrikola. Barra minn hekk, skont il-PAK, l-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jistabbilixxu ekoskemi għall-prattiki agrikoli mwettqa minn bdiewa fuq żoni agrikoli li jistgħu jinkludu ż-żamma u l-ħolqien ta' karatteristiċi tal-pajsaġġ jew żoni mhux produttivi. B'mod simili, il-pjan strateġiku tal-PAK tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jinkludu wkoll impenji agroambjentali klimatiċi inkluża l-ġestjoni mtejba tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ li jmorru lil hinn mill-kundizzjonalità KAAT 8 u/jew l-ekoskemi. Il-proġetti LIFE dwar in-natura u l-bijodiversità se jgħinu wkoll biex il-bijodiversità tal-Ewropa fuq l-art agrikola titqiegħed fit-triq tal-irkupru sal-2030, billi jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE u d-Direttiva 2009/147/KE kif ukoll l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.
- (54) Ir-restawr u t-tixrib mill-ġdid<sup>79</sup> tal-ħamrija organika<sup>80</sup> fl-użu agrikolu (jiġifieri taħt l-użu ta' art bil-ħaxix u art tal-għelejjel) li tikkostitwixxi torbieri skulati jgħinu biex

<sup>77</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1,

<sup>78</sup> Meta bidwi jimpenja ruħu li jiddedika mill-inqas 7 % tar-raba' tiegħu li jinħadem għal żoni jew karatteristiċi mhux produttivi, inkluża art mistrieħa, skont ekoskema mtejba jew jekk ikun hemm sehem minimu ta' mill-inqas 7 % ta' raba' li jinħadem fil-livell tal-azjenda agrikola li jinkludi wkoll għelejjel tat-titwiq jew għelejjel li jassimilaw in-nitroġenu, ikkultivati mingħajr l-użu ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

<sup>79</sup> It-tixrib mill-ġdid huwa l-proċess tat-tibdil ta' ħamrija skulata f'ħamrija mxarrba. Il-Kapitolu 1 tal-IPCC 2014, 2013 u s-Suppliment għal-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006:

jinkisbu benefiċċji sinifikanti għall-bijodiversità, tnaqqis importanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u benefiċċji ambjentali oħra, filwaqt li fl-istess ħin jikkontribwixxu għal pajsaġġ agrikolu divers. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu minn firxa wiesgħa ta' miżuri ta' restawr għat-torbieri skulati fl-użu agrikolu li jvarjaw mill-konverżjoni tal-art tal-għelejjel għal art bil-ħaxix permanenti sa miżuri ta' estensifikazzjoni akkumpanjati minn tnaqqis fl-iskular, għat-tixrib mill-ġdid sħiħ bl-opportunità ta' użu ta' kultivazzjoni tal-għadajjar, jew l-istabbiliment ta' veġetazzjoni li tiffurma l-pit. L-aktar benefiċċji klimatiċi sinifikanti jinħolqu billi tiġi restawrata u mxarrba mill-ġdid l-art tal-għelejjel u wara tiġi restawrata l-art bil-ħaxix għal użu intensiv. Sabiex tkun tista' ssir implimentazzjoni flessibbli tal-mira għar-restawr għat-torbieri skulati taħt użu agrikolu, l-Istati Membri jistgħu jgħoddu l-miżuri ta' restawr u t-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati f'żoni ta' siti tal-estrazzjoni tal-pit kif ukoll, sa ċertu punt, ir-restawr u t-tixrib mill-ġdid tat-torbieri skulati taħt użi oħra tal-art (pereżempju foresta) bħala li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri għat-torbieri skulati taħt użu agrikolu.

(55)

(56) Sabiex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-bijodiversità, ir-restawr u t-tixrib mill-ġdid ta' żoni ta' torbieri skulati jenħtieġ li jestendu lil hinn miż-żoni tat-tipi ta' ħabitats tal-artijiet mistagħdra elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 92/43/KEE li jridu jiġu restawrati u stabbiliti mill-ġdid. Id-*data* dwar il-firxa tal-ħamrija organika kif ukoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra tagħhom hija mmonitorjata u magħmula disponibbli mir-rapportar tas-settur tal-LULUCF fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra mill-Istati Membri, ippreżentata lill-UNFCCC. It-torbieri restawrati u mxarrba mill-ġdid jistgħu jkomplu jintużaw b'mod produttiv b'modi alternattivi. Pereżempju, il-kultivazzjoni tal-għadajjar, il-prattika tal-biedja fuq torbieri mxarrba, jistgħu jinkludu l-kultivazzjoni ta' diversi tipi ta' qasab, ċerti forom ta' injam, il-kultivazzjoni tat-tuta żerqa u tal-cranberry, il-biedja tal-isphagnum, u r-raġha bil-buffli tal-ilma. Tali Prattiki jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli u mmirati lejn it-tisħiħ tal-bijodiversità sabiex ikollhom valur għoli kemm finanzjarjament kif ukoll ekoloġikament. Il-kultivazzjoni tal-għadajjar tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għal diversi speċijiet li huma fil-periklu fl-Unjoni u tista' tiffaċilita wkoll il-konnettività ta' żoni ta' artijiet mistagħdra u ta' popolazzjonijiet ta' speċijiet assoċjati fl-Unjoni. Il-finanzjament għal miżuri biex jiġu restawrati u mxarrba mill-ġdid it-torbieri skulati u biex jiġi kkompensat telf possibbli tal-introjtu jista' jiġi minn firxa wiesgħa ta' sorsi, inkluż nefqa taħt il-baġit tal-Unjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni.

(57) L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030<sup>81</sup> iddeskriviet il-ħtieġa li tiġi restawrata l-bijodiversità tal-foresti. Il-foresti u art imsaġġra oħra jiksu aktar minn 43,5 % tal-ispazju tal-art tal-UE. L-ekosistemi tal-foresti li jospitaw bijodiversità rikka huma vulnerabbli għat-tibdil fil-klima iżda huma wkoll b'mod naturali favur l-adattament u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u r-riskji relatati mal-klima, inkluż

---

Artijiet Mistagħdra, Hiraishi, T., Krug, T., Tanabe, K., Srivastava, N., Baasansuren, J., Fukuda, M. u Troxler, T.G. (eds).

<sup>80</sup> It-terminu "ħamrija organika" huwa definit fl-IPPC 2006, il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006, Imħejjija mill-Programm tal-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra, Eggleston H.S., Buendia L., Miwa K., Ngara T. u Tanabe K. (eds).

<sup>81</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. L-Istrateġija l-ġdida tal-UE għall-Foresti għall-2030 (COM/2021/572 final).

permezz tal-funzjonijiet tagħhom ta' ħażna tal-karbonju u ta' bir tal-karbonju, u jipprovdu ħafna servizzi u benefiċċji vitali oħra tal-ekosistema, bħall-forniment ta' injam, ikel u prodotti oħra mhux tal-injam, regolamentazzjoni tal-klima, stabbilizzazzjoni tal-ħamrija u kontroll tal-erożjoni u l-purifikazzjoni tal-arja u tal-ilma.

- (58) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti miżuri ta' restawr biex tittejjeb il-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti madwar l-Unjoni, inkluż fiż-żoni mhux koperti minn tipi ta' habitats li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/43/KEE. Fin-nuqqas ta' metodu komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi tal-foresti li jippermetti l-istabbiliment ta' miri speċifiċi ta' restawr għall-ekosistemi tal-foresti, jixraq li jiġi stabbilit obbligu ġenerali biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi tal-foresti u jitkejjel l-issodisfar ta' dak l-obbligu abbażi ta' indikaturi eżistenti, bħal injam mejjet wieqaf u mal-art, is-sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi, il-konnettività tal-foresti, l-indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti<sup>82</sup>, u l-istokk ta' karbonju organiku.
- (59) Il-miri u l-obbligi ta' restawr għall-habitats u għall-ispeċijiet protetti skont id-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE, għall-pollinatori u għall-ekosistemi tal-ilma ħelu, urbani, agrikoli u tal-foresti jenħtieġ li jkunu komplementari u jaħdmu f'sinerġija, bil-ħsieb li jintlaħaq l-oġettiv ġenerali li jiġu restawrati l-ekosistemi fiż-żoni kollha tal-art u tal-baħar tal-Unjoni. Il-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tintlaħaq mira speċifika waħda f'ħażna każijiet se jikkontribwixxu għall-kisba ta' miri jew obbligi oħra. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jipplanaw il-miżuri ta' restawr b'mod strateġiku bil-ħsieb li jimmassimizzaw l-effettività tagħhom biex jikkontribwixxu għall-irkupru tan-natura fl-Unjoni. Il-miżuri ta' restawr jenħtieġ li jiġu pplanati wkoll b'tali mod li jindirizzaw il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni u l-kontroll tal-impatt tad-diżastri naturali. Jenħtieġ li jkollhom l-għan li jottimizzaw il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tal-ekosistemi, inkluż il-potenzjal tal-produttività tagħhom, filwaqt li jqisu l-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u l-komunitajiet rilevanti. Huwa importanti li l-Istati Membri jħejju pjanijiet nazzjonali dettaljati ta' restawr ibbażati fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, u li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fit-tnejn tal-pjanijiet. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-kundizzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi fit-territorju tagħhom, sabiex il-pjanijiet jirrispondu għall-pressjonijiet, għat-theddud u għall-ixprunaturi rilevanti tat-telfien tal-bijodiversità, u jenħtieġ li jikkoooperaw biex jiżguraw ir-restawr u l-konnettività bejn il-fruntieri.
- (60) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti li kienu, u li jridu jiġu stabbiliti biex jipproteġu, jikkonservaw u jirrestawraw in-natura fl-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom: il-miżuri ta' konservazzjoni stabbiliti għas-siti ta' Natura 2000 u l-oqfsa ta' azzjoni prijoritizzata mħejjija f'konformità mad-Direttivi 92/43/KEE u 2009/147/KE; miżuri għall-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE; strateġiji tal-baħar għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb għar-reġjuni tal-baħar kollha tal-Unjoni mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2008/56/KE; programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284; strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u pjanijiet ta' azzjoni żviluppata f'konformità mal-

<sup>82</sup> [Indiċi tal-għasafar komuni \(aggregat tal-UE\) - Settijiet tad-Data tal-Prodotti - Eurostat \(europa.eu\).](#)

Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, kif ukoll miżuri ta' konservazzjoni adottati f'konformità mar-Regolament 1380/2013 u miżuri tekniċi adottati f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>83</sup>.

- (61) Sabiex tiġi żgurata koerenza bejn l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva (UE) 2018/2001<sup>84</sup>, ir-Regolament (UE) 2018/1999<sup>85</sup> u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli<sup>86</sup>, b'mod partikolari, matul it-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-potenzjal li l-proġetti tal-enerġija rinnovabbli jagħtu kontributi biex jintlaħqu l-oġġettivi tar-restawr tan-natura.
- (62) Meta titqies l-importanza li jiġu indirizzati b'mod konsistenti l-isfidi doppji tat-telfien tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima, ir-restawr tal-bijodiversità jenħtieġ li jqis l-użu tal-enerġija rinnovabbli u viċi versa. Il-Komunikazzjoni dwar REPowerEU: L-Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli<sup>87</sup> tiddikjara li l-Istati Membri jenħtieġ li malajr jimmappjaw, jivvalutaw u jiżguraw żoni tal-art u tal-baħar xierqa li huma disponibbli għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli, proporzjonati mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-enerġija u l-klima, mal-kontributi lejn il-mira riveduta tal-enerġija rinnovabbli għall-2030 u fatturi oħra bħad-disponibbiltà tar-riżorsi, l-infrastruttura tal-grilja u l-miri tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija<sup>88</sup> u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi

<sup>83</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

<sup>84</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

<sup>85</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

<sup>86</sup> Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

<sup>87</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni REPowerEU: Azzjoni Ewropea Konġunta għal enerġija aktar affordabbli, sikura u sostenibbli (COM/2022/108 final).

<sup>88</sup> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika, COM/2022/222 final.

għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-iffaċilitar tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija<sup>89</sup>, it-tnejn adottati fit-18 ta' Mejju 2022, jipprevedu wkoll l-identifikazzjoni ta' żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Dawk huma postijiet speċifiċi, kemm fuq l-art kif ukoll fuq il-baħar, partikolarment adatti għall-installazzjoni ta' impjanti għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, għajr l-impjanti ta' kombustjoni tal-bijomassa, fejn l-użu ta' tip speċifiku ta' enerġija rinnovabbli mhuwieq mistenni li jkollu impatti ambjentali sinifikanti, fid-dawl tal-partikolaritajiet tat-territorju magħżul. L-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu prijorità lis-superfiċji artifiċjali u mibnija, bħall-bjut, iż-żoni tal-infrastrutturi tat-trasport, iż-żoni tal-parkeġġ, is-siti tal-iskart, is-siti industrijali, il-minjieri, l-istrutturi artifiċjali tal-ilma intern, il-lagi jew il-ġibjuni u, meta xieraq, is-siti ta' trattament tal-ilma urban mormi, u l-art degradata li ma tistax tintuża għall-agrikoltura. Fl-għażla taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jevitaw iż-żoni protetti u jikkunsidraw il-pjanijiet nazzjonali tagħhom għar-restawr tan-natura. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mad-deżinjazzjoni taż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Matul it-tnejn tal-pjanijiet għar-restawr tan-natura, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw sinerġiji maż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà deżinjati u jiżguraw li l-funzjonament taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli fiż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli previsti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jinbidlux.

- (63) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji ma' miżuri ta' restawr li diġà ġew ippjanati jew implimentati fl-Istati Membri, jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr jirrikonoxxu dawk il-miżuri ta' restawr u jqisuhom. Fid-dawl tal-urġenza indikata mir-rapport tal-IPCC tal-2022 għat-teħid ta' azzjonijiet dwar ir-restawr ta' ekosistemi degradati, l-Istati Membri jenħtieġ li jimplementaw dawk il-miżuri b'mod parallel mat-tnejn tal-pjanijiet ta' restawr.
- (64) Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr jenħtieġ li jqisu wkoll ir-riżultati tal-proġetti ta' riċerka rilevanti għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi, l-identifikazzjoni u l-istabbiliment ta' miżuri ta' restawr, u skopijiet ta' monitoraġġ.
- (65) Huwa xieraq li titqies is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, kif elenkati fl-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jipprevedi miżuri speċifiċi biex jappoġġaw lil dawk ir-reġjuni. Kif previst fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tar-reġjuni ultraperiferiċi, minħabba l-valur tal-bijodiversità eċċezzjonalment rikk tagħhom.
- (66) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-“EEA”) jenħtieġ li tappoġġa lill-Istati Membri fit-tnejn tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, kif ukoll fil-monitoraġġ tal-progress lejn l-ilhug tal-miri u l-obbligi ta' restawr. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta jekk il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr humiex adegwati biex jintlaħqu dawk il-miri u l-obbligi.
- (67) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat tan-Natura tal-2020 wera li sehem sostanzjali tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 17 tad-

<sup>89</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħaffif tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u l-iffaċilitar tal-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija, C(2022) 3219 final.



Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE<sup>90</sup> u mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, b'mod partikolari dwar l-istatus ta' konservazzjoni u x-xejriet tal-ħabitats u tal-ispeċijiet li jipproteġu, ġej minn sħarriġiet parzjali jew huwa bbażat biss fuq ġudizzju espert. Dak ir-Rapport wera wkoll li l-istatus ta' diversi tipi ta' ħabitats u speċijiet protetti skont id-Direttiva 92/43/KEE għadu mhux magħruf. Il-mili ta' dawk in-nuqqasijiet fl-għarfien u l-investment fil-monitoraġġ u s-sorveljanza huma meħtieġa sabiex jiġu sostnuti pjanijiet nazzjonali ta' restawr robusti u bbażati fuq ix-xjenza. Sabiex jiżiedu l-puntwalità, l-effettività u l-koerenza ta' diversi metodi ta' monitoraġġ, il-monitoraġġ u s-sorveljanza jenħtieġ li jagħmlu l-aħjar użu possibbli mir-riżultati ta' proġetti ta' riċerka u innovazzjoni ffinanzjati mill-Unjoni, teknoloġiji ġodda, bħall-monitoraġġ *in situ* u t-telerilevament bl-użu ta' *data* u servizzi spazjali pprovduti taħt il-programm Spazjali tal-Unjoni (EGNOS/Galileo u Copernicus). Il-missjonijiet tal-UE "Ir-Restawr tal-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna", "Adattament għat-tibdil fil-klima" u "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" se jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-miri għar-restawr<sup>91</sup>.

- (68) Sabiex jiġi mmonitorjat il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, il-miżuri ta' restawr implimentati, l-oqsma soġġetti għal miżuri ta' restawr, u d-*data* dwar l-inventarju tal-ostakli għall-kontinwità tax-xmajjar, jenħtieġ li tiġi introdotta sistema li tirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu, iżommu aġġornati u jagħmlu aċċessibbli d-*data* rilevanti dwar ir-riżultati minn tali monitoraġġ. Ir-rapportar elettroniku tad-*data* lill-Kummissjoni jenħtieġ li jagħmel użu mis-sistema Reportnet tal-EEA u jenħtieġ li jkollu l-għan li jżomm il-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha kemm jista' jkun limitat. Sabiex tiġi żgurata infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, għar-rapportar u għall-kondiviżjoni tad-*data* bejn l-awtoritajiet pubbliċi, jenħtieġ li l-Istati Membri, fejn rilevanti, jibbażaw l-ispeċifikazzjonijiet tad-*data* fuq dawk imsemmija fid-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>92</sup>, fid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>93</sup> u fid-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>94</sup>.
- (69) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tappoġġa lill-Istati Membri fuq talba permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku<sup>95</sup>, li jipprovdri appoġġ tekniku mfassal apposta għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tar-riformi. L-appoġġ tekniku jinkludi, pereżempju, it-tiżiħ tal-kapaċità amministrattiva, l-armonizzazzjoni tal-oqfsa leġislattivi, u l-kondiviżjoni tal-aqwa prattiki rilevanti.

<sup>90</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

<sup>91</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Missjonijiet Ewropej COM(2021) 609 final).

<sup>92</sup> Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

<sup>93</sup> Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infurmazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

<sup>94</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

<sup>95</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Istrument ta' Appoġġ Tekniku (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1).

- (70) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrapporta dwar il-progress li jkun sar mill-Istati Membri biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi ta' restawr ta' dan ir-Regolament abbażi ta' rapporti ta' progress madwar l-Unjoni kollha mfassla mill-EEA kif ukoll analiżi u rapporti oħra magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'oqsma ta' politika rilevanti bħall-politika dwar in-natura, il-baħar u l-ilma.
- (71) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, huwa ta' importanza kbira li jsiru investimenti privati u pubbliċi adegwati fir-restawr, u l-Istati Membri jenħtieġ li jintegraw in-nefqa għall-oġġettivi tal-bijodiversità, inkluż fir-rigward tal-kostijiet ta' opportunità u ta' tranżizzjoni li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, fil-baġits nazzjonali tagħhom u jirriflettu kif jintuża l-finanzjament tal-Unjoni. Fir-rigward tal-finanzjament tal-Unjoni, in-nefaq taħt il-baġit tal-Unjoni u l-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, bħall-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)<sup>96</sup>, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)<sup>97</sup>, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)<sup>98</sup>, il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni<sup>99</sup> u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta<sup>100</sup>, kif ukoll il-programm qafas tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni, Orizzont Ewropa<sup>101</sup>, tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-bijodiversità bl-ambizzjoni li tiddedika 7,5 % fl-2024, u 10 % fl-2026 u fl-2027 tal-infiq annwali skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027<sup>102</sup> lill-oġġettivi tal-bijodiversità. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF)<sup>103</sup> hija sors ieħor ta' finanzjament għall-protezzjoni u r-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistemi. B'referenza għall-Programm LIFE, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għall-użu xieraq tal-Proġetti Strateġiċi tan-Natura (SNaPs) bħala għodda speċifika li tista' tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, permezz tal-integrazzjoni tar-riżorsi finanzjarji disponibbli b'mod effettiv u effiċjenti.

<sup>96</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/783 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 li jistabbilixxi Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni dwar il-Klima (LIFE), u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 53).

<sup>97</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004 (ĠU L 247, 13.7.2021, p. 1).

<sup>98</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/2220 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżizzjonali għall-appoġġ mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fis-snin 2021 u 2022 u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u (UE) Nru 1307/2013 fir-rigward tar-riżorsi u l-applikazzjoni fis-snin 2021 u 2022 u r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tar-riżorsi u d-distribuzzjoni ta' tali appoġġ fir-rigward tas-snin 2021 u 2022 (ĠU L 437, 28.12.2020, p. 1).

<sup>99</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 60).

<sup>100</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (ĠU L 231 30.06.2021, p. 1).

<sup>101</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1).

<sup>102</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021 sa 2027 (ĠU L 4331, 22.12.2020, p. 11).

<sup>103</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

- (72) Hemm firxa ta' inizzjattivi tal-UE, nazzjonali u privati disponibbli biex jistimulaw il-finanzjament privat, bħall-Programm InvestEU<sup>104</sup>, li joffri opportunitajiet biex jiġi mobilizzat il-finanzjament pubbliku u privat biex jiġi appoġġat *inter alia* t-titjib tan-natura u tal-bijodiversità permezz ta' proġetti ta' infrastruttura haċċra u blu, u sekwestru tal-karbonju f'art agrikola bħala mudell tan-negożju ekoloġiku<sup>105</sup>.
- (73) L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu approċċ ġust u bejn is-soċjetajiet fit-tnejn u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, billi jinkludu proċessi għall-parteċipazzjoni tal-pubbliku u billi u billi jikkunsidraw il-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati.
- (74) Skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>106</sup>, il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK huma maħsuba biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri nazzjonali fit-tul, u jkunu konsistenti magħhom, miri li jinsabu fl-atti leġislattivi elenkati fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament jew li jirriżultaw minnhom. Dan ir-Regolament dwar ir-restawr tan-natura jenħtieġ li jitqies meta, f'konformità mal-Artikolu 159 tar-Regolament (UE) 2021/2115, il-Kummissjoni tirrieżamina, sal-31 ta' Diċembru 2025, il-lista stabbilita fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament.
- (75) F'konformità mal-impenn fit-8 Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2030<sup>107</sup>, l-Istati Membri jenħtieġ li jeliminaw gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent fil-livell nazzjonali, filwaqt li jagħmlu l-aħjar użu minn strumenti bbażati fuq is-suq u għodod ta' bbaġitjar ekoloġiku, inklużi dawk meħtieġa biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta, u li jappoġġaw lin-negożji u lil partijiet ikkonċernati oħra fl-iżvilupp ta' prattiki standardizzati tal-kontabbiltà tal-kapital naturali.
- (76) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ ta' dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-Annessi I sa VII biex jiġi adattat il-grupp ta' habitats, biex tiġi aġġornata l-informazzjoni dwar l-indiċi komuni tal-għasafar tar-raba' tal-biedja, kif ukoll biex tiġi adattata l-lista ta' indikaturi tal-bijodiversità għall-ekosistemi agrikoli, il-lista ta' indikaturi tal-bijodiversità għall-ekosistemi tal-foresti u l-lista ta' speċijiet tal-baħar għall-aħħar evidenza xjentifika u l-eżempji ta' miżuri ta' restawr. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet adatti waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>52</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tnejn ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

<sup>104</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/523 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-Programm InvestEU u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/1017 (ĠU L 107, 26.3.2021, p. 30).

<sup>105</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli (COM(2021) 800 final).

<sup>106</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jifasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

<sup>107</sup> [Trid tizzied ir-referenza meta jkun ġie ppubblikat it-8 EAP].

- (77) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-metodu għall-monitoraġġ tal-pollinaturi, biex jiġu speċifikati l-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u l-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, biex jiġi żviluppat qafas għall-istabbiliment tal-livelli sodisfaċenti ta' pollinaturi, ta' indikaturi għall-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u ta' indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament, biex jiġi stabbilit format uniformi għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, biex jiġi stabbilit il-format, l-istruttura u arranġamenti dettaljati għar-rapportar tad-data u tal-informazzjoni b'mod elettroniku lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>108</sup>.
- (78) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa li jiġu stabbiliti miri għar-restawr addizzjonali, abbażi ta' metodi komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi mhux koperti mill-Artikoli 4 u 5, filwaqt li titqies l-aktar evidenza xjentifika riċenti.
- (79) Minħabba li l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

#### *Artikolu 1*

#### **Suġġett**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkontribwixxu għal:
  - (a) l-irkupru kontinwat, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni permezz tar-restawr tal-ekosistemi;

<sup>108</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (b) l-ilħuq tal-objettivi ġenerali tal-Unjoni dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima;
  - (c) l-ilħuq tal-impenji internazzjonali tal-Unjoni.
2. Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, mingħajr dewmien, miżuri ta' restawr effettivi u bbażati fuq iż-żona li flimkien għandhom ikopru, sal-2030, mill-inqas 20 % taż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni u, sal-2050, l-ekosistemi kollha li jeħtieġu restawr.

## *Artikolu 2* **Ambitu ġeografiku**

Dan ir-Regolament japplika għall-ekosistemi msemmija fl-Artikoli 4 sa 10:

- (a) fit-territorju tal-Istati Membri;
- (b) fl-ilmijiet, f'qiegħ il-baħar u fis-sottoswol fuq in-naħa marittima tal-linja bażi li minnha titkejjel il-firxa tal-ilmijiet territorjali li testendi sal-ogħla livell taż-żona fejn Stat Membru jeżerċita drittijiet sovrani, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar id-Dritt tal-Baħar.

## *Artikolu 3* **Definizzjonijiet**

Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “ekosistema” tfisser kumpless dinamiku ta' komunitajiet ta' pjanti, animali u mikroorganiżmi u l-ambjent mhux ħaj tagħhom, li jinteraġixxu bħala unità funzjonali, u jinkludu tipi ta' habitats, habitats ta' speċijiet u popolazzjonijiet ta' speċijiet;
- (2) “habitat ta' speċi” tfisser l-ambjent definit permezz ta' fatturi speċifiċi abijotiċi u bijotiċi, li fihom tgħix l-ispeċi fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħha;
- (3) “restawr” tfisser il-proċess ta' għajjnuna attiva jew passiva għall-irkupru ta' ekosistema lejn jew għal kundizzjoni tajba, ta' tip ta' habitat għall-ogħla livell ta' kundizzjoni li jista' jinkiseb u għall-erja ta' referenza favorevoli tiegħu, ta' habitat ta' speċi għal kwalità u kwantità suffiċjenti, jew tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet għal livelli sodisfaċenti, bħala mezz ta' konservazzjoni jew ta' titjib tal-bijodiversità u tar-reżiljenza tal-ekosistema;
- (4) “kundizzjoni tajba” tfisser stat fejn il-karatteristiċi ewlenin ta' ekosistema, jiġifieri l-istat fiżiku, kimiku, ta' kompożizzjoni, strutturali u funzjonali tagħha, u l-karatteristiċi tal-pajsaġġ u tal-pajsaġġ tal-baħar tagħha, jirriflettu l-livell għoli ta' integrità ekoloġika, ta' stabbiltà u ta' reżiljenza meħtieġa biex tiġi żgurata ż-żamma fit-tul tagħha;
- (5) “erja ta' referenza favorevoli” tfisser l-erja totali ta' tip ta' habitat f'reġjun bijoġeografiku jew f'reġjun tal-baħar partikolari fil-livell nazzjonali li titqies bħala l-minimu meħtieġ biex tiġi żgurata l-vijabbiltà fit-tul tat-tip ta' habitat u tal-ispeċijiet tiegħu, u l-varjazzjonijiet ekoloġiċi sinifikanti kollha tiegħu fil-medda naturali

tiegħu, u li hija magħmula mill-erja tat-tip ta' ħabitat u, jekk dik l-erja ma tkunx biżżejjed, l-erja meħtieġa għall-istabbiliment mill-ġdid tat-tip ta' ħabitat;

- (6) “kwalità suffiċjenti tal-ħabitat” tfisser il-kwalità ta' ħabitat ta' speċi li tippermetti li r-rekwiżiti ekoloġiċi ta' speċi jiġu ssodisfati fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħha sabiex tkun qed iżżomm lilha nnifisha fuq bażi fit-tul bħala komponent vijabbli tal-ħabitat tagħha fil-firxa naturali tagħha;
- (7) “kwantità suffiċjenti ta' ħabitat” tfisser il-kwantità ta' ħabitat ta' speċi li tippermetti li r-rekwiżiti ekoloġiċi ta' speċi jiġu ssodisfati fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu bijoloġiku tagħha sabiex tkun qed iżżomm lilha nnifisha fuq bażi fit-tul bħala komponent vijabbli tal-ħabitat tagħha fil-firxa naturali tagħha;
- (8) “pollinatur” tfisser annimal selvaġġ li jittrasporta t-trab tad-dakra mill-antera ta' pjanta għall-istigma ta' pjanta oħra, biex b'hekk tkun tista' ssir il-fertilizzazzjoni u l-produzzjoni taż-żrieragħ;
- (9) “tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-pollinatori” tfisser tnaqqis fl-abbundanza jew fid-diversità, jew fit-tnejn, tal-pollinatori;
- (10) “unità amministrattiva lokali” jew “LAU” tfisser diviżjoni amministrattiva ta' livell baxx ta' Stat Membri taħt dik ta' provinċja, reġjun jew stat, stabbilita f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>109</sup>;
- (11) “bliet” tfisser LAUs fejn mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentru urban wieħed jew aktar, imkejla bl-użu tal-grad ta' urbanizzazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4b.3, il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (12) “irħula u subborgi” tfisser LAUs fejn inqas minn 50 % tal-popolazzjoni tgħix f'ċentru urban, iżda mill-inqas 50 % tal-popolazzjoni tgħix fi cluster urban, imkejla bl-użu tal-grad ta' urbanizzazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4b.3, il-punt (a), tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003;
- (13) “spazju aħdar urban” tfisser iż-żoni urbani ħodor kollha; foresti bil-weraq wesgħin; foresti koniferi; foresti mħallta; artijiet bil-ħaxix naturali; xagħrijet u artijiet moxa; arbuxelli ta' msaġar tranżizzjonali u żoni b'veġetazzjoni skarsa - kif jinsabu fil-bliet jew fl-irħula kkalkolati abbażi tad-*data* pprovduta mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>110</sup>;
- (14) “kopertura urbana bis-siġar” tfisser l-erja totali ta' kopertura bis-siġar fi bliet u rħula u subborgi, ikkalkolata abbażi tad-*data* dwar id-Densità tal-Kopertura tas-Siġar ipprovduta mis-Servizz ta' Monitoraġġ tal-Art ta' Copernicus kif stabbilit mir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

<sup>109</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

<sup>110</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69).

- (15) “żona deżinjata għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli” tfisser żona deżinjata għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli kif definita fil-punt 9(a) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>111</sup>.

## KAPITOLU II

### MIRI U OBBLIGI TA' RESTAWR

#### *Artikolu 4*

#### **Restawr ta' ekosistemi terrestri, kostali u tal-ilma ħelu**

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jittejbu għal kundizzjoni tajba ż-żoni ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I li mhumiex f'kundizzjoni tajba. Tali miżuri għandhom ikunu fis-seħħ fuq mill-inqas 30 % taż-żona ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I li ma jkunx f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, sal-2030, fuq mill-inqas 60 % sal-2040, u fuq mill-inqas 90 % sal-2050.
2. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jistabbilixxu mill-ġdid it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I f'żoni mhux koperti minn dawk it-tipi ta' habitats. Tali miżuri għandhom ikunu fis-seħħ fuq żoni li jirrappreżentaw mill-inqas 30 % tas-superfiċje ġenerali addizzjonali meħtieġa biex tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli totali ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, kif ikkwantifikata fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, sal-2030, mill-inqas 60 % ta' dik is-superfiċje sal-2040, u 100 % ta' dik is-superfiċje sal-2050.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr għall-habitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu tal-ispeċijiet elenkati fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-habitats tal-art, kostali u tal-ilma ħelu tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE li huma meħtieġa biex tittejjeb il-kwalità u l-kwantità ta' dawk il-habitats, inkluż billi jiġu stabbiliti mill-ġdid, u biex tissaħħaħ il-konnettività, sakemm jinkisbu kwalità u kwantità suffiċjenti ta' dawk il-habitats.
4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħħar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inklużi l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, kif imsemmi fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Iż-żoni fejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I jinsabu f'kundizzjoni mhux magħrufa għandhom jitqiesu bħala li mhumiex f'kundizzjoni tajba.

---

<sup>111</sup> Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, id-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza enerġetika, COM(2022)222 final.

5. Il-miżuri ta' restawr imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-ħtieġa għal konnettività mtejba bejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I u għandhom iqisu r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 li jseħħu f'dawk it-tipi ta' habitats.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 juru titjib kontinwu fil-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I sakemm tintlaħaq kundizzjoni tajba, u titjib kontinwu tal-kwalità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3, sakemm tintlaħaq il-kwalità suffiċjenti ta' dawk il-habitats. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba, u li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċi, ma jiddeterjorawx.
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni fejn iseħħu t-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I ma jiddeterjorawx.
8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 huwa ġġustifikat jekk ikun ikkawżat minn:
  - (a) force majeure;
  - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tibdil fil-klima; jew
  - (c) proġett ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ.
9. Għas-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu stabbilit fil-paragrafi 6 u 7, huwa ġġustifikat jekk ikun ikkawżat minn:
  - (a) force majeure;
  - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma direttament ikkawżati mit-tibdil fil-klima; jew
  - (c) pjan jew proġett awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE.
10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm:
  - (a) żieda fl-erja tal-habitat f'kundizzjoni tajba għat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness I sakemm mill-inqas 90 % tkun f'kundizzjoni tajba u sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' habitat f'kull reġjun bijoġeografiku tat-territorju tagħhom;
  - (b) xejra dejjem tiżdied lejn il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-habitats terrestri, kostali u tal-ilma ħelu tal-ispeċijiet imsemmija fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-ispeċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE.

#### *Artikolu 5*

#### **Restawr tal-ekosistemi tal-baħar**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jittejjbu għal kundizzjoni tajba ż-żoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II li mhumiex f'kundizzjoni tajba. Tali miżuri għandhom ikunu fis-seħħ fuq mill-inqas 30 % tal-erja ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II li ma jkunx



- f'kundizzjoni tajba, kif ikkwantifikat fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, sal-2030, fuq mill-inqas 60 % sal-2040, u fuq mill-inqas 90 % sal-2050.
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jistabbilixxu mill-ġdid it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II f'żoni mhux koperti minn dawk it-tipi ta' habitats. Tali miżuri għandhom ikunu fis-seħħ fuq żoni li jirrappreżentaw mill-inqas 30 % tas-superfiċje ġenerali addizzjonali meħtieġa biex tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli totali ta' kull grupp ta' tipi ta' habitats, kif ikkwantifikata fil-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 12, sal-2030, mill-inqas 60 % ta' dik is-superfiċje sal-2040, u 100 % ta' dik is-superfiċje sal-2050.
  3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr għall-habitats tal-baħar tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness III u fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u għall-habitats tal-baħar tal-għasafar selvaġġi koperti mid-Direttiva 2009/147/KE, li huma meħtieġa sabiex jittejbu l-kwalità u l-kwantità ta' dawk il-habitats, inkluż billi jiġu stabbiliti mill-ġdid, u biex tittejjeb il-konnettività, sakemm tinkiseb kwalità u kwantità suffiċjenti ta' dawk il-habitats.
  4. Id-determinazzjoni tal-aktar żoni xierqa għall-miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tkun ibbażata fuq l-aħjar għarfien disponibbli u fuq l-aħjar evidenza xjentifika tal-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II, imkejla mill-istruttura u mill-funzjonijiet li huma meħtieġa għaż-żamma fit-tul tagħhom, inklużi l-ispeċijiet tipiċi tagħhom, imsemmija fl-Artikolu 1(e) tad-Direttiva 92/43/KEE, u tal-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3. Iż-żoni fejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II jinsabu f'kundizzjoni mhux magħrufa għandhom jitqiesu bħala li mhumiex f'kundizzjoni tajba.
  5. Il-miżuri ta' restawr imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom iqisu l-ħtieġa għal konnettività mtejjba bejn it-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II u għandhom iqisu r-rekwiżiti ekoloġiċi tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 li jseħħu f'dawk it-tipi ta' habitats.
  6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 juru titjib kontinwu fil-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II sakemm tintlaħaq kundizzjoni tajba, u titjib kontinwu tal-kwalità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 sakemm tintlaħaq il-kwalità suffiċjenti ta' dawk il-habitats. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba u li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċi ma jiddeterjorawx.
  7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ż-żoni fejn iseħħu t-tipi ta' habitats elenkati fl-Anness II ma jiddeterjorawx.
  8. Barra mis-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 6 u 7 huwa ġġustifikat jekk ikkawżat minn:
    - (a) force majeure;
    - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-habitats li huma kkawżati direttament mit-tidil fil-klima; jew
    - (c) proġett ta' interess pubbliku prevalenti li għalih mhumiex disponibbli soluzzjonijiet alternattivi anqas dannużi, li għandu jiġi ddeterminat fuq bażi ta' każ b'każ.
  9. Għas-siti ta' Natura 2000, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu stabbilit fil-paragrafi 6 u 7, huwa ġġustifikat jekk ikkawżat minn:

- (a) force majeure;
  - (b) trasformazzjonijiet inevitabbli tal-ħabitats li huma direttament ikkawżati mit-tibdil fil-klima: jew
  - (c) pjan jew proġett awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE.
10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm:
- (a) żieda fl-erja tal-ħabitat f'kundizzjoni tajba għat-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Anness II sakemm mill-inqas 90 % tkun f'kundizzjoni tajba u sakemm tintlaħaq l-erja ta' referenza favorevoli għal kull tip ta' ħabitat f'kull reġjun bijoġeografiku tat-territorju tagħhom;
  - (b) xejra pożittiva lejn il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-ħabitats tal-baħar tal-ispeċijiet elenkati fl-Anness III u fl-Annessi II, IV u V tad-Direttiva 92/43/KEE u tal-ispeċijiet koperti mid-Direttiva 2009/147/KE.

#### *Artikolu 6*

#### **Restawr tal-ekosistemi urbani**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jkun hemm l-ebda telfien nett ta' spazju aħdar urban, u ta' kopertura urbana bis-siġar sal-2030, meta mqabbla mal-2021, fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm żieda fl-erja nazzjonali totali tal-ispazju aħdar urban fil-bliet u fl-irħula u fis-subborgi ta' mill-inqas 3 % tal-erja totali tal-bliet u tal-irħula u tas-subborgi fl-2021, sal-2040, u mill-inqas 5 % sal-2050. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:
  - (a) kopertura urbana bis-siġar minima ta' 10 % fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi sal-2050; u
  - (b) gwadann nett ta' spazju aħdar urban li huwa integrat fl-iżviluppi ta' bini u infrastruttura eżistenti u ġodda, inkluż permezz ta' rinnovazzjonijiet u tiġdid, fil-bliet kollha u fl-irħula u fis-subborgi.

#### *Artikolu 7*

#### **Restawr tal-konnettività naturali tax-xmajjar u tal-funzjonijiet naturali tal-imqagħad relatati**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu inventarju tal-ostakli għall-konnettività lonġitudinali u laterali tal-ilmijiet tas-superfiċje u jidentifikaw l-ostakli li jeħtieġ li jitneħħew biex jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri ta' restawr stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament u tal-oġjettiv li jiġu restawrati mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar fi xmajjar ġierja fl-Unjoni sal-2030, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/60/KE, b'mod partikolari l-Artikoli 4(3), 4(5) u 4(7) tagħha, u għar-Regolament 1315/2013, b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu.
2. L-Istati Membri għandhom ineħħu l-ostakli għall-konnettività lonġitudinali u laterali tal-ilmijiet tas-superfiċje identifikati skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'konformità mal-pjan għat-tneħħija tagħhom imsemmi fl-Artikolu 12(2), il-punt (f). Meta jneħħu l-ostakli, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw primarjament l-ostakli

obsoleti, li huma dawk li ma għadhomx meħtieġa għall-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, għan-navigazzjoni interna, għall-provvista tal-ilma jew għal użi oħra.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomplementaw it-tneħħija tal-ostakli msemmija fil-paragrafu 2 bil-miżuri meħtieġa biex jittejjbu l-funzjonijiet naturali tal-imqagħad relatati.

#### *Artikolu 8*

##### **Restawr tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi**

1. L-Istati Membri għandhom ireġġgħu lura t-tnaqqis tal-popolazzjonijiet tal-pollinaturi sal-2030 u minn hemm 'il quddiem jiksbu xejra dejjem tiżdied ta' popolazzjonijiet tal-pollinaturi, imkejla kull tliet snin wara l-2030, sakemm jintlaħqu livelli sodisfaċenti, kif stabbilit f'konformità mal-Artikolu 11(3).
2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi metodu għall-monitoraġġ tal-popolazzjonijiet ta' pollinaturi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).
3. Il-metodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jipprovdi approċċ standardizzat għall-ġbir ta' *data* annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' pollinaturi u għall-valutazzjoni tax-xejriet fil-popolazzjoni tal-pollinaturi.

#### *Artikolu 9*

##### **Restawr tal-ekosistemi agrikoli**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tittejjeb il-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli, minbarra ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr skont l-Artikolu 4(1), (2) u (3).
2. L-Istati Membri għandhom jiksbu xejra dejjem tiżdied fil-livell nazzjonali ta' kull wieħed mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi agrikoli, kif speċifikat ulterjorment fl-Anness IV, imkejla fil-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull tliet snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):
  - (a) indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix;
  - (b) ħażna tal-karbonju organiku fil-ħamrija minerali użata fl-artijiet tal-għeļlejjel;
  - (c) sehem tal-art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira.
3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex jiżguraw li l-indiċi tal-għasafar komuni tar-raba' tal-biedja fil-livell nazzjonali bbażat fuq l-ispeċijiet speċifikati fl-Anness V, indiċjat fi ... [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] = 100, jilħaq il-livelli li ġejjin:
  - (a) 110 sal-2030, 120 sal-2040 u l-130 sal-2050, għall-Istati Membri elenkati fl-Anness V b'popolazzjonijiet storikament aktar eżawriti ta' għasafar tar-raba' tal-biedja;

- (b) 105 sal-2030, 110 sal-2040 u l-115 sal-2050, għall-Istati Membri elenkati fl-Anness IV b'popolazzjonijiet storikament anqas eżawriti ta' għasafar tar-raba' tal-biedja.
4. Għall-ħamrija organika fl-użu agrikolu li tikkostitwixxi torbieri skulati, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miżuri ta' restawr. Dawk il-miżuri għandhom ikunu fis-seħħ tal-anqas fuq:
- (a) 30 % ta' tali żoni sal-2030, li minnhom mill-inqas kwart minnhom għandhom jerġgħu jiġu mxarrba;
- (b) 50 % ta' tali żoni sal-2040, li minnhom mill-inqas nofs għandhom jerġgħu jiġu mxarrba;
- (c) 70 % ta' tali żoni sal-2050, li minnhom mill-inqas nofs għandhom jerġgħu jiġu mxarrba.
- (16) L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri ta' restawr, inkluż it-tixrib mill-ġdid, f'żoni ta' siti ta' estrazzjoni tal-pit u jgħoddu dawk iż-żoni bħala li jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri rispettivi msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c).
- (17) Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu miżuri ta' restawr biex ixarrbu mill-ġdid il-ħamrija organika li tikkostitwixxi torbieri skulati taħt użi tal-art għajr l-użu agrikolu u l-estrazzjoni tal-pit u jgħoddu dawk iż-żoni mxarrba mill-ġdid bħala li jikkontribwixxu, sa massimu ta' 20 %, għall-kisba tal-miri msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c).

#### *Artikolu 10*

#### **Restawr tal-ekosistemi tal-foresti**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri ta' restawr meħtieġa biex tittejjeb il-bijodiversità tal-ekosistemi tal-foresti, minbarra ż-żoni li huma soġġetti għal miżuri ta' restawr skont l-Artikolu 4(1), (2) u (3).
2. L-Istati Membri għandhom jiksibu xejra dejjem tiżdied fil-livell nazzjonali ta' kull wieħed mill-indikaturi li ġejjin fl-ekosistemi tal-foresti, kif stabbilit ulterjorment fl-Anness VI, imkejla fil-perjodu mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2030, u kull tliet snin wara dan, sakemm jintlaħqu l-livelli sodisfaċenti identifikati f'konformità mal-Artikolu 11(3):
- (a) injam mejjet wieqaf;
- (b) injam mejjet mal-art;
- (c) sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi;
- (d) konnettività tal-foresti;
- (e) indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti;
- (f) ħażna ta' karbonju organiku.

## KAPITOLU III

### PJANIJIET NAZZJONALI TA' RESTAWR

#### *Artikolu 11*

#### **Tħejjija tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr**

1. L-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet nazzjonali ta' restawr u għandhom iwettqu l-monitoraġġ u r-riċerka preparatorja meħtieġa biex jidentifikaw il-miżuri ta' restawr li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, filwaqt li jqisu l-aħħar evidenza xjentifika.
2. L-Istati Membri għandhom jikkwantifikaw l-erja li jeħtieġ li tiġi rrestawrata biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 filwaqt li jqisu l-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats imsemmija fl-Artikoli 4(1), 4(2), 5(1) u 5(2) u l-kwalità u l-kwantità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3) u fl-Artikolu 5(3) li huma preżenti fit-territorju tagħhom. Il-kwantifikazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni li ġejja:
  - (a) għal kull tip ta' habitat:
    - (i) l-erja totali tal-habitat u mappa tad-distribuzzjoni attwali tagħha;
    - (ii) l-erja tal-habitat li mhijiex f'kundizzjoni tajba;
    - (iii) l-erja ta' referenza favorevoli filwaqt li jitqies it-telfien dokumentat matul mill-inqas l-aħħar 70 sena u t-tibdil previst fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima;
    - (iv) iż-żoni l-aktar adattati għall-istabbiliment mill-ġdid tat-tipi ta' habitats ta' tibdil kontinwu u previst fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima;
  - (b) il-kwalità u l-kwantità suffiċjenti tal-habitats tal-ispeċijiet meħtieġa għall-kisba tal-istatus ta' konservazzjoni favorevoli tagħhom, filwaqt li jitqiesu iż-żoni l-aktar xierqa għall-istabbiliment mill-ġdid ta' dawk il-habitats, u l-konnettività meħtieġa bejn il-habitats sabiex il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet jiżviluppaw tajjeb, kif ukoll il-bidliet kontinwi u mbassra fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima.
3. L-Istati Membri għandhom jistabilixxu, sa mhux aktar tard mill-2030, livelli sodisfaċenti għal kull wieħed mill-indikaturi msemmija fl-Artikoli 8(1), 9(2) u 10(2), permezz ta' proċess u valutazzjoni miftuħa u effettivi, ibbażati fuq l-aħħar evidenza xjentifika u, jekk disponibbli, il-qafas imsemmi fl-Artikolu 17(9).
4. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw u jimmappjaw iż-żoni agrikoli u tal-foresti li jeħtieġu restawr, b'mod partikolari iż-żoni li, minħabba fatturi ta' intensifikazzjoni jew ta' ġestjoni oħra, jeħtieġu konnettività mtejba u diversità tal-pajsaġġ.
5. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw sinerġiji mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, mal-adattament għat-tibdil fil-klima u mal-prevenzjoni tad-diżastri u għandhom jagħtu prijorità lill-miżuri ta' restawr kif xieraq. L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll:
  - (a) il-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima msemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999;

- (b) l-istrateġija fit-tul tagħhom imsemmija fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/1999;
  - (c) il-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 stabbilita fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
6. L-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-iżvilupp tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr mad-deżinjazzjoni taż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Matul it-tnejn tal-pjanijiet għar-restawr tan-natura, l-Istati Membri għandhom li jiżguraw sinerġiji maż-żoni għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli diġà deżinjati u jiżguraw li l-funzjonament taż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-proċeduri tal-għoti tal-permessi applikabbli fiż-żoni deżinjati għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli previsti mid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jinbidlux.
7. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr tagħhom, l-Istati Membri għandhom iqisu dan li ġej:
- (a) il-miżuri ta' konservazzjoni stabbiliti għas-siti ta' Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE;
  - (b) oqfsa ta' azzjoni prijoritizzata mħejjija f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE;
  - (c) miżuri għall-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-baċir tax-xmara mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE;
  - (d) strateġiji tal-baħar għall-kisba ta' status ambjentali tajjeb għar-reġjuni tal-baħar kollha tal-Unjoni mħejjija f'konformità mad-Direttiva 2008/56/KE;
  - (e) programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284;
  - (f) strateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u pjanijiet ta' azzjoni żviluppatti f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika;
  - (g) miżuri ta' konservazzjoni adottati skont il-politika komuni tas-sajd.
8. L-Istati Membri għandhom, meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, jagħmlu użu mill-eżempji differenti ta' miżuri ta' restawr elenkati fl-Anness VII, skont il-kundizzjonijiet nazzjonali u lokali speċifiċi, u l-aħħar evidenza xjentifika.
9. Meta jkunu qed iħejju l-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jottimizzaw il-funzjonijiet ekoloġiċi, ekonomiċi u soċjali tal-ekosistemi kif ukoll il-kontribut tagħhom għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u l-komunitajiet rilevanti.
10. L-Istati Membri għandhom, fejn possibbli, irawmu sinerġiji mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr ta' Stati Membri oħra, b'mod partikolari għall-ekosistemi li jaqsmu l-fruntieri.
11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tnejn tal-pjan ta' restawr tkun miftuħa, inklużiva u effettiva u li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fl-elaborazzjoni tiegħu. Il-konsultazzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-reqwiziti stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10 tad-Direttiva 2001/42/KE.

## Artikolu 12

### Kontenut tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr

1. Il-pjan nazzjonali ta' restawr għandu jkopri l-perjodu sal-2050, bi skadenzi intermedji li jikkorrispondu għall-miri u għall-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10.
2. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-elementi li ġejjin fil-pjan nazzjonali ta' restawr tagħhom, bl-użu tal-format uniformi stabbilit f'konformità mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu:
  - (a) il-kwantifikazzjoni taż-żoni li jridu jiġu restawrati biex jintlaħqu l-miri għar-restawr stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10 abbażi tal-ħidma preparatorja mwettqa f'konformità mal-Artikolu 11 u mapep b'referenzi ġeografiċi ta' dawk iż-żoni;
  - (b) deskrizzjoni tal-miżuri ta' restawr ippjanati, jew stabbiliti, biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10 u speċifikazzjoni dwar liema minn dawk il-miżuri ta' restawr huma pplanati, jew implimentati, fi ħdan in-network ta' Natura 2000 stabbilit f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE;
  - (c) indikazzjoni tal-miżuri biex jiġi żgurat li ż-żoni koperti mit-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Annessi I u II ma jiddeterjorawx fiż-żoni li fihom tkun intlaħqet kundizzjoni tajba u li l-ħabitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikoli 4(3) u 5(3) ma jiddeterjorawx fiż-żoni li fihom tkun intlaħqet il-kwalità suffiċjenti tal-ħabitats tal-ispeċi, f'konformità mal-Artikoli 4(6) u 5(6);
  - (d) indikazzjoni tal-miżuri biex jiġi żgurat li ż-żoni koperti mit-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Annessi I u II ma jiddeterjorawx, f'konformità mal-Artikolu 4(7) u l-Artikolu 5(7);
  - (e) l-inventarju tal-ostakli u l-ostakli identifikati għat-tneħħija f'konformità mal-Artikolu 7(1), il-pjan għat-tneħħija tagħhom f'konformità mal-Artikolu 7(2) u stima tat-tul tax-xmajjar ġierja, ħaġa li għandha tinkiseb bit-tneħħija ta' dawk l-ostakli sal-2030 u sal-2050, u kwalunkwe miżura oħra biex jiġu stabbiliti mill-ġdid il-funzjonijiet naturali tal-imqagħad f'konformità mal-Artikolu 7(3);
  - (f) iż-żmien għall-istabbiliment tal-miżuri ta' restawr f'konformità mal-Artikoli 4 sa 10;
  - (g) taqsima ddedikata li tistabbilixxi miżuri ta' restawr imfassla apposta fir-regġuni ultraperiferiċi tagħhom, kif applikabbli;
  - (h) il-monitoraġġ taż-żoni soġġetti għar-restawr f'konformità mal-Artikoli 4 u 5, il-proċess għall-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' restawr stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 4 sa 10 u għar-reviżjoni ta' dawk il-miżuri fejn meħtieġ biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10;
  - (i) indikazzjoni tad-dispożizzjonijiet biex jiġu żgurati l-effetti kontinwi, fit-tul u sostnuti tal-miżuri ta' restawr imsemmija fl-Artikoli 4 sa 10;
  - (j) il-kobenefiċċji stmati għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima assoċjati mal-miżuri ta' restawr maż-żmien, kif ukoll benefiċċji soċjoekonomiċi usa' ta' dawk il-miżuri;
  - (k) taqsima ddedikata li tistabbilixxi kif il-pjan nazzjonali ta' restawr iqis:
    - (i) ir-rilevanza tax-xenarji tat-tibdil fil-klima għall-ippjanar tat-tip u tal-post tal-miżuri ta' restawr;

- (ii) il-potenzjal ta' miżuri ta' restawr għall-imminimizzar tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq in-natura, għall-prevenzjoni ta' diżastri naturali u għall-appoġġ għall-adattament;
  - (iii) sinerġiji ma' strateġiji jew pjanijiet nazzjonali ta' adattament u rapporti nazzjonali ta' valutazzjoni tar-riskju ta' diżastri;
  - (iv) ħarsa ġenerali lejn l-interazzjoni bejn il-miżuri inklużi fil-pjan nazzjonali ta' restawr u l-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima;
- (l) il-ħtiġijiet ta' finanzjament stmati għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr, li għandhom jinkludu d-deskrizzjoni tal-appoġġ lill-partijiet ikkonċernati affettwati minn miżuri ta' restawr jew obbligi ġodda oħra li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u l-mezzi ta' finanzjament maħsuba, pubbliċi jew privati, inkluż il-(ko)finanzjament bl-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni;
  - (m) indikazzjoni tas-sussidji li jaffettwaw b'mod negattiv l-ilħuq tal-miri u t-twettiq tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament;
  - (n) sommarju tal-proċess għat-tħejjija u l-istabbiliment tal-pjan nazzjonali ta' restawr, inkluża informazzjoni dwar il-parteċipazzjoni pubblika u dwar kif ġew ikkunsidrati l-ħtiġijiet tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet ikkonċernati;
  - (o) taqsima ddedikata li tindika kif tqiesu l-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni dwar l-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikolu 14(4) f'konformità mal-Artikolu 14(5). Jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jindirizzax osservazzjoni mill-Kummissjoni jew parti sostanzjali minnha, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi r-raġunijiet tiegħu.
3. Il-pjanijiet nazzjonali ta' restawr għandhom, fejn applikabbli, jinkludu l-miżuri ta' konservazzjoni li Stat Membru jkollu l-ħsieb li jadotta skont il-politika komuni tas-sajd, inklużi miżuri ta' konservazzjoni f'rakkomandazzjonijiet konġunti li Stat Membru jkollu l-ħsieb li jibda f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013, u kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar dawk il-miżuri.
  4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi format uniformi għall-pjanijiet nazzjonali ta' restawr. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) meta tfassal il-format uniformi.

### *Artikolu 13*

#### **Preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr**

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr imsemmi fl-Artikoli 11 u 12 lill-Kummissjoni sa... *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = l-ewwel jum tax-xahar 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*



#### *Artikolu 14*

### **Valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr**

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla. Waqt li twettaq dik il-valutazzjoni, il-Kummissjoni għandha taġixxi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat.
2. Meta tivvaluta l-pjan nazzjonali ta' restawr, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-konformità tiegħu mal-Artikolu 12, kif ukoll l-adegwatezza tiegħu biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, kif ukoll l-oġettivi ġenerali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 1, l-oġettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 7(1) li jiġu restawrati mill-inqas 25 000 km ta' xmajjar fi xmajjar ġierja fl-Unjoni sal-2030 u l-oġettiv tal-2030 li jiġu koperti mill-inqas 10 % tal-erja agrikola tal-Unjoni b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira.
3. Għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn esperti jew mill-EEA.
4. Il-Kummissjoni tista' tindirizza osservazzjonijiet lill-Istati Membri fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla tal-abbozz tal-pjan nazzjonali ta' restawr.
5. L-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq kwalunkwe osservazzjoni mill-Kummissjoni fil-pjan nazzjonali ta' restawr finali tagħhom.
6. L-Istati Membri għandhom jiffinalizzaw, jipubblikaw u jissottomettu lill-Kummissjoni l-pjan nazzjonali ta' restawr fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla tal-osservazzjonijiet mill-Kummissjoni.

#### *Artikolu 15*

### **Rieżami tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr**

1. L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw il-pjan nazzjonali ta' restawr tagħhom mill-inqas darba kull 10 snin, f'konformità mal-Artikoli 11 u 12, filwaqt li jqisu l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet, l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli kif ukoll l-għarfien disponibbli dwar il-bidliet jew il-bidliet mistennija fil-kundizzjonijiet ambjentali minħabba t-tibdil fil-klima.
2. Meta jidher ċar li l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali ta' restawr ma jkunux biżżejjed biex jikkonformaw mal-miri u l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, abbażi tal-monitoraġġ f'konformità mal-Artikolu 17, l-Istati Membri għandhom jirrevedu l-pjan nazzjonali ta' restawr u jinkludu miżuri supplimentari.
3. Abbażi tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) u (2) u l-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(4) u (5), jekk il-Kummissjoni tqis li l-progress li jkun sar minn Stat Membru mhux biżżejjed biex jikkonforma mal-miri u mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 10, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istat Membru kkonċernat jissottometti abbozz aġġornat ta' pjan nazzjonali ta' restawr b'miżuri supplimentari. Dak il-pjan nazzjonali ta' restawr aġġornat b'miżuri supplimentari għandu jiġi ppubblikat u ppreżentat fi żmien sitt xhur mid-data tal-wasla tat-talba mill-Kummissjoni.

*Artikolu 16*  
**Aċċess għall-ġustizzja**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku, f'konformità mal-liġi nazzjonali, li għandhom interess suffiċjenti jew li jsostnu l-indeboliment ta' dritt, ikollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew korp indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr u kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, irrispettivament mir-rwol li l-membri tal-pubbliku kellhom matul il-proċess għat-tnejn u l-istabbiliment tal-pjan nazzjonali ta' restawr.
2. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod konsistenti mal-oġettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li għandha drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti u l-interess tagħhom għandu jitqies suffiċjenti.
3. Il-proċeduri ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ġusti, ekwi, f'waqthom u mingħajr ħlas jew ma jkunux għoljin b'mod projbittiv, u għandhom jipprovdu rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn meħtieġ.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni Prattika tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattivi u ġudizzjarji msemmija f'dan l-Artikolu.

## KAPITOLU IV

### MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

*Artikolu 17*  
**Monitoraġġ**

1. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw dan li ġej:
  - (a) il-kundizzjoni u x-xejra fil-kundizzjoni tat-tipi ta' habitats u l-kwalità u x-xejra fil-kwalità tal-habitats tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 fiż-żoni soġġetti għal miżuri ta' restawr abbażi tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikolu 12(2), il-punt (h);
  - (b) l-erja ta' spazju aħdar urban u kopertura urbana bis-siġar fil-bliet u fl-irħula u fis-subborgi, kif imsemmi fl-Artikolu 6;
  - (c) l-indikaturi tal-bijodiversità fl-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV;
  - (d) il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet komuni tal-għasafar tar-raba' tal-biedja elenkati fl-Anness V;
  - (e) l-indikaturi tal-bijodiversità fl-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI;
  - (f) l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' pollinatori, skont il-metodu stabbilit f'konformità mal-Artikolu 8(2);

- (g) l-erja u l-kundizzjoni taż-żoni koperti mit-tipi ta' ħabitats elenkati fl-Annessi I u II, fit-territorju kollu tagħhom;
  - (h) l-erja u l-kwalità tal-ħabitat tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 4(3), u fl-Artikolu 5(3), fit-territorju kollu tagħhom.
2. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (a), għandu jibda malli jiġu stabbiliti l-miżuri ta' restawr.
  3. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (b), (c), (d), (e) għandu jibda fi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
  4. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (f), ta' dan l-Artikolu għandu jibda sena wara d-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 8(2).
  5. Il-monitoraġġ f'konformità mal-paragrafu 1, il-punti (a), (b) u (c), ta' dan l-Artikolu, dwar l-istokk ta' karbonju organiku fil-ħamrija minerali tal-art tal-għelejjel u s-sehem ta' art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ ta' diversità kbira, u (e) fir-rigward tal-injam mejjet wieqaf, l-injam mejjet mal-art, is-sehem ta' foresti bi struttura ta' maturazzjoni mhux uniformi, il-konnettività tal-foresti u l-istokk ta' karbonju organiku, għandhom jitwettqu mill-inqas kull tliet snin, u, fejn possibbli, kull sena. Il-monitoraġġ f'konformità ma' dak il-paragrafu, il-punt (c) dwar l-indiċi tal-friefet tal-artijiet bil-ħaxix, dak il-paragrafu, il-punti (d) u (e) dwar l-indiċi tal-għasafar komuni tal-foresti, u dak il-paragrafu, il-punt (f) dwar l-ispeċijiet ta' pollinaturi għandu jitwettaq kull sena. Il-monitoraġġ f'konformità ma' dak il-paragrafu, il-punti (g) u (h), għandu jitwettaq mill-inqas kull sitt snin u għandu jkun ikkoordinat maċċiklu ta' rapportar skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE.
  6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli msemmija fl-Artikolu 9(2), il-punt (b), u l-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti msemmija fl-Artikolu 10(2), il-punti (a), (b) u (f), ta' dan ir-Regolament, jiġu mmonitorjati b'mod konsistenti mal-monitoraġġ meħtieġ skont ir-Regolamenti (UE) 2018/841 u (UE) 2018/1999.
  7. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw id-*data* ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont dan l-Artikolu, f'konformità mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>112</sup> u f'konformità mal-frekwenzi ta' monitoraġġ stabbiliti fil-paragrafu 5.
  8. Is-sistemi ta' monitoraġġ tal-Istati Membri għandhom joperaw abbażi ta' bażijiet tad-*data* elettroniċi u sistemi ta' informazzjoni ġeografika, u għandhom jimmassimizzaw l-aċċess u l-użu ta' *data* u servizzi minn teknoloġiji ta' telerilevament, osservazzjoni tad-dinja (servizzi ta' Copernicus), sensuri u apparat *in situ*, jew id-*data* dwar ix-xjenza taċ-ċittadini, l-ingranaġġ tal-opportunitajiet offruti mill-intelliġenza artifiċjali, l-analiżi u l-ipproċessar avvanzati tad-*data*.
  9. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex:
    - (a) tispeċifika l-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli elenkati fl-Anness IV;

<sup>112</sup> Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

- (b) tispeċifika l-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti elenkati fl-Anness VI;
- (c) tiżviluppa qafas għall-istabbiliment tal-livelli sodisfaċenti msemmija fl-Artikolu 11(3).

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2).

### *Artikolu 18*

#### **Rapportar**

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku lill-Kummissjoni ż-żona soġġetta għall-miżuri ta' restawr imsemmija fl-Artikoli 4 sa 10 u l-ostakli msemmija fl-Artikolu 7 li tneħħew, fuq bażi annwali minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].
2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni, meġġuna mill-EEA, tal-anqas kull tliet snin:
  - (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali ta' restawr, fl-istabbiliment tal-miżuri ta' restawr u l-progress fl-ilħuq tal-miri u l-obbligi stabbiliti f'konformità mal-Artikoli 4 sa 10;
  - (b) ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 17. Ir-rapportar tar-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq f'konformità mal-Artikolu 17(1)(g) u (h) għandu jiġi ppreżentat inkluż fil-forma ta' mapep b'referenza ġeografika;
  - (c) il-post u l-firxa taż-żoni soġġetti għall-miżuri ta' restawr imsemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 5, u l-Artikolu 9(4), inkluża mappa b'referenza ġeografika ta' dawk iż-żoni;
  - (d) l-inventarju aġġornat tal-ostakli msemmi fl-Artikolu 7(1);
  - (e) informazzjoni dwar il-progress miksub biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament, f'konformità mal-Artikolu 12(2)(l), inkluż rieżami tal-investment attwali kontra s-suppożizzjonijiet ta' investment inizzjali.

L-ewwel rapporti għandhom jiġu ppreżentati f'Ġunju 2031, li jkopru l-perjodu sal-2030.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-format, l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21(2). Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-EEA meta tfassal il-format, l-istruttura u l-arranġamenti dettaljati għar-rapportar elettroniku.
4. L-EEA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'ħarsa ġenerali teknika annwali tal-progress biex jintlaħqu l-miri u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament, abbażi tad-data magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 17(7).
5. L-EEA għandha tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport tekniku dwar l-Unjoni kollha dwar il-progress lejn l-ilħuq tal-miri u l-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament abbażi tad-data magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Tista' tuża wkoll l-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva 92/43/KEE, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, u l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2008/56/KE. Ir-rapport għandu

jiġi pprovdut sa Ġunju 2032 u r-rapporti sussegwenti għandhom jiġu pprovduti kull tliet snin wara dan.

6. Il-Kummissjoni għandha, mill-2029 'il quddiem, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.
7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 tkun adegwata u aġġornata u li tkun disponibbli għall-pubbliku f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2007/2/KE u (UE) 2019/1024 tal-Parlament u tal-Kunsill.

## KAPITOLU V

### SETGĦAT DELEGATI U PROCĊEDURA TA' KUMITAT

#### *Artikolu 19*

#### **Emenda tal-Annessi**

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness I sabiex tadatta l-gruppi tat-tipi ta' habitats.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-lista ta' tipi ta' habitats u l-gruppi ta' tipi ta' habitats.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness III, sabiex tadatta l-lista ta' speċijiet tal-baħar imsemmija fl-Artikolu 5 f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness IV, sabiex tadatta d-deskrizzjoni, l-unità u l-metodoloġija tal-indikaturi għall-ekosistemi agrikoli f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness V sabiex taġġorna l-lista ta' speċijiet użati għall-indiċi tal-għasafar komuni tar-raba' tal-biedja fl-Istati Membri.
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness VI sabiex tadatta d-deskrizzjoni, l-unità u l-metodoloġija tal-indikaturi għall-ekosistemi tal-foresti f'konformità mal-aħħar evidenza xjentifika.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness VII sabiex tadatta l-lista ta' eżempji ta' miżuri ta' restawr.

#### *Artikolu 20*

#### **Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]. Il-Kummissjoni

għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 19 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>113</sup>.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 19 għandu jidhul fis-seħħ biss jekk ma tkunx ġiet espressa oġġezzjoni, la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill, fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

#### *Artikolu 21*

#### **Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

## **KAPITOLU VI**

### **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

#### *Artikolu 22*

#### **Rieżami**

1. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sal-31 ta' Diċembru 2035.

---

<sup>113</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali tal-evalwazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Meta l-Kummissjoni ssib li jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emenda tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu stabbiliti miri għar-restawr addizzjonali, abbażi ta' metodi komuni għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi mhux koperti mill-Artikoli 4 u 5, u l-aktar evidenza xjentifika riċenti.

*Artikolu 23*

***Dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura.

#### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: 09 Ambjent u Azzjoni Klimatika

Attivitajiet:

09 02 - Il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE)

09 10 – Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA)

#### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja<sup>114</sup>

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

#### 1.4. Objettiv(i)

##### 1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv tar-Regolament propost huwa li jikkontribwixxi għall-irkupru kontinwu, fit-tul u sostnut tan-natura bijodiversa u reżiljenti madwar iż-żoni tal-art u tal-baħar tal-Unjoni permezz tar-restawr tal-ekosistemi, il-ħabitats u l-ispeċijiet u biex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u għall-adattament għat-tibdil fil-klima u biex jintlaħqu l-impenji internazzjonali tal-UE.

B'segwitu mill-objettiv ġenerali, l-objettiv speċifiku ta' dan ir-Regolament propost huwa:

- Ir-restawr ta' ekosistemi degradati madwar l-UE għal kundizzjoni tajba sal-2050, u t-triq tagħhom lejn l-irkupru sal-2030. Ladarba jiġu restawrati, l-ekosistemi għandhom jinżammu f'kundizzjoni tajba.

B'segwitu mill-objettiv speċifiku, l-objettivi operazzjonali huma:

- Li jiġu stabbiliti miri legalment vinkolanti għar-restawr u għaż-żamma tal-ekosistemi f'kundizzjoni tajba.

- L-istabbiliment ta' qafas effettiv biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni b'mod partikolari mill-obbligu għall-Istati Membri li jivvalutaw l-ekosistemi u li jistabbilixxu Pjan Nazzjonali ta' Restawr kif ukoll għar-rapportar u r-rieżami.

##### 1.4.2. Riżultat(i) u impatt mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

<sup>114</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.



Is-soċjetà kollha kemm hi tibbenefika mir-restawr tan-natura permezz ta' mitigazzjoni u adattament imtejba tat-tibdil fil-klima u għestjoni tar-riskju ta' diżastri. Barra minn hekk, ir-restawr tan-natura jipprovdi opportunitajiet ta' impjeg u ta' introjtu u għandu effetti pożittivi fuq is-saħħa taċ-ċittadini, fuq il-wirt u fuq l-identità naturali u kulturali mtejba, kif ukoll fuq il-kwalità u s-sigurtà mtejba tal-ikel u tal-ilma. Firxa wiesgħa ta' setturi ekonomiċi se jibbenefikaw ukoll, b'mod partikolari dawk li jiddependu ħafna fuq is-servizzi tal-ekosistema, bħall-ikel agrikolu, is-sajd, il-forestrija, il-kumpaniji tal-ilma, it-turiżmu kif ukoll is-settur finanzjarju.

Ir-restawr tal-ekosistemi ntwera li huwa kosteffettiv (il-benefiċċji jisbqu bil-kbir il-kostijiet), iżda jeħtiegħ investiment li jġarrab kostijiet finanzjarji u ta' opportunità għall-manigġers tal-art u tar-riżorsi naturali, li jistgħu jiġu kkompensati permezz ta' inċentivi pprovduti mill-gvernijiet u mix-xerrejja tas-servizzi tal-ekosistema. Il-metodu u l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' restawr, ta' żamma u ta' kumpens magħżula mill-Istati Membri biex jimplementaw ir-Regolament se jiddeterminaw b'mod aktar preċiż liema, kif u meta jiġu affettwati l-partijiet ikkonċernati. Il-kostijiet possibbli fuq perjodu qasir marbuta mat-telf tal-introjtu li ċerti gruppi tal-popolazzjoni bħall-bdiewa, is-sidien tal-foresti jew is-sajjieda jistgħu jġarrbu filwaqt li t-tranżizzjoni għal prattiki aktar sostenibbli tista' tkun parzjalment jew kompletament koperta taħt il-finanzjament tal-UE u sorsi oħra.

Ir-Regolament propost jaffettwa wkoll lill-awtoritajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, peress li dawn ikollhom rwol fl-immappjar u fil-valutazzjoni tal-ekosistemi u tas-servizzi tagħhom, u fl-ippjanar, fil-finanzjament, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-programmi ta' restawr. Il-piżijiet amministrattivi huma mfittxija li jiġu minimizzati bl-użu ta' mekkaniżmi għall-monitoraġġ u r-rapportar skont il-leġiżlazzjoni eżistenti għall-miri stabbiliti fil-pass 1 (b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Għasafar u l-Ħabitats, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina u r-Regolament LULUCF) kif ukoll id-*data* diġà miġbura direttament mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka eż. permezz ta' Copernicus. Fil-pass 2, se jiġu stabbiliti miri u linji bażi addizzjonali għall-ekosistemi li għalihom il-mekkaniżmi ta' *data* u monitoraġġ għadhom mhumiex żviluppati bis-siġħ. Għalhekk, il-mekkaniżmi eżistenti se jiġu kkomplementati bl-iżvilupp ta' metodu għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi kollha.

#### 1.4.3. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-implimentazzjoni tal-proposta għandha tiżgura li l-ekosistemi madwar l-UE jkunu fit-triq lejn l-irkupru sal-2030 u jiġu restawrati għal kundizzjoni tajba sal-2050.

Hemm żewġ indikaturi prinċipali previsti għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni:

- Miżuri/attivitàjiet ta' restawr u ta' stabbiliment mill-ġdid stabbiliti mill-Istati Membri biex jiżguraw l-irkupru tal-ekosistema.
- Il-kundizzjoni u l-istatus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi fil-livell nazzjonali u/jew reġjonali (bijoġeografiku) u jekk juru xejriet pożittivi kontra l-linja bażi rilevanti tal-ekosistema inkwistjoni.

Id-definizzjoni ta' kundizzjoni tajba tal-ekosistema u miżuri xierqa ta' restawr u ta' ħolqien mill-ġdid ivarjaw fost l-ekosistemi. Għall-ħabitats skont l-Anness I tad-

Direttiva dwar il-Habitats, huma disponibbli definizzjonijiet, linji bażi, miri u monitoraġġ. Għall-ekosistemi l-oħrajn, li għalihom il-mekkaniżmi tad-*data* u tal-monitoraġġ għadhom ma ġewx żviluppati bis-siġħ, fil-proposta ġie stabbilit proċess għall-iżvilupp ta' metodoloġija għall-UE kollha għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' dawn l-ekosistemi, li tippermetti li jiġu stabbiliti aktar tard miri u linji bażi speċifiċi addizzjonali. Madankollu, għal diversi minn dawn l-ekosistemi, bħall-art urbana, agrikola u forestali, diġà teżisti informazzjoni dwar diversi indikaturi relatati mal-kundizzjoni tal-ekosistema permezz ta' skemi ta' monitoraġġ Pan-Ewropej (eż. taħt Forest Europe) jew diġà tinġabar direttament mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jew mill-Kummissjoni permezz ta' eż. Copernicus. L-indikaturi għandhom ikunu rilevanti, aċċettati, kredibbli, faċli u robusti.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi(u) ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza l-importanza ta' protezzjoni u restawr aħjar tan-natura. L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tistabbilixxi l-oġettiv ġenerali li t-telfien tal-bijodiversità jitreġġa' lura sabiex il-bijodiversità tal-Ewropa tkun fit-triq lejn l-irkupru sal-2030 u li sal-2050 l-ekosistemi kollha tal-UE jiġu restawrati, reżiljenti u protetti b'mod adegwat. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill Ewropew saħqu fuq iż-żieda fl-isforzi għar-restawr tal-ekosistemi.

Ir-regolament propost se japplika direttament mill-jum tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Madankollu, se jkun hemm bżonn li jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli serje ta' kompiti amministrattivi u xi wħud minnhom jibdew diġà fl-2022 (jiġifieri bi thejġija għad-dħul fis-seħħ, qabel l-approvazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill) u xi wħud wara d-dħul fis-seħħ. Filwaqt li xi kompiti se jkunu ta' darba (il-ħolqien ta' infrastruttura tal-IT), oħrajn se jkunu rikorrenti sakemm jibqa' japplika r-Regolament. B'mod partikolari:

Qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament:

a) 2022-2023: Il-Kummissjoni (DG ENV u JRC) f'kollaborazzjoni mal-EEA u mal-Istati Membri, se tiżviluppa metodoloġija għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-ekosistemi li għalihom għadhom mhumiex disponibbli l-monitoraġġ u l-linji bażi, sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti miri għar-restawr addizzjonali billi jiġi emendat ir-Regolament. Il-JRC se jappoġġa lid-DG ENV, permezz ta' Arranġament Amministrattiv, biex jiżviluppa metodoloġija/i u linji bażi xierqa.

b) 2022-2024: Il-Kummissjoni se tiżviluppa gwida dwar il-miżuri ta' restawr u l-prattiki ta' ġestjoni tar-restawr biex tħeġġeġ u tippermetti lill-Istati Membri jibdew l-attivitajiet ta' restawr kmieni, inkluż għal dawk l-ekosistemi li għalihom għadha ma ġiet stabbilita l-ebda mira.

Wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament:

c) 2024: Permezz tal-komitoloġija, il-Kummissjoni se tadotta format uniformi għall-Pjanijiet Nazżjonali ta' Restawr (inklużi, eż. formati elettroniċi ta' rapportar għall-inventarju tal-ostakli tax-xmajjar) u format ta' rapportar.

d) 2024 u 2025: Il-Kummissjoni se tadotta gwida dwar l-interpretazzjoni tat-tipi ta' habitats tal-Anness II u dwar metodoloġija/i ġdida/ġodda għall-valutazzjoni tal-

kundizzjoni tal-ekosistemi (eż. ekosistemi tar-Reġjuni Ultraperiferiċi mhux koperti mid-Direttiva dwar il-Habitats), kif ukoll atti ta' implimentazzjoni dwar il-metodu għall-monitoraġġ tal-pollinaturi (il-metodu se jipprovdi approċċ standardizzat għall-ġbir ta' *data* annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' pollinaturi u għall-valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjoni ta' pollinaturi), u għall-metodi għall-monitoraġġ tal-indikaturi fl-ekosistemi agricoli u forestali.

L-Istati Membri għandhom jibdeu malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament jivvalutaw l-ekosistemi f'termini ta' żoni tal-ekosistema f'kundizzjoni tajba, f'kundizzjoni degradata, li ntilfu matul l-aħħar 70 sena u żoni li jkunu l-aktar xierqa għall-istabbiliment mill-ġdid tal-ekosistema.

e) 2026- 2027: Il-Kummissjoni se tirċievi mill-Istati Membri l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr (PNR) tagħhom, li huma għandhom jippreżentaw fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament. Il-PNR se jinkludu eż. ir-riżultati tal-valutazzjoni tal-ekosistemi, il-ħtiġijiet u l-miżuri ta' restawr ibbażati fuq iż-żona kwantifikati u spazjalment espliċiti bbażati fuq l-immappjar u l-inventarju, l-aspetti transkonfinali, iż-żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr, il-kostijiet tal-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ippjanati ta' wara r-restawr u l-mekkaniżmu ta' rieżami.

f) 2026-2027 (l-ewwel rawnd, aġġornamenti sussegwenti possibbli mill-Istati Membri): id-DĠ ENV, bl-appoġġ ta' esperti esterni (kuntratt) u l-EEA se jivvalutaw il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr sottomessi mill-Istati Membri.

g) 2026-2027: Akkwist (kuntratt ta' servizz) għal valutazzjoni tal-impatt (jew bosta) jew/u arranġament amministrattiv mal-JRC biex jiġu stabbiliti miri ġodda u linji bażi korrispondenti.

L-Istati Membri se jkollhom jirrapportaw mill-inqas kull tliet snin (li jibdeu ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament) dwar il-miżuri ta' restawr stabbiliti u dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ tagħhom.

h) Mill-2030, rikorrenti kull tliet snin: l-EEA għandha tfejji rapport ta' progress mal-Unjoni kollha bbażat fuq il-progress fil-livell tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri, ibbażat fuq il-miżuri ta' restawr u x-xejriet fil-kundizzjoni rrapportati mill-Istati Membri skont l-obbligi ta' rapportar tagħhom, kif ukoll ir-riżultati tax-xejra fl-istatus ta' konservazzjoni tal-habitats u tal-ispeċijiet abbażi tad-*data* ta' monitoraġġ irrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-Habitats u l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-Għasafar, u l-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, u l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2008/56/KE. Abbażi tar-rapport ta' progress tal-EEA għall-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew kull tliet snin dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

i) 2027 jew aktar tard: Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni(jiet) tal-impatt, il-Kummissjoni se tipproponi reviżjoni/emenda tar-Regolament sabiex tinkludi l-mira/i ġdida/ġodda.

Ladarba jiġu adottati l-miri l-ġodda ta' restawr, l-Istati Membri se jkollhom jirrieżaminaw u jadattaw il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr tagħhom kif xieraq.

j) 2033-2034: id-DĠ ENV, bl-appoġġ tal-EEA, se jivvaluta l-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr riveduti.

k) 2030-2050 (fuq bażi kontinwa): Id-DĠ ENV, bl-appoġġ tal-JRC u tal-EEA, se jimmonitorja l-implimentazzjoni tar-regolament fl-Istati Membri tal-UE biex jiżgura li jilħaq l-oġġettivi maħsuba tiegħu u li l-Istati Membri kollha tal-UE jimplementaw il-leġiżlazzjoni tal-UE

l) Sal-31 ta' Diċembru 2035, il-Kummissjoni se tirrieżamina l-implimentazzjoni tar-regolament u se tippreżenta rapport dwar ir-rieżami lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) se ttiprovdi appoġġ permezz tal-kompiti li ġejjin:

Qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolament (2022-2023):

Abbażi tal-avvanz tad-diskussjonijiet bejn il-koleġiżlaturi, l-EEA se tibda bl-azzjonijiet li ġejjin:

- Tiżviluppa formati u sistema ta' informazzjoni għall-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr (inklużi pjanijiet għat-tneħħija tal-ostakli għax-xmajjar);
- Tiżviluppa format u sistema ta' informazzjoni għar-rapportar perjodiku dwar il-miżuri implimentati u ż-żoni restawrati u stabbiliti mill-ġdid u dwar il-kundizzjoni tal-ekosistemi u tal-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet;
- tiżviluppa manwal ta' interpretazzjoni għat-tipi ta' habitats tal-Anness II;
- Tappoġġa fl-istabbiliment ta' metodoloġija għall-monitoraġġ tal-indikaturi u ta' valutazzjoni ta' kundizzjoni tajba għal dawk l-ekosistemi/habitats/speċijiet li għalihom dan għadu mhux disponibbli bħala bażi għall-istabbiliment tal-miri fil-pass 2 (eż. ċerti ekosistemi tar-Reġjuni Ultraperiferiċi): Dan il-kompitu se jsir f'kooperazzjoni mal-JRC u mad-DĠ ENV;

Wara d-dħul fis-seħħ (mistenni mill-2024):

- 2024-2026: Appoġġ għad-definizzjoni ta' miri marbuta maż-żoni għall-istabbiliment mill-ġdid: biex l-Istati Membri jiġu appoġġati fl-istima taż-żona li għandha tiġi stabbilita mill-ġdid biex tikseb Status ta' Konservazzjoni Favorevoli (it-tnejn tista' diġà tibda qabel id-dħul fis-seħħ);
- 2024-2050: L-irkupru/l-immaniġġjar/il-kontroll tal-kwalità u l-ġestjoni tad-*data* tas-sistemi/tar-rekwiżiti tar-rapportar elettroniku. Dan jinkludi l-pubblikazzjoni tad-*data* u l-iżgurar tal-aċċess għaliha (eż. mapep interattivi, dashboards, rapporti).
- Mill-2024: Il-monitoraġġ ta' ċerti miri eż. permezz ta' Copernicus, bħall-miri urbani dwar l-ispazju aħdar urban u l-kopertura urbana bis-siġar;
- 2024-2050 (fuq bażi kontinwa): Il-pubblikazzjoni, il-viżwalizzazzjoni u l-aċċess għad-*data* (rapporti, dashboards, mapep) li kull meta jkun possibbli jagħmlu użu mis-sistemi ta' informazzjoni eżistenti (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Bijodiversità għall-Ewropa, Ċentru ta' Għarfien għall-Bijodiversità, Sistema ta' Informazzjoni dwar l-Ilma għall-Ewropa, Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Foresti għall-Ewropa eċċ.);
- ~2026-2027 (l-ewwel rawnd): appoġġ fil-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr sottomessi mill-Istati Membri (flimkien mal-Kummissjoni u l-kuntrattur estern);

- Mill-2030, rikorrenti kull tliet snin: Valutazzjoni tar-rapporti ta' progress mill-Istati Membri dwar il-progress li sar fil-livell tal-Istati Membri u tal-Unjoni lejn l-ilfuq tal-miri, abbażi tal-miżuri ta' restawr u x-xejriet fil-kundizzjoni rrapportati mill-Istati Membri skont l-obbligi ta' rapportar tagħhom (bl-użu tal-format tar-rapportar żviluppat taħt it-tieni punt ta' din it-tabella), kif ukoll ir-riżultati tax-xejra fl-istatus ta' konservazzjoni tal-ħabitats u tal-ispeċijiet abbażi tad-*data* ta' monitoraġġ irrapportata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar il-ħabitats u l-Artikolu 12 tad-Direttiva dwar l-għasafar, u l-informazzjoni rrapportata skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2009/147/KE, u l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2008/56/KE.

- 2024-2050: Helpdesk għall-Istati Membri: appoġġ sistematiku lill-Istati Membri dwar il-mistoqsijiet aktar tekniċi li jikkonċernaw il-monitoraġġ, ir-rapportar, l-iffissar tal-miri, it-tnejn tal-Pjan Nazzjonali ta' Restawr.

F'diversi mill-passi ta' implimentazzjoni msemmija hawn fuq, l-użu tas-sejbiet tar-riċerka (eż. mill-IPBES u mill-programm qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni) u l-użu ta' għodod xjentifiċi (eż. immudellar, xenarji, rapporti tal-bord tal-esperti) se jappoġġaw u jikkomplementaw il-ħidma tal-EEA, tal-JRC u tad-DĠ ENV.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*):

- It-telfien tal-bijodiversità u d-degradazzjoni tal-ekosistema, inklużi l-pressjonijiet fuq l-ekosistemi, huma sfida fuq skala kbira u transkonfinali u ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod effiċjenti fil-livell tal-Istati Membri biss.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*):

- Hija meħtieġa azzjoni koordinata fil-livell tal-UE fuq l-iskala x-xierqa biex jinkisbu livelli sinifikanti ta' restawr u biex jibbenefikaw minn sinerġiji u titjib fl-effiċjenza. Pereżempju, ir-restawr ta' ekosistema waħda (u b'hekk l-appoġġ għall-bijodiversità tagħha) għandu effetti pożittivi fuq ekosistemi ġirien jew konnessi oħrajn u fuq il-bijodiversità tagħhom. Ħafna speċijiet jżviluppaw aħjar f'network konness ta' ekosistemi.

- L-azzjoni fil-livell tal-UE toħloq kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li tindirizza l-problema tal-“approfittar”, jiġifieri li xi Stati Membri li ma jidherx inizzjattivi biex jirrestawraw l-ekosistemi fit-territorji tagħhom stess jistgħu jiksibu vantaġġi inġusti fuq perjodu ta' żmien qasir fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jieħdu inizzjattiva biex jirrestawraw. Dan jista' jseħħ tipikament f'reġjuni transfruntiera.

- It-teħid ta' azzjoni ambizzjuża u koordinata dwar ir-restawr tal-bijodiversità u tal-ekosistema fil-livell tal-UE, se jagħti lill-UE l-kredibbiltà meħtieġa biex “tmexxi bl-eżempju u bl-azzjoni” fil-livell internazzjonali.

### 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Sa issa l-isforzi għar-restawr tal-ekosistema ma kinux biżżejjed. Ġew identifikati tliet fallimenti fil-politika:

1. Il-miri volontarji ma kinux effettivi. Il-mira volontarja tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità sal-2020 biex tirrestawra mill-inqas 15 % tal-ekosistemi degradati ma ntlaħqitx. L-istudju ta' evalwazzjoni ta' din l-istrateġija identifika, fost ir-raġunijiet għall-falliment fir-restawr tal-ekosistema, in-natura volontarja aktar milli legalment vinkolanti tal-miri. In-nuqqas sussegwenti ta' impenn u prijorità politika għall-attivitajiet ta' restawr kien ostaklu ewlieni, li wassal għal nuqqas ta' finanzjament u riżorsi allokatu għar-restawr. Min-naħa l-oħra, mira oħra tal-Istrateġija għall-Bijodiversità sal-2020, dwar speċijiet aljeni invażivi, li saret legalment vinkolanti, bl-adozzjoni ta' regolament ġdid, irriżultat fl-implimentazzjoni ta' din il-mira fil-biċċa l-kbira tagħha u f'benefiċċji li ma kinux jinkisbu kieku kienu volontarji.

2. Nuqqasijiet fil-leġislazzjoni eżistenti. L-evalwazzjoni tal-Istrateġija għall-Bijodiversità sal-2020 u ta' xi wħud mill-biċċiet ewlenin tal-leġislazzjoni żvelat problemi ta' implimentazzjoni, li jirriflettu l-kumplessità tal-kwistjonijiet eżistenti. Lil hinn minn dan, għad hemm għadd ta' nuqqasijiet, peress li l-aspetti tal-leġislazzjoni mhumiex speċifiċi biżżejjed (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD)), marbuta biż-żmien (id-Direttiva dwar il-Habitats (HD)) jew li jistgħu jitkejlu (MSFD) biex jintlaħqu l-oġettivi ta' restawr.

3. Nuqqas ta' approċċ komprensiv. L-ekosistemi huma ttrattati separatament minn biċċiet differenti ta' leġislazzjoni, u dan irriżulta f'xi sfidi għal implimentazzjoni koordinata. Id-Direttivi dwar l-Għasafar u l-Habitats (BHDs), id-WFD u l-MSFD huma ġeneralment koerenti, madankollu l-Kontroll tal-Idoneità tal-BHDs żvela xi sfidi fl-implimentazzjoni fejn dawn id-Direttivi jinteraġixxu, pereżempju korpi tal-ilma li l-istatus tagħhom jiddependi mill-habitats riparji tal-madwar tagħhom, u għandhom jiġu ttrattati b'mod integrat biex jintlaħqu oġettivi speċifiċi ta' restawr, bħal fil-każ tal-imqagħad.

### 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-inizjattiva taqa' taħt il-kappa tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-istrateġija ta' tkabbir sostenibbli tal-UE. Dan jinkludi l-oġettiv li jiġi żgurat li l-bijodiversità tal-UE tkun fit-triq lejn l-irkupru sal-2030, u li l-ekosistemi kollha tal-UE jiġu restawrati sal-2050. Dan jistabbilixxi miri vinkolanti għar-restawr f'kundizzjoni tajba ta' ekosistemi, habitats u speċijiet degradati. Dan isegwi wkoll u jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-ambizzjonijiet stabbiliti fl-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030.

L-inizjattiva taqa' taħt l-Intestatura 3 (Riżorsi Naturali u Ambjent), it-Titolu 9 (Ambjent u Azzjoni Klimatika) tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027. Il-leġislazzjoni se tgħin fil-mobilizzazzjoni tal-finanzjament bil-għan li tintlaħaq l-ambizzjoni li 7,5 % tal-infiq annwali taħt il-QFP jiġi pprovdut għall-oġettivi tal-bijodiversità fis-sena 2024 u 10 % tal-infiq annwali taħt il-QFP għall-oġettivi tal-bijodiversità fl-2026 u fl-2027, filwaqt li jitqiesu d-duplikazzjonijiet eżistenti bejn il-miri tal-klima u tal-bijodiversità.

Il-proposta tikkomplementa l-miżuri l-oħrajn deskritti fl-Istrateġija għall-Bijodiversità (BDS) 2030, b'mod partikolari: 1) Il-ħidma fi sħubija mal-industrija u

n-negozju biex tissaħħaħ il-governanza korporattiva sostenibbli; 2) l-iżvilupp ta' tassonomija tal-finanzi sostenibbli tal-UE u Strateġija ta' Finanzi Sostenibbli Mġedda biex jiġu żgurati investimenti li jiffavorixxu l-bijodiversità; 3) it-tiħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali għall-promozzjoni tal-adozzjoni ta' miżuri simili (dan jaqa' taħt il-Kapitolu 14 – Azzjoni Esterna – tal-QFP).

Il-BDS stabbiliet il-mira li jiġu żblukkati mill-inqas EUR 20 biljun fis-sena għall-infiq fuq in-natura, inklużi l-prijoritajiet ta' investiment għan-Natura 2000 u għall-infrastruttura ekoloġika, u li tiġi stabbilita, taħt Invest EU, inizjattiva ddedikata għall-kapital naturali u għall-ekonomija ċirkolari biex jiġu mmobilizzati mill-inqas EUR 10 biljun matul l-10 snin li ġejjin. Barra minn hekk, l-Istrateġija Mġedda għall-Finanzi Sostenibbli ta' Lulju 2021 tappoġġa l-attivitajiet ekonomiċi li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tistabilixxi qafas biex jiġi żgurat li s-sistema finanzjarja tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tar-riskji eżistenti u futuri għall-bijodiversità u tirrifletti aħjar kif it-telfien tal-bijodiversità jaffettwa l-profittabbiltà u l-prospetti fit-tul tal-kumpaniji.

Fil-perjodu 2021-2027, in-nefqa ta' appoġġ (għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri) se tkun koperta mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, mill-Fond Ewropew Reġjonali u għall-Iżvilupp, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE), mill-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (Orizzont Ewropa), mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura, mill-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd, mill-Programm Spazjali Ewropew, mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, mill-Fond Soċjali Ewropew Plus, InvestEU, mill-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, u mill-finanzjament nazzjonali mill-Istati Membri tal-UE u minn finanzjament privat.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

L-implimentazzjoni tal-proposta għal regolament ġdid se tinvolvi kompiti u attivitajiet ġodda għall-Kummissjoni. Dan se jeħtieġ riżorsi umani, appoġġ mill-EEA, riżorsi ta' akkwist għal kuntratturi esterni u arranġament amministrattiv wieħed jew aktar mal-JRC.

Fid-DĠ ENV, se jkunu meħtieġa ħames FTEs addizzjonali (4 AD + 1 AST) biex jiġi implimentat ir-regolament.

Il-kompiti ta' implimentazzjoni elenkati fil-punt 1.5.1 se jżidu b'mod sostanzjali l-ammont ta' xogħol tad-DĠ ENV pereżempju fuq:

- il-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr u tar-rapportar addizzjonali mill-Istati Membri (rapportar perjodiku dwar il-monitoraġġ u dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' restawr);
- l-iżvilupp tad-diversi atti ta' komitoloġija u l-emendi futuri tagħhom;
- il-ġestjoni tal-kumitat il-ġdid speċifiku maħluq skont din il-leġiżlazzjoni (mill-inqas 2 laqgħat fis-sena), kif ukoll laqgħat tal-gruppi ta' esperti;
- l-iżvilupp ta' diversi dokumenti ta' gwida u materjal ta' informazzjoni meħtieġa biex jappoġġaw lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-regolament il-ġdid.

Il-kompiti addizzjonali ta' ppjanar u rapportar għall-Istati Membri u l-flussi tad-*data* konsegwenti tagħhom se jeħtieġu t-tnejn, il-valutazzjoni u s-segwitu mid-DĠ ENV.

L-atti ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament kif ukoll l-emenda/i futura/i tal-att biex jiġu stabbiliti miri ġodda ta' restawr, se jinvolvu wkoll ammont ta' xogħol sinifikanti f'termini ta' thejjiġa u proċeduri leġiżlattivi. Għall-partijiet tal-ħidma (teknika) li se jiġu esternalizzati lil kuntratturi jew lill-EEA/JRC, id-DĠ ENV se jkollu bżonn ir-riżorsi biex jikkoordina, imexxi u jissorvelja din il-ħidma.

Il-piż politiku partikolari u l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tar-Regolament il-ġdid, li jmiss il-qasam ta' kompetenza ta' diversi servizzi oħra tal-Kummissjoni, se jeħtieġu ħafna thejjiġa u ħidma analitika għall-ġestjoni ta' aktar interazzjonijiet — kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak ta' ħidma — ma' dipartimenti oħra tal-Kummissjoni, mal-EEA, mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew, mal-partijiet ikkonċernati u mal-korpi tal-gvern tal-Istati Membri.

Il-kompiti kollha ta' hawn fuq jeħtieġu kapaċità għolja sostnuta ta' ġudizzju politiku, għarfien tal-politika, ħiliet analitiċi, indipendenza u reżiljenza matul l-implimentazzjoni fit-tul tal-leġiżlazzjoni, li għalihom huma meħtieġa uffiċjali permanenti tal-AD minflok aġenti kuntrattwali għal żmien qasir.

L-esternalizzazzjoni se tintuża kemm jista' jkun, iżda din tirrikjedi sorveljanza wkoll. Barra minn hekk, hemm kompiti ewlenin li jinvolvu livell għoli ta' sensitività politika u jeħtieġ li jitwettqu mill-Kummissjoni.

JRC:

Huwa previst arranġament amministrattiv wieħed jew aktar mal-JRC biex tiġi stabbilita metodoloġija għall-monitoraġġ, għall-għażla ta' indikaturi u għall-valutazzjoni ta' kundizzjoni tajba għal dawk l-ekosistemi li għalihom dan għadu mhuwiex disponibbli u għall-istabbiliment ta' miri ġodda u linji bażi korrispondenti fil-pass 2. Il-baġit stmat għal din l-attività huwa ta' EUR 350 000 fis-sena. Din l-istima hija bbażata fuq arranġamenti amministrattivi preċedenti u/jew kuntratti b'karatteristiċi simili.

Kuntratti ta' servizzi:

Diversi kompiti ta' implimentazzjoni se jeħtieġu appoġġ estern mill-konsulenti, pereżempju:

- il-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr (li jridu jiġu sottomessi mill-Istati Membri sal-bidu tal-2026<sup>115</sup>);

- l-iżvilupp ta' gwida dwar ir-restawr għall-Istati Membri;

Il-baġit meħtieġ għal dawn il-kuntratti huwa stmat għal EUR 600 000 fis-sena. Fl-ewwel snin, l-enfasi se tkun fuq l-iżvilupp ta' gwida, filwaqt li fis-snin ta' wara, l-enfasi se tkun fuq il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr (2026). Din l-istima hija bbażata fuq il-baġit meħtieġ għal komputu komparabbli skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, jiġifieri r-rieżami tal-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara.

Għall-akkwist (kuntratti ta' servizz) għal valutazzjoni tal-impatt waħda jew aktar għall-miri l-ġodda (pass 2), il-baġit stmat fuq 3 snin huwa ta' EUR 300 000 fis-sena.

<sup>115</sup>

Skont meta jidħol fis-seħħ ir-Regolament, li min-naħa tiegħu jiddependu fuq id-data tal-adozzjoni.



EEA:

L-EEA se tappoġġa lill-Kummissjoni fil-fażi preparatorja (2022-2023, minkejja li rizersi addizzjonali se jkunu disponibbli biss mill-2023) kif ukoll matul l-implimentazzjoni tar-regolament. Dan jinvolti ammont ta' xogħol sostanzjali f'għadd ta' kompiti ġodda għall-EEA (ara l-kompiti elenkati fil-punt 1.5.1). L-għadd stmat ta' FTEs addizzjonali meħtieġa fl-EEA għal dawn il-kompiti huwa ta' 7 aġenti temporanji (TA) + 5 aġenti kuntrattwali (CA). Minn dawn, TA wieħed se jkun fil-livell ta' AST biex jaħdem fuq kompiti ta' assistent (ġestjoni u appoġġ amministrattivi u finanzjarji). Barra minn hekk, l-EEA tkun teħtieġ baġit addizzjonali, prinċipalment, għall-infrastruttura tal-IT ta' EUR 1 433 000 sal-2027, għall-għarfien espert dwar l-ekosistema (EUR 150 000/sena sal-2027) u għal baġit operazzjonali ta' EUR 3 406 000 sal-2027.

L-istima hija bbażata fuq il-kapaċità u l-għarfien espert, kif ukoll fuq l-infrastruttura tal-IT meħtieġa biex jitwettqu dawn il-kompiti. Ara l-ġustifikazzjoni dettaljata hawn taħt.

Fl-EEA se jkunu meħtieġa l-profilu tal-persunal li ġejjin:

1. Qasam	2. Karigi addizzjonali	3. Baġit	4. Kompiti	5. Skeda ta' żmien
<p><b>Għarfien espert tematiku li jkopri l-“miri tal-ekosistemi”:</b></p> <p>L-għan ta' dawn il-karigi jkun li jipprovdu għarfien espert tematiku fil-fond fis-seba' “tipi ta' ekosistemi” kollha li għalihom l-NRL se jkollu miri (innota li xi esperti jistgħu jkopru aktar “tipi ta' ekosistemi” u “xi tipi ta' ekosistemi” jeħtieġu aktar minn espert wieħed, eż. pollinaturi). Dawn l-esperti mbagħad jipprovdu appoġġ f'firxa ta' 11-il komputu elenkati fit-tabella ta' hawn fuq.</p>	<p>5 AD6, bi kwalunkwe kombinazzjoni tal-għarfien espert li ġej:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Restawr tal-Art Mistagħdra (inkluż Tixrib mill-ġdid tat-torbieri, mraġ u artijiet mistagħdra kostali)</li> <li>- Restawr tal-Ekosistema tal-Foresti</li> <li>- Agroekosistemi u artijiet bil-ħaxix, inkluż artijiet moxa u xagħrijiet, għasafar tar-raba' tal-biedja</li> <li>- Restawr tal-Ilma Ħelu: lagi u habitats alluvjali, inklużi ostakli għax-xmajjar</li> <li>- Restawr tal-Ekosistema tal-Baħar inkluż Kostali</li> <li>- Restawr tal-Ekosistema Urbana</li> <li>- Pollinaturi</li> </ul>	<p>Baġit ta' EUR 150 000 fis-sena għall-appoġġ fuq l-għarfien espert f'dawk l-ekosistemi li ma jkollhomx rappreżentanza b'saħħitha fis-sitt impjegati jew li jkunu jeħtieġu xogħol addizzjonali eż., il-Baħar ikopri għadd kbir ta' ekosistemi li huma miġbura fi grupp wieħed, bl-istess mod il-Foresti u l-Agroekosistemi jkopru 85 % tal-erja tal-art tal-UE.</p>	<p>Għarfien espert tekniku ewleni meħtieġ f'tipi ta' ekosistemi ewlenin biex <b>imexxi</b> l-kompiti li ġejjin skont il-kompiti previsti fil-Liġi dwar ir-Restawr:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. Tmexxija tat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-format għall-Pjan Nazzjonali ta' Restawr għat-tipi ta' ekosistemi (jekk ir-riżorsi jistgħu jsiru disponibbli qabel l-implimentazzjoni)</li> <li>2. Appoġġ għad-definizzjoni ta' miri marbuta maż-żoni għall-istabbiliment mill-ġdid, għat-tip ta' ekosistema</li> <li>3. Tmexxija tat-tfassil tal-format tar-rappurtar</li> <li>6. Appoġġ għall-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr f'tip ewleni ta' ekosistema</li> <li>7. Tmexxija tal-valutazzjoni tar-rapporti ta' progress mill-Istati Membri</li> <li>9. Appoġġ għall-istabbiliment ta' metodu għall-monitoraġġ, indikaturi, u l-valutazzjoni ta' kundizzjoni tajba għal tipi ewlenin ta' ekosistemi.</li> <li>10. Tmexxija fuq it-tweġibiet ewlenin fil-Helpdesk għall-Istati Membri</li> </ol> <p>Barra minn hekk dawn il-pożizzjonijiet se jikkontribwixxu għal</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Appoġġ biex tiżdied il-kwalità tad-<i>data</i> riċevuta skont ir-rapportar tad-Direttivi dwar in-Natura li bħalissa hija nieqsa</li> <li>• Konnessjoni u koordinazzjoni mal-JRC fil-kompitu tagħhom li jiżviluppaw metodoloġiji għall-kejl tal-progress lejn ir-restawr</li> </ul>	<p>Mill-2023 'il quddiem: kompiti 1., 2., 3., 9., 10.</p> <p>2026-2027: komputu 6.</p> <p>Mill-2030 'il quddiem: task7</p>

	1 FGIV appoġġ għar-restawr tekniku		<p>Għarfien espert tekniku ewlieni meħtieġ biex <b>jappoġġa</b> l-kompiti previsti li ġejjin fil-Liġi dwar ir-Restawr:</p> <p>7. Appoġġ għall-valutazzjoni tar-rapporti ta' progress mill-Istati Membri, b'mod partikolari dwar ekosistemi ewlenin akbar</p> <p>8. Appoġġ fil-monitoraġġ tal-miri urbani</p> <p>9. L-istabbiliment ta' metodu għall-monitoraġġ, l-indikaturi u l-valutazzjoni ta' kundizzjoni tajba</p> <p>10. appoġġ għall-HELPDESK għall-Istati Membri, barra minn hekk, dawn l-esperti tekniċi tematiċi se jipprovdu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Appoġġ addizzjonali għall-għarfien espert tekniku meħtieġ fil-monitoraġġ fost it-tipi ta' ekosistemi</li> <li>• QA/QC tad-<i>data</i> teknika miġbura</li> </ul>	
	1 AST biex jipprovdi appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni finanzjarja.			
<p><b>Għarfien espert fl-analitika tad-<i>data</i> (bażijiet tad-<i>data</i>, GIS, rapportar, analiżi eċċ.) biex jiġi appoġġat ir-rapportar eċċ.:</b></p> <p>L-għan ta' dawn il-karigi jkun li jipprovdu l-appoġġ għall-analitika tad-<i>data</i> meħtieġ għall-fini tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-progress dwar l-NRL u dwar il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr. Dan il-qasam ta' ħidma jkopri r-rapportar (l-irkupru/l-</p>	1 FG-IV għall-appoġġ tad- <i>data</i> għar-rapportar, għall-bażijiet tad- <i>data</i> u viewers, għall-analiżijiet tad- <i>data</i> eċċ.	<p>Kostijiet tal-bidu tal-qafas ta' rapportar 600k għall-bini fuq l-iżvilupp attwali tal-infrastruttura tal-IT</p> <p>Kostijiet taż-żamma fis-sena 200k fis-sena</p>	<p>Kompiti ta' tmexxija fit-tfassil tal-kondiviżjoni tad-<i>data</i> pubblika f'ħin reali. Dan jinkludi wkoll il-kompiti previsti kif imsemmi hawn fuq:</p> <p>4. Appoġġ fl-irkupru/fl-immaniġġjar/fil-kontroll tal-kwalità tad-<i>data</i>. Dan jinkludi l-appoġġ għas-Sistema ta' Informazzjoni u l-kostijiet tal-IT għall-QA/QC</p> <p>5. Pubblikazzjoni u aċċess pubbliku għad-<i>data</i> (eż. mapep interattivi, dashboards, rapporti?) u ż-żamma tal-bażijiet tad-<i>data</i></p> <p>8. Appoġġ Tekniku fil-monitoraġġ tal-miri urbani.</p> <p>10. L-istabbiliment u ż-żamma tal-helpdesk għall-Istati Membri</p>	<p>Qabel l-implimentazzjoni 2022</p> <p>Żamma skont il-Liġi dwar ir-Restawr</p>

<p>immaniġġjar/il-kontroll tal-kwalità tad-<i>data</i>), l-appoġġ għas-Sistemi tal-informazzjoni (eż. viewers, dashboards, mapep interattivi), l-appoġġ għall-analitika tad-<i>data</i> inkluż il-GIS. Is-Servizzi tad-<i>Data</i> u tal-<i>Informazzjoni</i> (DIS) tal-EEA bħalissa huma mgħobbija żżejjed u riżorsi addizzjonali suffiċjenti ta' appoġġ tal-IT se jkunu kritiċi għall-EEA biex tieħu dawn il-kompiti l-ġodda.</p>	<p>2 esperti statistiċi FG-IV għall-GIS</p>		<p>Espert tekniku relatat ma'</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Immappjar spazjali tat-tipi ta' ekosistemi biex tiġi vvalutata ż-żona taħt restawr</li> <li>• Immappjar tal-inventarji tax-xmajjar u mmappjar tad-<i>data</i> ta' monitoraġġ (statistika u interpolazzjoni)</li> </ul>	
<p><b>Koordinazzjoni u ġestjoni ġenerali għar-rapportar tal-koordinazzjoni, l-Eionet, il-koordinazzjoni tal-Istati Membri</b></p> <p>L-għan ta' din il-kariga jkun li tmexxi l-koordinazzjoni ġenerali tal-proċess ta' rapportar fejn il-biċċa l-kbira tal-ħidma se ssir mill-kariga elenkata hawn fuq.</p>	<p>1 AD7 ġestjoni u koordinazzjoni tar-rieżami tal-PNR, il-bini tal-kapaċità lill-Istati Membri fl-iżvilupp, ir-rieżami u l-implimentazzjoni tal-PNR</p>	<p>Laqgħat 20k fis-sena Komunikazzjonijiet</p>	<p>Dan l-espert ewlieni se jkun funzjoni ta' koordinatur li se tgħin fil-koordinazzjoni tar-rieżami tal-PNR, l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità lill-Istati Membri, u l-implimentazzjoni tal-PNR. Huwa previst ukoll li din il-persuna se taħdem fuq il-kompiti li ġejjin:</p> <p>5. Pubblikazzjoni u aċċess għad-<i>data</i> (eż. mapep interattivi, dashboards, rapportar)</p> <p>6. Appoġġ fil-valutazzjoni tal-Pjanijiet Nazzjonali ta' Restawr</p> <p>7. Appoġġ għall-valutazzjoni tar-rapporti ta' progress mill-Istati Membri</p> <p>10. Koordinazzjoni tal-helpdesk għall-Istati Membri</p>	<p>Bidu tal-implimentazzjoni</p>
<p><b>SUBTOTAL</b></p>	<p><b>1 x AD 7 5 x AD 6 1 x AST 4 x FGIV</b></p>	<p><b>Kuntratt ta' servizz (għarfien espert dwar l-ekosistema): EUR 150k/sena Kostijiet tal-IT: 600k fil-bidu +</b></p>		

		200k / sena ta' implimentazzjoni		
<b>Appoġġ addizzjonali għall-pollinaturi – network ta' monitoraġġ għall-pollinaturi</b>	1 FGIV pollinaturi/metodi statistiċi		<ul style="list-style-type: none"> <li>Konnessjoni u koordinazzjoni mal-esperti tal-JRC dwar il-pollinaturi</li> </ul>	
<b>TOTAL</b>	<b>1 x AD 7</b> <b>5 x AD 6</b> <b>1 x AST</b> <b>5 x FGIV</b>			

### 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

- durata limitata
  - fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
  - Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.
- durata mhux limitata
  - Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-01/01/2022 sal-01/01/2024,
  - segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)<sup>116</sup>

- Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni
  - mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
  - mill-aġenziji eżekuttivi
- Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri
- Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:
  - lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
  - lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
  - lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
  - lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
  - lill-korpi tal-liġi pubblika;
  - lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
  - lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
  - lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
  - Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprova d-dettalji fit-taqsimha "Kummenti".

Kummenti

---

<sup>116</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

## **2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

### **2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-inizjattiva tinvolvi l-akkwist, l-arranġamenti amministrattivi, iż-żieda tal-kontribuzzjoni lill-EEA u l-impatt fuq il-COM HR. Japplikaw regoli standard għal din it-tip ta' nefqa.

### **2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

#### **2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta**

N/A – ara hawn fuq

#### **2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom**

N/A – ara hawn fuq

#### **2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)**

N/A – ara hawn fuq

### **2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

N/A – ara hawn fuq

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff <sup>117</sup>	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>118</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>119</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	09 02 01 Natura u bijodiversità	Diff.	IVA	LE	/LE	LE
3	09 10 02 Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	Diff.	IVA	IVA	LE	LE
7	20 01 02 01 – Rimunerazzjoni u gratifiki	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 01 01 Persunal bil-kuntratt	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba: mhux applikabbli

<sup>117</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>118</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>119</sup> Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.



### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	3	Intestatura 3: Riżorsi naturali u ambjent
--	---	---

DĠ: ENV			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali									
09 02 01 Natura u bijodiversità	Impenji	(1a)	0,950	0,950	0,950	1,250	1,250	1,250	<b>6,600</b>
	Pagamenti	(2 a)	0,950	0,950	0,950	1,250	1,250	1,250	<b>6,600</b>
Linja baġitarja	Impenji	(1b)							
	Pagamenti	(2b)							
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiki <sup>120</sup>									
Linja baġitarja		(3)							
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ ENV</b>	Impenji	=1a+1b +3	0,950	0,950	0,950	1,250	1,250	1,250	<b>6,600</b>
	Pagamenti	=2a+2b +3	0,950	0,950	0,950	1,250	1,250	1,250	<b>6,600</b>

<sup>120</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

L-ammont irrapportat hawn fuq se jkun meħtieġ sabiex jappoġġa diversi kompiti ta' implimentazzjoni relatati mad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi li se jitwettqu mid-DĠ ENV u I-JRC.

L-attivitajiet akkwistati jinkludu kuntratt ta' appoġġ ġenerali għall-implimentazzjoni tal-NRL u kuntratti ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt għall-istabbiliment ta' miri ġodda ta' restawr.

Barra minn hekk, f'din il-kategorija ġie inkluż/ġew inklużi arranġament(i) amministrattiv(i) mal-JRC, b'mod partikolari biex jiġi stabbilit metodu għall-monitoraġġ, indikaturi, u l-valutazzjoni ta' kundizzjoni tajba għall-miri għar-restawr li għalihom dan għadu ma jeżistix, kif ukoll għat-tħejjija u l-appoġġ fl-istabbiliment tas-sistema ta' monitoraġġ għal ċerti miri.

		Il-kostijiet kollha ħlief HR u Amministrattivi						(miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali))	
Kompiti	Riżorsi	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL	
Appoġġ ġenerali għall-implimentazzjoni tal-NRL (għall-valutazzjoni tal-PNR, għall-iżvilupp ta' gwida għall-Istati Membri...)	Kuntratt ta' servizz/ Esperti esterni	0,600	0,600	0,600	0,600	0,600	0,600	<b>3,600</b>	
L-istabbiliment ta' metodoloġija għall-monitoraġġ, l-indikaturi u l-valutazzjoni ta' kundizzjoni tajba. It-tħejjija u l-appoġġ fil-monitoraġġ għal ċerti miri għar-restawr.	Arranġament amministrattiv bejn I-ENV u I-JRC	0,350	0,350	0,350	0,350	0,350	0,350	<b>2,100</b>	
Valutazzjoni tal-impatt ta' miri ġodda ta' restawr	Kuntratt(i) ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt				0,300	0,300	0,300	<b>0,900</b>	
<b>TOTAL:</b>		<b>0,950</b>	<b>0,950</b>	<b>0,950</b>	<b>1,250</b>	<b>1,250</b>	<b>1,250</b>	<b>6,600</b>	

miljuni ta' EUR (aġġustati '1 fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali			3	Riżorsi Naturali u Ambjent					
EEA				2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal	Impenji	(1)		1,023	2,086	2,128	2,170	2,214	9,621
	Pagamenti	(2)		1,023	2,086	2,128	2,170	2,214	9,621
Titolu 2: Infrastruttura, nefqa amministrattiva	Impenji	(1a)		0,275	0,281	0,287	0,292	0,298	1,433
	Pagamenti	(2 a)		0,275	0,281	0,287	0,292	0,298	1,433
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(3 a)		1,004	0,587	0,596	0,605	0,614	3,406
	Pagamenti	(3b)		1,004	0,587	0,596	0,605	0,614	3,406
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-EEA</b>	Impenji	=1 + 1a + 3a		2,302	2,954	3,011	3,067	3,126	14,460
	Pagamenti	=2 + 2a + 3b		2,302	2,954	3,011	3,067	3,126	14,460

### Noti dwar in-nefqa tal-EEA:

**Titolu 1** Il-kost għal kull FTE huwa kkalkolat:

- għall-aġenti temporanji (AD/AST) bil-kost medju tal-persunal ta' EUR 157 000/sena mmultiplikata b'1,342 (koeffiċjenti għall-kost tal-ġhajxien f' Copenhagen);
- għall-aġenti kuntrattwali bil-kost medju tal-persunal ta' EUR 85 000/sena x 1,342.
- b'rata annwali ta' inflazzjoni ta' 2 % applikata mill-2024.
- fl-ewwel sena (2023) il-kostijiet tal-persunal jingħaddu biss għal nofs sena fuq is-suppożizzjoni li mhux il-persunal kollu se jkun impjegat diġà f' Jannar 2023.

**Titolu 2:** Dan it-titolu jinkludi l-utilitajiet, il-kiri, u s-servizzi, u l-ħtiġijiet tal-IT u tal-komunikazzjoni tal-utent finali eż. laptops, liċenzji tas-software, telefonija, hosting. Il-kostijiet huma aġġustati b'rata ta' inflazzjoni ta' 2 % fis-sena.

Il-kostijiet tat-**Titolu 3** jinkludu:

- Il-kostijiet tal-IT meħtieġa għall-QA u l-QC tad-*data* miġbura mill-Istati Membri (EUR 600k għall-iżvilupp u l-istruttura inizjali tas-sistema tal-IT, żamma annwali ta' 200k). L-EEA se tipprova tuża esperti esterni tal-IT (*intra jew extra muros*, sabiex ikunu jistgħu jinkisbu aktar effiċjenzi). Jekk jogħġbok innota li dawn il-kostijiet huma addizzjonali għall-kostijiet tal-IT tat-Titolu 2 li huma relatati mal-bażijiet tad-*data* eżistenti u s-sistemi tal-IT tal-EEA.
- Aġġornament annwali tas-sistema ta' informazzjoni speċifika għall-NRL għall-hosting tagħha u prinċipalment għall-preżentazzjoni tad-*data* u applikazzjonijiet oħra ta' komunikazzjoni (EUR 200k).
- Kuntratti ta' appoġġ għall-għarfien espert dwar l-ekosistema (kuntratti ta' servizz, studji): EUR 150 000 fis-sena.
- L-iżvilupp u l-produzzjoni ta' disa' indikaturi, flimkien ma' indikatur wieħed kompost (60 paġna): EUR 15 000 fis-sena
- Attivitajiet ta' komunikazzjoni: pubblikazzjoni ta' rapport prinċipali wieħed fis-sena (diġitali, mhux fuq il-karta): EUR 15 000 fis-sena
- Laqgħat ta' Eionet, laqgħa fiżika waħda fis-sena EUR 20 000

Iż-żieda meħtieġa tal-kontribuzzjoni tal-UE għall-EEA se tiġi kkompensata bi tnaqqis korrispondenti fil-pakkett tal-programm LIFE (linja baġjarja 09.0201 - *Natura u Biodiversità*).

EUR (miljuni)

			2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)							
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 3 (ENV + EEA) tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	=4+ 6	<b>0,950</b>	<b>3,252</b>	<b>3,904</b>	<b>4,261</b>	<b>4,317</b>	<b>4,376</b>	<b>21,060</b>
	Pagamenti	=5+ 6	<b>0,950</b>	<b>3,252</b>	<b>3,904</b>	<b>4,261</b>	<b>4,317</b>	<b>4,376</b>	<b>21,060</b>

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)							
	Pagamenti	(5)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)							

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 6 (ENV + EEA)</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	<b>0,950</b>	<b>3,252</b>	<b>3,904</b>	<b>4,261</b>	<b>4,317</b>	<b>4,376</b>	<b>21,060</b>
	Pagamenti	=5+ 6	<b>0,950</b>	<b>3,252</b>	<b>3,904</b>	<b>4,261</b>	<b>4,317</b>	<b>4,376</b>	<b>21,060</b>

<b>Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	<b>7</b>	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Din it-taqsimha għandha timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kolloxx, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
<b>DĠ: ENV</b>												
• Riżorsi umani				0,785	0,85	0,785	0,785	0,785				<b>3,925</b>
• Nefqa amministrattiva oħra <sup>121</sup>				0,114	0,114	0,114	0,114	0,114				<b>0,570</b>
<b>TOTAL TAD-DĠ ENV</b>		Appropriazzjonijiet		0,899	0,899	0,899	0,899	0,899				<b>4,495</b>

Il-kost għal kull FTE (AD/AST) huwa kkalkolat għal EUR 157 000/sena. In-nefqa amministrattiva oħra tinkludi l-laqgħat tal-Kumitat u tal-gruppi ta’ esperti, il-missjonijiet u kostijiet oħra assoċjati ma’ dan il-persunal.

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)		0,899	0,899	0,899	0,899	0,899	0,899				<b>4,495</b>
---	---	--	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--	--	--	--------------

<sup>121</sup> L-appropriazzjonijiet amministrattivi meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-appropriazzjonijiet li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġew riallokati, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura ta’ allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji eżistenti.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	0,950	4,151	4,803	5,160	5,216	5,275	<b>25,555</b>
	Pagamenti	0,950	4,151	4,803	5,160	5,216	5,275	<b>25,555</b>

### 3.2.2. Output smat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	Tip <sup>122</sup>	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 <sup>123</sup> ...																			
- Output																			
- Output																			
- Output																			
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																			

<sup>122</sup> L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>123</sup> Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi ..."

OBJETTIV SPECĪFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
<b>TOTALI</b>																		



### 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani

#### FI-EEA

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

#### Rekwiżiti tal-persunal fl-EEA (miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali))

	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)		0,632	1,289	1,315	1,342	1,368	5,947
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)		0,105	0,215	0,219	0,224	0,228	0,991
Aġenti kuntrattwali		0,285	0,582	0,593	0,605	0,617	2,683
Esperti Nazzjonali Sekondati							
<b>TOTAL</b>		<b>1,023</b>	<b>2,086</b>	<b>2,128</b>	<b>2,170</b>	<b>2,214</b>	<b>9,621</b>

Il-kost għal kull FTE jiġi kkalkolat:

- għall-aġenti temporanji (AD/AST) bil-kost medju tal-persunal ta' EUR 157 000/sena mmultiplikat b'1,342 (koeffiċjenti għall-kost tal-għajxien f' Copenhagen);
- għall-aġenti kuntrattwali bil-kost medju tal-persunal ta' EUR 85 000/sena x 1,342.
- fl-ewwel sena (2023) il-kostijiet tal-persunal jingħaddu biss għal nofs sena fuq is-suppożizzjoni li mhux il-persunal kollu se jkun ġie impjegat diġà f' Jannar 2023

#### Rekwiżiti tal-persunal fl-EEA (f'FTE)

	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Aġenti temporanji (1 Grad ta' AD7 + 5 Grad ta' AD6)		6	6	6	6	6	
Aġenti temporanji (Grad ta' AST)		1	1	1	1	1	
Aġenti kuntrattwali (3 Grad ta' GF-4 u 1 Grad ta' GF-3)		5	5	5	5	5	
Esperti Nazzjonali Sekondati							
<b>TOTAL</b>		12	12	12	12	12	

*Fil-Kummissjoni*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

		Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	
		<b>• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)</b>							
20 01 02 01	(Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	65,0	65,0	65,0	65,0	65,0	65,0		
20 01 02 03	(Delegazzjonijiet)								
01 01 01 01	(Riċerka indiretta)								
01 01 01 11	(Riċerka diretta)								
		<b>• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full-Time: FTE)<sup>124</sup></b>							
20 02 01	(AC, END, INT mill-"pakkett globali")								
20 02 03	(AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)								
XX 01 xx yy zz <sup>125</sup>	- fil-Kwartieri Ġenerali								
	- fid-Delegazzjonijiet								
01 01 01 02	(AC, END, INT - Riċerka indiretta)								
01 01 01 12	(AC, END, INT - Riċerka diretta)								
<b>TOTAL</b>		65,0	65,0	65,0	65,0	65,0	65,0		

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	Għad-DĠ ENV, hemm bżonn ta' erba' karigi AD għall-implimentazzjoni ġenerali tar-Regolament, u biex tiġi żgurata l-kontinwità għall-proċeduri ta' thejġija, abbozzar u approvazzjoni ta' leġislazzjoni sekondarja skont l-iskadenzi proposti fir-Regolament.  Barra minn hekk, huwa meħtieġ AST wieħed biex jappoġġa l-implimentazzjoni ġenerali tal-leġislazzjoni.
Persunal estern	Mhux applikabbli

<sup>124</sup> AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondarju; INT = persunal tal-aġenziji; JPD= Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

<sup>125</sup> Sublimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Il-kompiti addizzjonali li għandha tassumi l-Kummissjoni, jirrikjedu ħtiġijiet addizzjonali għar-riżorsi fir-rigward tal-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. Dawn se jiġu ffinanzjati mil-linja baġitarja 09.0201 – LIFE Natura u Bijodiversità.

Il-kostijiet previsti taħt il-linja baġitarja 09 02 01 se jitħallsu mill-programm LIFE u se jiġu ppjanati taħt l-eżerċizzji tal-pjan ta' ġestjoni annwali tad-DG ENV. Ir-riżorsi umani meħtieġa għandhom preferibbilment jiġu ssodisfati b'allokazzjoni addizzjonali taħt il-proċedura ta' allokazzjoni annwali tar-riżorsi umani.

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhom meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhom meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

*Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N <sup>126</sup>	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament						
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati						

<sup>126</sup> Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa   
miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva <sup>127</sup>					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu .....									

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

<sup>127</sup> Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.